MT

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 27.1.2011
KUMM(2011) 15 finali

# KTIBA ĦADRA

## dwar l-immodernizzar tal-politika tal-UE dwar l-akkwist pubbliku
## Lejn Suq Ewropew tal-Akkwist iżjed effiċjenti

MT MT

## WERREJ


1. Dwar xiex jittrattaw ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku? ... 6

1.1. Attivitajiet ta’ Xiri ... 6

1.2. Kuntratti pubbliċi ... 7

1.3. Akkwirenti pubbliċi ... 10

2. Titjib tal-għodda tal-awtoritajiet kontraenti ... 13

2.1. Modernizzar tal-proċeduri ... 13

2.2. Strumenti speċifiċi għal awtoritajiet kontraenti żgħar ... 19

2.3. Koperazzjoni pubblika-pubblika ... 21

2.4. Għodod xierqa għall-aggregazzjoni tad-domanda / Akkwist konġunt ... 23

2.5. Indirizzar ta’ preokkupazzjonijiet relatati mal-eżekuzzjoni tal-kuntratti ... 25

3. Suq Ewropew tal-akkwist iżjed aċċessibbli ... 28

3.1. Aċċess aħjar għall-SMEs u n-Negozji ġodda ... 28

3.2. Żgurar ta’ kompetizzjoni ġusta u effikaċi ... 31

3.3. Akkwist fil-każ ta’ assenza ta’ kompetizzjoni/drittijiet esklużivi ... 33

4. Użu strateġiku tal-akkwist pubbliku bħala reazzjoni għal sfidi ġodda ... 34

4.1. "Kif isir ix-xiri" sabiex jinkisbu l-objettivi tal-Ewropa 2020 ... 36

4.2. "X’għandu jinxtara" bħala appoġġ għall-objettivi ta' politika ta’ Ewropa 2020 ... 42

4.3. Innovazzjoni ... 46

4.4. Servizzi soċjali ... 48

5. Żgurar ta’ proċeduri tajba ... 50

5.1. Prevenzjoni ta’ kunflitti ta’ interess ... 50

5.2. Ġlieda kontra l-favoritiżmu u l-korruzzjoni ... 51

5.3. Esklużjoni ta’ offerenti "ħżiena" ... 53

5.4. Evitar ta’ żvantaġġi inġusti ... 54

6. Aċċess għal fornituri ta’ pajjiżi terzi għas-suq tal-UE ... 55

**KTIBA ĦADRA**

**dwar l-immodernizzar tal-politika tal-UE dwar l-akkwist pubbliku**
**Lejn Suq Ewropew tal-Akkwist iżjed effiċjenti**

L-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inkluživ[1], tistabilixxi viżjoni għal ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva fl-Ewropa għall-għaxar snin li ġejjin li tenfasizza tliet prijoritajiet interkonnessi u li jsaħħu lil xulxin: l-iżvilupp ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien u l-innovazzjoni; il-promozzjoni ta' ekonomija b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva; u t-trawwim ta' ekonomija b'livell għoli ta' okkupazzjoni li toħloq koeżjoni soċjali u territorjali.

L-akkwist pubbliku għandu rwol prinċipali fl-istrateġija tal-Ewropa 2020 bħala wieħed mill-istrumenti bbażati fuq is-suq li għandu jintuża biex jinkisbu dawn l-objettivi. Aktar speċifikament, l-istrateġija tal-Ewropa 2020 tappella biex l-akkwist pubbliku:

° jippromwovu kundizzjonijiet qafas għall-innovazzjoni fin-negozju, bl-użu sħiħ tal-politika tad-domanda[2],

° jappoġġjaw iċ-ċaqliq lejn ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, eż. billi jinkoraġġixxu użu usa' ta' akkwist pubbliku ekoloġiku, u

° itejbu l-ambjent tan-negozju, speċjalment għal SMEs innovattivi.

L-istrateġija Ewropa 2020 tenfasizza wkoll li l-politika dwar l-akkwist pubbliku għandha tiżgura l-użu l-aktar effiċjenti tal-fondi pubbliċi u li s-swieq tal-akkwist għandhom jinżammu miftuħin mal-UE kollha. Il-kisba ta' eżiti ottimali tal-akkwist permezz ta' proċeduri effiċjenti hija ta' importanza kruċjali fil-kuntest tar-restrizzjonijiet severi tal-baġit u d-diffikultajiet ekonomiċi f'ħafna Stati Membri tal-UE. Fid-dawl ta' dawn l-isfidi, hemm bżonn aktar minn qatt qabel għal Suq tal-Akkwist Ewropew li jiffunzjona u li jkun effiċjenti, u li jista' jwassal għall-kisba ta' dawn l-għanijiet ambizzjużi.

Bosta partijiet interessati talbu reviżjoni tas-sistema tal-akkwist pubbliku tal-UE sabiex jiżdiedu l-effiċjenza u l-effikaċja. Il-Kummissjoni għalhekk ħabbret fl-Att tas-Suq Uniku[3] li għandha tmexxi konsultazzjoni wiesgħa sabiex tagħmel proposti leġiżlattivi sa kmieni fl-2012, bil-għan li tissimplifika u taġġorna l-leġiżlazzjoni Ewropea dwar l-akkwist pubbliku sabiex l-għoti tal-kuntratti ikun aktar flessibbli u sabiex isir użu aħjar mill-kuntratti pubbliċi fl-appoġġ ta' politiki oħra.

---

[1] Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 COM(2010) 2020.

[2] Dan huwa kopert ukoll mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Unjoni Innovattiva" - SEC(2010) 1161- waħda mill-inizjattivi ewlenin tal-Ewropa 2020, li tindirizza l-użu strateġiku tal-akkwist pubbliku għall-promozzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni. Tappella lill-Istati Membri biex iżommu parti mill-baġits tagħhom tal-akkwist għar-riċerka u l-innovazzjoni u tinforma li l-Kummissjoni se tipprovdi mekkaniżmi ta' gwida u appoġġ għall-awtoritajiet kontraenti.

[3] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Lejn Att dwar is-Suq Uniku – Għal ekonomija soċjali tas-suq ferm kompetittiva, tas-27 ta' Ottubru 2010 - COM(2010) 608.

Il-ġenerazzjoni attwali ta' Direttivi dwar l-akkwist pubbliku, jiġifieri d-Direttivi 2004/17/KE[4] u 2004/18/KE[5], huma l-aħħar pass f'evoluzzjoni twila li bdiet fl-1971 bl-adozzjoni tad-Direttiva 71/305/KEE[6]. Permezz tal-garanzija ta' proċeduri trasparenti u nondiskriminatorji, dawn id-Direttivi għandhom l-għan prinċipali li jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi jibbenefikaw bis-sħiħ mil-libertajiet bażiċi fil-qasam tal-akkwist pubbliku. Id-Direttivi attwali jsemmu wkoll numru ta' objettivi relatati mal-integrazzjoni ta' politiki oħra f'dan il-qasam, bħall-protezzjoni tal-ambjent u l-istandards soċjali[7] jew il-ġlieda kontra l-korruzzjoni[8].

Minħabba r-rwol ewlieni tal-akkwist pubbliku sabiex jintlaħqu l-isfidi tal-lum, l-għodod u l-metodi eżistenti għandhom jiġu mmodernizzati sabiex ikunu aktar adattati biex jittrattaw il-kuntest politiku, soċjali u ekonomiku li qed jevolvi. Għandhom jintlaħqu ħafna objettivi kumplimentari:

L-ewwel objettiv huwa ż-żieda fl-effiċjenza tal-infiq pubbliku. Dan jinkludi min-naħa waħda, it-tiftix għall-aħjar eżiti fl-akkwist possibbli (l-aħjar valur għall-flus). Biex tintlaħaq din il-mira, huwa essenzjali li tiġi ġġenerata l-aqwa kompetizzjoni possibbli għall-kuntratti pubbliċi mogħtija fis-suq intern. L-offerenti jridu jingħataw l-opportunità jikkompetu fuq livell ekwu u jridu jiġu evitati d-distorsjonijiet għall-kompetizzjoni. Fl-istess waqt, huwa kruċjali li tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri tal-akkwist bħal: Proċeduri tal-akkwist armonizzati ma' miżuri ta' simplifikazzjoni mirati li jissodisfaw il-bżonnijiet speċifiċi ta' awtoritajiet kontraenti żgħar jistgħu jgħinu ll-akkwirenti pubbliċi jiksbu l-aħjar eżiti possibbli fl-akkwist bl-inqas investiment possibbli f'termini ta' żmien u flus pubbliċi. Proċeduri iżjed effiċjenti għandhom ikunu ta' benefiċċju għall-operaturi ekonomiċi kollha u jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni kemm tal-SMEs kif ukoll ta' offerenti transfruntieri. Fil-fatt, il-parteċipazzjoni transfruntiera fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku tal-UE tibqa' baxxa[9]. Il-paragun mas-settur privat, fejn il-kummerċ transfruntier huwa ogħla, juri li għad hemm potenzjal konsiderevoli biex jiġi sfruttat. Dan l-objettiv ta' akkwist pubbliku iżjed effiċenti huwa indirizzat l-iżjed permezz tal-mistoqsijiet fil-partijiet 2 (titjib tal-għodda tal-awtoritajiet kontraenti) u 3 (suq tal-akkwist Ewropew iżjed aċċessibbli) tal-Ktiba Ħadra.

---

4 Id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1). Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1177/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jemenda d-Direttivi 2004/17/KE, 2004/18/KE u 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti ta' applikazzjonijiet għall-proċeduri tal-għoti tal-kuntratti (ĠU L 314 , 1.12.2009, p. 64).

5 Id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114). Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1177/2009. It-test li ġej juża bħala l-punt tat-tluq tiegħu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/18/KE; madankollu, sakemm mhux dikjarat espliċitiment mod'ieħor, dan jista' jiġi mifhum bħala referenza – *mutatis mutandis* – għad-dispożizzjonijiet korrispondenti tad-Direttiva 2004/17/KE. It-terminu "awtorità kontraenti" għalhekk jista' jiġi mifhum li jirreferi kemm għall-korpi li l-akkwist tagħhom huwa soġġett għad-Direttiva 2004/18/KE kif ukoll għall-"entitajiet kontraenti" taħt id-Direttiva 2004/17/KE.

6 Id-Direttiva 71/305/KEE tas-26 ta' Lulju 1971 li tikkordina l-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi (ĠU Nru L 185, 16.8.1971, p. 5).

7 Ara l-Premessi 5 u 46 tad-Direttiva 2004/18/KE u l-Premessi 12 u 55 tad-Direttiva 2004/17/KE.

8 Ara l-Premessa 43 tad-Direttiva 2004/18/KE u l-Premessa korrispondenti 40 tad-Direttiva 2004/17/KE.

9 Skont studji reċenti, huma biss 1.6 % tal-kuntratti pubbliċi li jingħataw lil operaturi minn Stati Membri oħra. Il-parteċipazzjoni transfruntiera indiretta – permezz ta' affiljati jew sħab korporattivi stabiliti fl-Istat Membru tal-awtorità kontraenti – hija iżjed frekwenti. Madankollu, anki r-rata tal-għoti transfruntier indirett baqgħet relattivament baxxa (11 %).

Objettiv kumplimentari ieħor huwa li l-akkwirenti jkunu jistgħu jagħmlu użu aħjar mill-akkwist pubbliku biex jappoġġjaw għanijiet soċjetali komuni: Dawn jinkludu l-ħarsien tal-ambjent, effiċjenza ogħla tar-riżorsi u tal-enerġija u l-ġlieda kontra l-bidla klimatika, il-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-inklużjoni soċjali, u l-iżgurar tal-aħjar kundizzjonijiet possibbli għall-provvista ta' servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja. L-insegwiment ta' dan l-objettiv jista' wkoll jikkontribwixxi għall-ewwel objettiv ta' infiq pubbliku aktar effiċjenti fit-terminu t-twil, pereżempju billi l-attenzjoni tiċċaqlaq minn fuq l-orħos prezz inizjali għall-ibaxx kost taċ-ċiklu tal-ħajja[10]. Kwistjonijiet relatati ma' dan l-objettiv huma diskussi fil-parti 4 tal-Ktiba Ħadra (użu strateġiku tal-akkwist pubbliku).

L-iżvilupp ulterjuri tal-liġi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku jista' wkoll jitqies li jittratta kwistjonijiet importanti li għadhom ma ġewx indirizzati b'mod suffiċjenti, bħall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-favoritiżmu (il-parti 5) u l-kwistjoni ta' kif l-aċċess għall-impriżi Ewropej għas-swieq ta' pajjiżi terzi jista' jittejjeb (il-parti 6). Barra minn hekk, ir-reviżjoni tal-qafas leġiżlattiv għandu jkun opportunità wkoll biex jiġi eżaminat jekk ċerti ideat u kunċetti bażiċi għandhomx jiġu rfinuti sabiex tiġi żgurata ċertezza legali aħjar għall-awtoritajiet kontraenti u l-impriżi (il-parti 1). F'dan il-kuntest, ir-reviżjoni tista' ġġib ċerti opportunitajiet biex tiżdied il-konverġenza bejn l-applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat.

Il-Ktiba Ħadra tirrifletti numru ta' ideat dwar kif l-objettivi differenti jistgħu jinkisbu aħjar. Madankollu, wieħed irid ikun konxju li jista' jkun hemm kunflitti bejn l-għanijiet differenti (eż. is-simplifikazzjoni tal-proċeduri kontra l-kunsiderazzjoni ta' objettivi ta' politika oħra). Dawn l-għanijiet differenti kultant jissarrfu f'alternattivi ta' politika li jistgħu jippuntaw lejn direzzjonijiet differenti, u li jeħtieġu għażla raġunata fi stadju iktar tard.

Barra minn hekk, l-ambitu għal modifiki leġiżlattivi possibbli mhuwiex mingħajr limitu. Il-bidliet leġiżlattivi jridu jkunu konsistenti mal-impenji internazzjonali tal-UE jew jistgħu jeħtieġu l-ftuħ ta' negozjati xierqa mas-sħab kollha konċernati dwar talbiet potenzjali għall-kumpens. Dawn l-impenji, kif iddefiniti fi ftehim multiannwali[11] u seba' ftehimiet bilaterali[12], għalhekk jista' jkollhom l-effett li jillimitaw l-ambitu ta' kwalunkwe aġġustament leġiżlattiv. Dan jikkonċerna partikolarment lil-livelli limitu għall-applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, id-definizzjonijiet tal-attivitajiet ta' xiri u l-akkwirenti pubbliċi u ċerti kwistjonijiet proċedurali bħall-issettjar tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-perjodi ta' żmien.

Il-konċessjonijiet mhumiex indirizzati f'din il-konsultazzjoni; kienu s-suġġett ta' eżerċizzju separat ta' konsultazzjoni u valutazzjoni tal-impatt abkar. Il-Kummissjoni fi ħsiebha tipproponi leġiżlazzjoni bil-mira li tiżgura ċertezza legali akbar għal awtoritajiet reġjonali u lokali u operaturi ekonomiċi mal-Ewropa u li tiffaċilita l-iżvilupp ta' sħubijiet Pubbliċi-Privati. Il-kwistjonijiet tal-akkwist elettroniku huma koperti minn Ktiba Ħadra separata li ġiet ippubblikata fit-18 ta' Ottubru 2010[13].

---

10 Eżempju klassiku huwa dak tal-investimenti profittabbli enerġetikament effiċjenti li mhux qed isir minħabba li n-nefqa tal-investiment u dik operazzjonali huma mmaniġjati separatament skont proċessi baġitarji differenti.

11 Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku tal-ODK, ara http://ec.europa.eu/internal_market/publicprocurement/international_en.htm.

12 Ara dwar ftehimiet bilaterali kummerċjali: http://ec.europa.eu/trade/creating-opportunities/bilateral-relations/.

13 Ktiba Ħadra dwar l-espansjoni tal-użu tal-Akkwist Elettroniku fl-UE, SEC(2010) 1214, 18.10.2010.

B'mod parallel mal-Ktiba Ħadra attwali, il-Kummissjoni qed tagħmel evalwazzjoni komprensiva tal-impatt u l-kosteffikaċja tal-politika dwar l-akkwist pubbliku tal-UE. L-evalwazzjoni għandha tiġbor evidenza bbażata fuq is-suq dwar il-funzjonament tal-leġiżlazzjoni attwali dwar l-akkwist bil-għan li tipprovdi informazzjoni empirika utli dwar l-oqsma li jeħtieġu titjib. Ir-riżultati ta' din ir-riċerka ġdida għandhom isiru pubbliċi fis-Sajf tal-2011.

Flimkien mar-riżultati tal-evalwazzjoni, il-kontribuzzjonijiet mill-partijiet interessati għal din il-Ktiba Ħadra għandhom jalimentaw ir-riflessjoni dwar ir-riforma futura tar-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, li għandha twassal għal proposta għal riforma leġiżlattiva.

## 1. DWAR XIEX JITTRATTAW IR-REGOLI DWAR L-AKKWIST PUBBLIKU?

Meta jonfqu l-flus pubbliċi, l-akkwirenti pubbliċi jridu jiżnu inċentivi differenti minn dawk ta' maniġers ta' negozju privat li jerfgħu r-responsabilità għat-telf u fl-aħħar nett għal falliment, u huma kkontrollati direttament mill-forzi tas-suq.

Għal dawn ir-raġunijiet, ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku jipprovdu għal proċeduri speċifiċi ta' għoti ta' kuntratti li jippermettu li x-xiri pubbliku jsir bl-iżjed mod razzjonali, trasparenti u ġust. Jittieħdu salvagwardji biex jikkumpensaw għan-nuqqas potenzjali ta' dixxiplina kummerċjali fix-xiri pubbliku, kif ukoll biex jipproteġu kontra trattament preferenzjali għali favur operaturi ekonomiċi nazzjonali jew lokali.

Għalhekk, ir-regoli Ewropej dwar l-akkwist pubbliku japplikaw għall-kuntratti pubbliċi kollha li huma ta' interess potenzjali għall-operaturi fis-Suq Intern, u jiżguraw aċċess ugwali u kompetizzjoni ġusta għall-kuntratti pubbliċi fi ħdan is-Suq Ewropew tal-akkwist.

### 1.1. Attivitajiet ta' Xiri

Bażikament, ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku huma maħsuba biex jirregolaw l-attivitajiet tax-xiri tal-awtoritajiet kontraenti. Madankollu, id-Direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku ma jillimitawx espliċitament l-ambitu tagħhom għax-xiri li jkopri l-bżonnijiet speċifiċi tal-awtorità kontraenti[14]. Dan wassal għal dibattitu dwar l-applikabilità tad-Direttivi f'sitwazzjonijiet fejn l-awtoritajiet pubbliċi jikkonkludu ftehimiet li jipprovdu obbligi legalment vinkolanti għal skopijiet li mhumiex konnessi mal-bżonnijiet tax-xiri tagħhom.

Dan jikkonċerna, pereżempju, każijiet fejn il-ftehim tal-għotja għall-forniment ta' għajnuna jinkludi obbligu vinkolanti għall-benefiċjarju biex jipprovdi servizzi speċifiċi. Tali obbligi jkunu normalment ipprovduti biex jiġi żgurat l-użu xieraq tal-fondi pubbliċi; mhumiex intenzjonati biex jissodisfaw il-ħtiġiet tal-akkwist tal-awtorità pubblika li tkun qed tagħti l-għajnuna.

L-awtoritajiet tal-Istati Membri u partijiet interessati oħra lmentaw dwar in-nuqqas ta' ċertezza legali fir-rigward tal-ambitu tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku f'dawn is-sitwazzjonijiet u talbu kjarifika dwar l-iskop ta' dawn ir-regoli. Fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti tagħha, il-Qorti ddeċidiet li l-kunċett ta' kuntratti pubbliċi jeħtieġ li x-xogħlijiet, il-

[14] Ara s-sentenza tat-18.11.2004 fil-Kawża C-126/03 Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, il-punt 18.

provvisti jew is-servizzi li huma s-suġġett tal-kuntratt jitwettqu għall-benefiċċju ekonomiku immedjat tal-awtorità kontraenti[15].

**Mistoqsija:**

1. Taħseb li l-ambitu tad-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku għandu jkun limitat għall-attivitajiet tax-xiri? Kwalunkwe limitazzjoni bħal din għandha sempliċement tikkodifika l-kriterju tal-benefiċċju ekonomiku immedjat żviluppat mill-Qorti jew għandha tipprovdi kundizzjonijiet u kunċetti addizzjonali/alternattivi?

## 1.2. Kuntratti pubbliċi

Il-klassifikazzjoni attwali tal-kuntratti pubbliċi – fil-kuntratti tax-xogħol, fil-kuntratti tal-provvista u fil-kuntratti tas-servizzi – hija parzjalment ir-riżultat ta' żvilupp storiku. Il-bżonn li jiġu kklassifikati l-kuntratti pubbliċi f'waħda minn dawn il-kategoriji mill-bidu nett jista' jirriżulta f'diffikultajiet, pereżempju fil-każ ta' kuntratti għax-xiri ta' applikazzjonijiet ta' softwer li jistgħu jiġu kkunsidrati jew bħala kuntratti ta' forniment jew bħala kuntratti ta' servizzi, skont iċ-ċirkustanzi. Id-Direttiva 2004/18/KE fiha regoli speċifiċi għall-kuntratti mħallta, li ġew żviluppati ulterjoramenti mill-ġurisprudenza. Skont il-Qorti, meta kuntratt ikun fih elementi relatati ma' tipi differenti, ir-regoli applikabbli jiġu ddeterminati permezz tal-identifikazzjoni tal-iskop ewlieni tal-kuntratt.

Uħud minn dawn il-problemi jistgħu jiġu evitati permezz tas-simplifikazzjoni tal-istruttura preżenti. Ikun konċepibbli, pereżempju, li jiġu pprovduti żewġ tipi ta' kuntratti pubbliċi fil-każ tas-sistema tal-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi, li tiddistingwi biss bejn kuntratti ta' forniment u kuntratti ta' servizzi, waqt li x-xogħlijiet jitqiesu bħala forma ta' servizzi ("kuntratt ta' servizzi tal-kostruzzjoni"). Il-possibilità li jintuża kunċett unifikat ta' kuntratt pubbliku u d-differenzjazzjoni skont is-suġġett biss fejn dan huwa strettament neċessarju (pereżempju, fid-dispożizzjonijiet dwar il-livelli limitu) jista' jiġi previst ukoll.

**Mistoqsija:**

2. Inti tqis l-istruttura attwali tal-ambitu materjali, bid-diviżjoni tagħha f'kuntratti tax-xogħlijiet, tal-provvisti u tas-servizzi, bħala xierqa? Jekk le, xi struttura alternattiva tipproponi?

Indipendentement minn ristrutturar possibbli tat-tipi ta' kuntratt, jista' jkun neċessarju li jiġu rriveduti u ssimplifikati d-definizzjonijiet attwali tat-tipi differenti ta' kuntratt.

Dan jikkonċerna b'mod partikolari d-definizzjoni ta' "kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi" fl-Artikolu 1 (2) (b) tad-Direttiva 2004/18/KE, li fiha tlett kundizzjonijiet alternattivi li huma kumplessi u li jikkoinċidu parzjalment. Il-kunċett ta' kuntratt ta' xogħlijiet pubbliċi jinkludi t-twettiq, jew kemm id-disinn kif ukoll it-twettiq, ta' xogħlijiet speċifiċi tat-tipi elenkati f'anness għad-Direttiva, it-twettiq, jew kemm id-disinn kif ukoll it-twettiq ta' xogħol kif definit fl-Artikolu 1 (2) (b) tad-Direttiva u, finalment, ir-"realizzazzjoni b kull mezz, ta' xi xogħol li jikkorrispondi mal-kundizzjonijiet meħtieġa li huma speċifikati mill-awtorità kuntrattwali". L-aħħar kundizzjoni ġiet miżjuda sabiex jiġi żgurat li d-definizzjoni tinkludi

[15] Is-sentenzi tal-25.3.2010 fil-Kawża C-451/08 Helmut Müller GmbH, il-punti 47-54, u tal-15 ta' Lulju 2010, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, il-punt 75.

każijiet fejn ix-xogħlijiet ma twettqux mill-kuntrattur stess, iżda minn partijiet terzi f'isem il-kuntrattur.

Jista' jkun previst li tiġi ssimplifikata d-definizzjoni billi tiġi mibdula l-istruttura attwali b'sett ta' kundizzjonijiet iżjed sempliċi u ċari li jkopru kull tip ta' attività tal-kostruzzjoni, irrispettivament mill-karattru u l-iskop tagħhom, inklużi attivitajiet marbuta mar-realizzazzjoni ta' xogħlijiet speċifiċi, possibbilment minn partijiet terzi.

| **Mistoqsija:** | |
|---|---|
| 3. | Inti taħseb li d-definizzjoni ta' "kuntratt tax-xogħlijiet" għandha tiġi rriveduta u ssimpifikata? Jekk iva, tipproponi li titħalla barra r-referenza għal lista speċifika annessa mad-Direttiva? X'inhuma l-elementi tad-definizzjoni li qed tipproponi? |

*Servizzi-A/B*

Kwistjoni aktar importanti hija l-kopertura tal-kuntratti tas-servizzi.

Id-Direttivi attwali jagħmlu distinzjoni bejn l-hekk imsejħa "servizzi-A"[16] u "servizzi-B"[17]. Filwaqt li s-servizzi-A huma soġġetti għall-proċeduri sħaħ tad-Direttiva, l-għoti ta' kuntratti għas-servizzi-B għandu jikkonforma biss mad-dispożizzjonijiet dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u dwar it-trażmissjoni ta' notifika tar-riżultati tal-proċedura tal-għoti[18]. Madankollu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-awtoritajiet kontraenti li jagħtu l-kuntratti għas-servizzi-B għandhom jikkonformaw mar-regoli fundamentali tal-liġi primarja tal-UE, b'mod partikolari l-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni, it-trattament ugwali u t-trasparenza, jekk il-kuntratti konċernati jkunu ta' ċertu interess transfruntier[19]. Dan jimplika obbligu li jiġi żgurat livell suffiċjenti ta' reklamar li jippermetti lill-operaturi ekonomiċi interessati minn Stati Membri oħra jiddeċiedu jekk jesprimux l-interess tagħhom fil-kuntratt.

Inizjalment, l-intenzjoni tal-leġiżlaturi kienet li jillimitaw l-applikazzjoni sħiħa tad-Direttiva, għal perjodu tranżitorju, għal ċerti kuntratti tas-servizzi speċifiċi li kienu meqjusin li jippreżentaw żieda fil-potenzjal ta' kummerċ transfruntier[20]. Wieħed irid ikun konxju li, minħabba n-natura miftuħa tal-lista ta' "servizzi-B" (ara l-kategorija 27: "servizzi oħra"), l-applikazzjoni tad-Direttivi għas-servizzi hija, fil-fatt, l-eċċezzjoni, filwaqt li t-trattament bħala "servizzi-B" hija r-regola.

Hemm xi dubji dwar jekk din is-sitwazzjoni għadhiex xierqa fid-dawl tal-iżvilupp ekonomiku u legali tas-Suq Intern. Għal ċerti servizzi msemmija espliċitament fil-lista "B", bħas-servizzi tat-trasport tal-ilma, is-servizzi tal-lukandi, is-servizzi tal-pjazzament u l-provvista ta' personal jew is-servizzi tas-sigurtà, huwa diffiċli li jiġi preżunt li dawn jirrapreżentaw inqas interess transfruntier mis-servizzi fil-lista "A".

Barra minn hekk, id-distinzjoni bejn is-servizzi "A" u "B" hija sors ta' diffikultajiet u żbalji potenzjali fl-applikazzjoni tar-regoli. Bħal fil-każ tal-klassifikazzjoni tal-kuntratti, hemm

[16] Is-servizzi elenkati fl-Anness II A tad-Direttiva 2004/18/KE jew l-Anness XVII A tad-Direttiva 2004/17/KE.
[17] Is-servizzi elenkati fl-Anness II B tad-Direttiva 2004/18/KE jew l-Anness XVII B tad-Direttiva 2004/17/KE.
[18] Ara l-Artikolu 20 u 21 tad-Direttiva 2004/18/KE u l-Artikoli 31 u 32 tad-Direttiva 2004/17/KE.
[19] Ara s-sentenza tat-13.11.2007 fil-Kawża C-507/03 Il-Kummissjoni vs L-Irlanda, il-punti 24-31.
[20] Ara l-premessa 19 tad-Direttiva 2004/18/KE.

problemi ta' sitwazzjonijiet marġinali u kuntratti mħallta[21]. Barra minn hekk, tali distinzjoni ma teżistix f'bosta sistemi tas-sħab kummerċjali. afafsdfafdafafd asdfsdafasadsdfgsdfgsdfbcxvfbsdcvsv fdcsscdvcd

Is-soluzzjoni l-iktar konsegwenzjali tkun li tiġi eliminata d-distinzjoni attwali bejn is-servizzi "B" u s-servizzi "A" u li jiġi applikat reġim standard għall-kuntratti kollha tas-servizzi[22]. Dan ikollu l-vantaġġ li jissimplifika r-regoli eżistenti. Jekk il-konsultazzjoni attwali turi li r-reġim ġenerali jeħtieġ jiġi ssimplifikat, tali simplifikazzjoni tista' tagħmilha wkoll iżjed faċli li jitneħħa r-reġim speċjali attwali għas-servizzi-B.

| **Mistoqsijiet:** | |
|---|---|
| 4. | Taħseb li d-distinzjoni bejn is-servizzi A u B għandha tiġi rriveduta? |
| 5. | Temmen li d-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku għandhom japplikaw għas-servizzi kollha, possibbilment abbażi ta' reġim standard iżjed flessibbli? Jekk le, jekk jogħġbok indika liema servizz(i) għandhom ikomplu jsegwu r-reġim attwali għas-servizzi-B, u agħti r-raġunijiet għal dan. |

*Livelli limitu*

Illum, il-livelli limitu ddefiniti fid-direttivi huma meqjusa minn xi partijiet interessati bħala baxxi wisq u konsegwentement qed jitolbu għal livelli limitu ogħla minħabba li l-interess transfruntier jitqies wisq limitat biex jiġġustifika l-piżijiet amministrattivi ta' proċedura tal-għoti ta' kuntratt għal kuntratti ta' valur relattivament baxx li bħalissa huma koperti mid-Direttivi.

Madankollu, iż-żieda tal-livelli limitu teżenta iżjed kuntratti mir-rekwiżit ta' pubblikazzjoni madwar l-UE ta' notifika ta' kuntratt, u tnaqqas l-opportunitajiet ta' negozju għal impriżi madwar l-Ewropa.

Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi nnutat li l-impenji kollha internazzjonali meħudin mill-UE jinkludu livelli limitu li huma stabiliti eżattament għall-istess valur bħal tad-direttivi attwali, minbarra għall-hekk imsejħa servizzi-B (u b'mod partikolari għas-servizzi soċjali)[23]. Dawn il-livelli limitu jiddeterminaw l-opportunitajiet ta' aċċess għas-suq u huma wieħed mill-elementi l-iżjed importanti f'dawn il-ftehimiet kollha. Kwalunkwe żieda fil-livelli limitu applikabbli fl-UE awtomatikament tinvolvi żieda korrispondenti fil-ftehimiet kollha konklużi mill-UE (jiġifieri mhux biss fil-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi, iżda wkoll fil-ftehimiet internazzjonali l-oħra kollha). Din is-sitwazzjoni tista' mbagħad twassal għal talbiet għal kumpens mis-sħab. Dawn it-talbiet jistgħu jkunu pjuttost sinifikanti.

| **Mistoqsija:** | |
|---|---|
| 6. | Inti taħseb li l-livelli limitu għall-applikazzjoni tad-Direttivi tal-UE għandhom jiġu miżjuda, minkejja l-fatt li dan iwassal għall-konsegwenzi fil-livell internazzjonali msemmija hawn fuq? |

---

[21] Ara l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2004/18/KE.

[22] Għas-servizzi soċjali, ara t-Taqsima 4.4 hawn taħt.

[23] Għas-servizzi soċjali, ara t-Taqsima 4.4 hawn taħt.

*Esklużjonijiet*

It-taqsima dwar "kuntratti esklużi" fid-Direttiva 2004/18/KE[24] hija pjuttost eteroġena: Uħud mill-esklużjonijiet huma bbażati fuq eċċezzjonijiet/limitazzjonijiet tal-ambitu tat-Trattat (l-Artikolu 14) jew fuq kunsiderazzjonijiet tal-konsistenza mal-ordni legali internazzjonali (l-Artikolu 15) jew ma' dixxiplini oħra legali (l-Artikolu 16 c, e), filwaqt li oħrajn huma r-riżultat ta' għażliet ta' politika (l-Artikolu 16 a, b, d, f, Artikolu 17). Dan irendi diffiċli l-implimentazzjoni ta' kunċett predominanti meta jiġi vvalutat il-bżonn għal reviżjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet. Fi kwalunkwe każ, reviżjoni ta' dawn l-esklużjonijiet għandha titqies fid-dawl tal-impenji internazzjonali tal-Ewropa li fil-preżent jirriflettu l-eċċezzjonijiet u d-derogi inklużi fid-direttivi. L-introduzzjoni ta' kwalunkwe esklużjoni ġdida ċertament tkun ta' tħassib minn din il-perspettiva. L-impenji internazzjonali jħallu spazju, madankollu, għall-aġġornar jew il-kjarifika tal-kontenut u l-preżentazzjoni tal-esklużjonijiet. Tista' titqies ukoll it-tneħħija tal-esklużjonijiet li jistgħu ma jibqgħux meħtieġa għal żviluppi legali, politiċi jew ekonomiċi.

**Mistoqsijiet:**

7. Fil-fehma tiegħek, id-dispożizzjonijiet attwali dwar il-kuntratti esklużi huma xierqa? Taħseb li t-taqsima rilevanti għandha tiġi ristrutturata jew li l-esklużjonijiet individwali għandhom bżonn jiġu kjarifikati?

8. Taħseb li ċerti esklużjonijiet għandhom jitneħħew, jiġu kkunsidrati mill-ġdid jew jiġu aġġornati? Jekk iva, liema? X'tipproponi?

## 1.3. Akkwirenti pubbliċi

*Akkwist minn entitajiet mill-isfera tal-Istat*

Id-Direttiva 2004/18/KE tapplika għal kuntratti mogħtija mill-Istat (inklużi s-sottodiviżjonijiet tiegħu kollha), l-awtoritajiet reġjonali jew lokali u l-korpi regolati bi dritt pubbliku, kif ukoll assoċjazzjonijiet iffurmati minn waħda minn dawn l-entitajiet jew iżjed[25].

Filwaqt li l-kunċetti ta' "Stat" u "awtoritajiet lokali u reġjonali" huma pjuttost sempliċi, il-kunċett ta' "korpi regolati bi dritt pubbliku" huwa iżjed kumpless. Huwa maħsub li jkopri organizzazzjonijiet legalment indipendenti li għandhom konnessjonijiet fil-qrib mal-Istat u li jaġixxu fundamentalment bħala entitajiet tal-Istat. Eżempji jinkludu korpi tax-xandir pubbliku, universitajiet, fondi tal-assigurazzjoni tal-mard u intrapriżi muniċipali.

Id-definizzjoni pprovduta bid-Direttiva 2004/18/KE kienet is-suġġett ta' serje ta' sentenzi mill-Qorti tal-Ġustizzja. Fid-dawl ta' dik il-ġurisprudenza, il-kundizzjonijiet fil-qosor huma dawk li ġejjin:

(1) Il-korp għandu l-iskop speċifiku li jissodisfa l-bżonnijiet ta' interess ġenerali li mhumiex ta' karattru industrijali jew kummerċjali.

(2) Dan għandu l-personalità ġuridika tiegħu (taħt id-dritt privat jew pubbliku).

---

24 L-Artikoli 12 sa 18 tad-Direttiva 2004/18/KE.

25 Għall-entitajiet marbuta li japplikaw id-Direttiva 2004/17/KE, ara l-punt 7 hawn taħt.

(3) Dan jiddependi mill-qrib, għall-finanzjament, l-immaniġġjar jew is-superviżjoni tiegħu, fuq l-Istat, l-awtoritajiet reġjonali jew lokali jew korpi oħra regolati bi dritt pubbliku (ara l-kundizzjonijiet eżatti fl-Artikolu 1 (9), it-tieni sottoparagrafu, il-punt (c)).

L-applikazzjoni proprja ta' dawn l-elementi teħtieġ analiżi dettaljata każ b'każ, b'kunsiderazzjoni tal-fatturi bħal-livell tal-kompetizzjoni fis-suq u l-kwistjoni ta' jekk il-korp huwiex qed jaġixxi għall-profitti u jerfax ir-riskju għat-telf u r-riskji assoċjati mal-attività tiegħu.

**Mistoqsija:**

9. Taħseb li l-approċċ attwali fid-definizzjoni ta' akkwirenti pubbliċi huwa xieraq? B'mod partikolari, taħseb li l-kunċett ta' "korp ikkontrollat bil-liġi pubblika" għandu jkun ikkjarifikat u aġġornat fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja? Jekk iva, x'tip ta' aġġornament jidhirlek li huwa xieraq?

*Utilitajiet pubbliċi*

Taħt ir-reġim attwali ta' akkwist pubbliku, direttiva speċjali, id-Direttiva 2004/17/KE, tirregola l-akkwist fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, tal-enerġija, tat-trasport u tal-posta. Dawn is-setturi għandhom ċerti karatteristiċi komuni: huma industrija b'netwerk, jiġifieri jinvolvu l-użu ta' netwerk fiżiku jew "virtwali" (eż. linji tal-pajpijiet, grilji tal-elettriku, infrastrutturi tal-posta, linji ferrovjarji, eċċ), jew jisfruttaw żoni ġeografiċi, normalment fuq bażi esklużiva, sabiex jipprovdu faċilitajiet ta' terminal jew biex ifittxu għal u eventwalment jagħmlu estrazzjoni ta' minerali (żejt, gass, faħam, eċċ).

Karatteristika oħra ta' dawn is-setturi hija li l-attivitajiet konċernati jitwettqu mhux biss mill-awtoritajiet pubbliċi, iżda wkoll – u f'ċerti Stati Membri l-aktar – minn kumpaniji kummerċjali, irrispettivament minn jekk humiex impriżi pubbliċi jew kumpaniji privati li joperaw abbażi ta' drittijiet speċjali jew esklużivi. Raġuni ewlenija għall-introduzzjoni ta' regoli dwar l-akkwist pubbliku għal dawn is-setturi kienet in-natura magħluqa tas-swieq li fihom huma attivi l-operaturi, minħabba l-eżistenza ta' drittijiet speċjali jew esklużivi mill-Istati Membri dwar il-forniment lil, il-provvista jew l-operat ta' networks għall-forniment tas-servizz konċernat. L-estensjoni tad-dixxiplini tal-akkwist pubbliku biex tinkludi operaturi tal-utilitajiet pubbliċi u privati (kummerċjali) kienet meqjusa neċessarja minħabba l-modi differenti li fihom l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jinfluwenzaw l-imġiba ta' dawn l-entitajiet, inkluż l-għoti (jew le) ta' drittijiet speċjali jew esklużivi jew il-parteċipazzjoni fil-kapital tagħhom u r-rappreżentazzjoni fil-korpi amministrattivi, maniġerjali jew superviżorji tal-entitajiet.

Fi kliem ieħor, fin-nuqqas ta' pressjoni kompetittiva suffiċjenti, id-dixxiplina stabilita bl-applikazzjoni tar-regoli proċedurali tad-Direttiva dwar l-Utilitajiet tqieset neċessarja sabiex jiġi żgurat li l-akkwist għat-twettiq tal-attivitajiet konċernati jsir b'mod trasparenti u nondiskriminatorju. Fl-assenza ta' regoli speċifiċi, kien hemm il-biża' li d-deċiżjonijiet dwar l-akkwist mill-operaturi tal-utilitajiet jiġu influwenzati mill-favoritiżmu, bil-preferenza lokali jew fatturi oħra.

Minn dak iż-żmien, il-proċessi tal-liberalizzazzjoni ġew segwiti jew fil-livell tal-UE jew fil-livell nazzjonali għal ħafna minn dawn is-setturi (pereżempju, fir-rigward tal-elettriku u l-gass, l-esplorazzjoni u l-isfruttar tal-idrokarburi, is-servizzi postali, eċċ). Madankollu, l-esperjenza turi li l-"liberalizzazzjoni", jiġifieri proċess li għandu l-għan li jinkiseb aċċess

mingħajr ħlas għall-attività konċernata, mhux neċessarjament jew awtomatikament twassal għal kompetizzjoni b'saħħitha – l-"operaturi stabiliti" spiss ikollhom ishma sostanzjali ħafna mis-suq, u f'ċerti Stati Membri, il-preżenza ta' intrapriżi proprjetà tal-istat jistgħu jgħawġu l-funzjonament tas-suq.

Id-Direttiva attwali fiha dispożizzjoni, l-Artikolu 30, li tippermetti lill-Kummissjoni teżenta ċerti akkwisti mill-ambitu tad-Direttiva fejn il-livell ta' kompetizzjoni (fi swieq li l-aċċess għalihom mhuwiex ristrett) huwa tali li l-pressjoni kompetittiva tiżgura t-trasparenza u n-nondiskriminazzjoni neċessarji fl-akkwist fit-twettiq ta' tali attivitajiet. Sal-lum, il-Kummissjoni adottat sittax-il Deċiżjoni bħal din li jikkonċernaw disa' Stati Membri differenti, u applikazzjoni waħda ġiet irtirata. Is-setturi konċernati s'issa kienu s-settur tal-elettriku (produzzjoni u bejgħ), is-settur tal-gass (bejgħ), is-setturi taż-żejt u l-gass (naturali), kif ukoll partijiet differenti tas-settur tal-posta (b'mod partikolari l-loġistika, il-pakketti u s-servizzi finanzjarji).

Punt finali li għandu jiġi kkunsidrat huwa li numru dejjem akbar ta' entitajiet privati qed jiksbu d-dritt li joperaw wara li jgħaddu minn proċeduri miftuħa u trasparenti u għalhekk ma għandhomx drittijiet speċjali jew esklużivi skont it-tifsira tad-Direttiva.

Għandu jkun innotat ukoll li l-ambitu sħiħ tad-Direttiva dwar l-Utilitajiet huwa stabilit internazzjonalment, jew fil-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi jew fi ftehimiet bilaterali. Restrizzjonijiet possibbli tal-kopertura jistgħu jirriżultaw b'modifika tal-impenji internazzjonali meħuda mill-UE, li jista' jwassal għal talbiet għall-kumpens.

**Mistoqsijiet:**

10. Taħseb li għad hemm bżonn regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku fir-rigward ta' dawn is-setturi? Jekk jogħġbok agħti r-raġunijiet għat-tweġiba tiegħek.

10.1. Jekk iva: Għandhom ċerti setturi li fil-preżent huma koperti jiġu esklużi jew, bil-maqlub, għandhom ċerti setturi jiġu soġġetti wkoll għad-dispożizzjonijiet? Jekk jogħġbok spjega liema setturi għandhom jiġu koperti u agħti r-raġunijiet għat-tweġiba tiegħek.

11. Fil-preżent, l-ambitu tad-Direttiva huwa ddefinit abbażi tal-attivitajiet li l-entitajiet konċernati jwettqu, l-istatut legali tagħhom (pubbliċi jew privati) u, fejn dawn huma privati, l-eżistenza jew in-nuqqas ta' drittijiet speċjali jew esklużivi. Taħseb li dawn il-kriterji huma rilevanti jew għandhom jintużaw kriterji oħra? Jekk jogħġbok agħti r-raġunijiet għat-tweġiba tiegħek.

12. L-etos li jitfittex il-profitt jew kummerċjali tal-kumpaniji privati jista' jiġi preżunt li huwa biżżejjed biex jiggarantixxi akkwist oġġettivi u ġusti minn dawk l-entitajiet (anki fejn dawn joperaw abbażi ta' drittijiet speċjali jew esklużivi)?

13. Id-dispożizzjoni attwali tal-Artikolu 30 tad-Direttiva tikkostitwixxi mod effettiv ta' adattament tal-ambitu tad-Direttiva għal tendenzi li qed jinbidlu ta' regolazzjoni u kompetizzjoni fis-swieq (nazzjonali u settorjali) rilevanti?

## 2. TITJIB TAL-GĦODDA TAL-AWTORITAJIET KONTRAENTI

L-awtoritajiet kontraenti kultant jilmentaw li l-istrumenti regolatorji pprovduti bir-regoli tal-UE mhumiex adattati bi sħiħ għall-bżonnijiet tax-xiri tagħhom. B'mod partikolari, dawn isostnu li huma meħtieġa proċeduri iżjed pragmatiċi u/jew flessibbli. Dawn jargumentaw ukoll li, f'ċerti każijiet, l-applikazzjoni tas-sett sħiħ ta' regoli mhijiex prattika (b'mod partikolari fil-każ ta' akkwisti minn awtoritajiet kontraenti żgħar ħafna); sitwazzjonijiet oħra (ċerti forom ta' koperazzjoni pubblika-pubblika) għandhom ikunu eżentati kompletament mill-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli. Hemm ukoll oqsma tax-xiri pubbliku fejn l-istrumenti ipprovduti mir-regoli tal-UE dwar l-akkwist jistgħu ma jkunux biżżejjed (akkwisti konġunti, problemi speċifiċi li jqumu wara l-għoti tal-kuntratt).

Dan it-tħassib se jiġi diskuss fit-taqsima li jmiss. Huwa ċar mill-fehmiet ipprovduti mill-operaturi ekonomiċi li jrid ikun hemm ċerti rekwiżiti bażiċi mħarsa fir-regoli tal-UE li jiggarantixxu kundizzjonijiet ugwali Ewropej, filwaqt li ċerti regoli dettaljati tad-Direttivi attwali għandhom jiġu rriveduti. Għandu jkun innotat, madankollu, li t-tnaqqis ta' regoli tal-UE se jiffaċċja ċerti limiti. Numru ta' rekwiżiti proċedurali joriġinaw direttament mill-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi u l-ftehimiet bilaterali ffirmati mill-UE, bħad-dati tal-iskadenza għal proċeduri differenti, il-kundizzjonijiet għall-użu ta' proċedura negozjata mingħajr pubblikazzjoni jew bil-pubblikazzjoni ta' avviż ta' għoti ta' kuntratt. Dawn ir-rekwiżiti ma jistgħux jiġu abbandunati jew mibdula mingħajr negozjar mill-ġdid tal-obbligi internazzjonali tal-UE. Għandu jiġi mfakkar li r-regoli tal-UE huma kumplimentati minn korp kbir ta' regoli fil-livell nazzjonali jew reġjonali. Ir-regolazzjoni li tiġi revokata fil-livell tal-UE tista' tiġi sostitwita f'livelli oħra, u b'hekk jinħoloq riskju ta' leġiżlazzjoni iżjed varjata u possibbilment ta' iżjed gold-plating nazzjonali[26]. Kwalunkwe reviżjoni tar-regoli proċedurali ser ikollha tiġi ċċekkjata wkoll għall-objettiv tal-iżgurar tal-akbar koerenza possibbli bejn id-dritt tal-akkwist pubbliku u l-oqsma l-oħra tad-dritt tal-UE, bħall-kontroll tal-għajnuna mill-Istat.

| **Mistoqsijiet:** |
|---|
| 14. Taħseb li l-livell attwali ta' dettall tar-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku huwa xieraq? Jekk le, dawn huma dettaljati wisq jew mhumiex dettaljati biżżejjed? |

### 2.1. Modernizzar tal-proċeduri

Waħda mit-temi prinċipali tad-dibattitu pubbliku hija jekk il-proċeduri pprovduti bid-Direttivi għadhomx adattati għall-bżonnijiet tal-awtoritajiet kontraenti u tal-operaturi ekonomiċi, jew jekk dawn għandhomx jiġu modifikati, – u, jekk dan huwa l-każ, kif – b'mod partikolari bil-għan li jitnaqqsu l-komplessità u l-piżijiet amministrattivi, filwaqt li fl-istess ħin tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta għall-kuntratti pubbliċi u l-aħjar eżiti fl-akkwist.

*Proċeduri ġenerali*

Id-Direttivi attwali jipprovdu għal firxa wiesgħa ta' għodod u proċeduri. It-tnejn li huma, id-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE jagħtu lill-akkwirenti libertà fl-għażla bejn proċedura miftuħa[27] u dik ristretta[28]. Is-sitwazzjoni hija pjuttost differenti fil-każ tal-proċedura

---

[26] Il-kunċett ta' "Gold-plating" jiddeskrivi leġislazzjoni nazzjonali li żżid regoli jew rekwiżiti addizzjonali mal-istandards meħtieġa mir-regoli tal-UE rilevanti.

[27] Fil-proċedura miftuħa, l-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti jippubblikaw avviż ta' kuntratt, li abbażi tiegħu l-partijiet kollha interessati jkunu jistgħu jissottomettu l-offerti tagħhom. Fost dawk l-offerenti li

negozjata bil-pubblikazzjoni[29] minn qabel ta' avviż ta' kuntratt. Id-Direttiva dwar l-Utilitajiet tipprovdi għal żieda fil-flessibilità[30], bir-riżultat li l-utilitajiet għandhom il-libertà li jagħżlu li jagħtu l-kuntrattti tagħhom permezz ta' proċeduri negozjati, sakemm jippubblikaw sejħa għal kompetizzjoni. Skont id-Direttiva 2004/18/KE, mill-banda l-oħra, proċeduri negozjati bil-pubblikazzjoni minn qabel jistgħu jintużaw esklużivament fiċ-ċirkustanzi speċifiċi elenkati fl-Artikolu 30. Fiż-żewġ Direttivi l-użu ta' proċeduri negozjati mingħajr il-pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt huwa limitat għal sitwazzjonijiet eċċezzjonali, li huma elenkati b'mod eżawrjenti[31] u interpretati b'mod ristrett.

Fil-qasam tas-servizzi, l-akkwirenti jistgħu jagħmlu użu wkoll mill-kompetizzjonijiet ta' disinn[32]. Diversi alternattivi u għodod proċedurali speċifiċi ġew introdotti fid-Direttivi fl-2004, bħad-djalogu kompetittiv[33], is-sistemi dinamiċi ta' xiri[34] jew l-irkanti elettroniċi[35]. Iż-żieda fil-flessibilità proċedurali introdotta fl-2004 tinkludi l-possibilità ta' ċentralizzazzjoni tal-akkwist permezz tal-akkwist minn jew permezz ta' korp ċentrali għall-akkwisti[36] jew permezz tal-għoti ta' ftehimiet qafas[37]. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja, il-Kummissjoni qieset l-użu ta' proċedura aċċellerata[38] bħala ġustifikata għat-tmexxija ta' proġetti kbar ta' investiment pubbliku fl-2009 u fl-2010.

Din iż-żieda fil-firxa ta' alternattivi proċedurali issa teħtieġ tiġi eżaminata biex jiġi aċċertat jekk il-proċeduri skont id-Direttiva attwali għadhomx l-aħjar strumenti leġiżlattivi possibbli

---

jissodisfaw il-kriterji għall-għażla kwalitattiva, l-awtorità kontraenti tagħżel l-offerta li tissodisfa l-aħjar il-kriterju tal-għoti indikat fl-avviż tal-kuntratt (l-offerta bl-orħos prezz jew l-aktar vantaġġuża ekonomikament). Din il-proċedura tammonta għal kważi 3/4 tal-proċeduri kollha fl-ambitu tal-applikazzjoni tad-Direttivi.

28 Fil-proċedura ristretta, l-operaturi ekonomiċi kollha jistgħu jwieġbu għall-avviż ta' kuntratt billi jesprimu l-interess tagħhom li jipparteċipaw, iżda huma biss ċertu kandidati, magħżula abbażi tal-kriterji indikati fl-avviż tal-kuntratt, li jiġu mistiedna jissottomettu l-offerti tagħhom.

29 Fil-proċedura negozjata, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet jikkonsultaw mal-operaturi ekonomiċi tal-għażla tagħhom u jinnegozjaw ma' wieħed minnhom jew iżjed it-termini tal-kuntratt li għandu jiġi konkluż. Tali negozjar tat-termini tal-offerta mhuwiex possibbli fil-proċedura miftuħa jew dik ristretta.

30 Iż-żieda fil-flessibilità pprovduta skont id-Direttiva dwar l-Utilitajiet hija minħabba l-fatt li din ma tapplikax biss għall-awtoritajiet pubbliċi, iżda wkoll għall-kumpaniji kummerċjali, irrispettivament minn jekk ikunux impriżi pubbliċi jew kumpaniji privati li joperaw abbażi ta' drittijiet speċjali jew esklużivi. Il-proċeduri tagħha għalhekk għandhom l-għan li jqarrbu l-prattiki kummerċjali, minkejja dawk li jippreżervaw minimu ta' trasparenza u trattament ugwali.

31 L-Artikolu 31 tad-Direttiva 2004/18/KE, l-Artikolu 40(3) tad-Direttiva 2004/17/KE.

32 Il-kompetizzjonijiet ta' disinn huma proċeduri li jippermettu lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti tikseb pjan jew disinn magħżul minn ġurija wara li ssir kompetizzjoni, pereżempju konkors għall-kisba ta' ideat għad-disinn ta' ċentru tal-komunità ta' kwartier li huwa skedat għar-riġenerazzjoni urbana. Il-kompetizzjoni ta' disinn jista' jintuża wkoll f'oqsma oħra, pereżempju għall-kisba ta' pjanijiet għall-istruttura futura possibbli ta' netwerk tal-komunikazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet f'livelli differenti.

33 Taħt din il-proċeura għal kuntratti partikolarment kumplessi, il-kundizzjonijiet dettaljati tal-kuntratt jistgħu jiġu ddeterminati permezz ta' djalogu bejn l-awtorità kontraenti u l-kandidati; l-Artikolu 29 tad-Direttiva 2004/18/KE (biss fid-Direttiva 2004/18/KE). Skont l-istatistika reċenti, id-djalogu kompetittiv madankollu ntuża għal anqas minn 0.4 % tal-proċeduri.

34 L-Artikolu 33 tad-Direttiva 2004/18/KE.

35 L-Artikolu 54 tad-Direttiva 2004/18/KE.

36 L-Artikolu 11 tad-Direttiva 2004/18/KE.

37 F'dan ir-rigward, flessibilità ġdida ġiet introdotta biss fid-Direttiva 2004/18/KE (ara l-Artikolu 32), għaliex id-dispożizzjonijiet eżistenti (u differenti) fid-Direttiva tal-Utilitajiet (l-Artikolu 14) tqiesu sodisfaċenti fil-kuntest partikolari tal-akkwist tal-Utilitajiet.

38 Din il-proċedura hija prevista bl-Artikolu 38 (8) tad-Direttiva 2004/18/KE fil-każijiet fejn l-urġenza trendi imprattikabbli l-limiti ta' żmien regolari. Ara l-istqarrija għall-istampa IP/08/2040 tad-19 ta' Diċembru 2008.

għal akkwist effiċjenti, inkluż minħabba ż-żieda fl-importanza ta' sħubijiet pubbliċi-privati. Kemm id-disinn tat-tipi differenti ta' proċeduri, kif ukoll ir-rekwiżiti differenti imposti bid-Direttivi għall-istadji differenti tal-proċedura[39], għandhom jiġu vvalutati bir-reqqa fir-rigward tal-effiċjenza tagħhom fl-iżgurar tal-aħjar eżiti fl-akkwist bl-inqas piżijiet amministrattivi possibbli[40].

**Mistoqsijiet:**

15. Taħseb li l-proċeduri stabiliti fid-Direttivi attwali jippermettu lill-awtoritajiet kontraenti jiksbu l-aħjar eżiti possibbli fl-akkwist? Jekk le: kif għandhom jittejbu l-proċeduri sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi/l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet u d-dewmien tal-proċeduri, filwaqt li jiġi ggarantit li l-awtoritajiet kontraenti jiksbu l-aħjar valur għall-flus?

16. Tista' taħseb f'tipi oħra ta' proċeduri li mhumiex disponibbli fid-Direttivi attwali u li jistgħu, fil-fehma tiegħek, iżidu l-kosteffikaċja tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku?

17. Taħseb li l-proċeduri u l-istrumenti legali pprovduti bid-Direttiva biex jindirizzaw bżonnijiet speċifiċi u biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni privata fl-investiment pubbliku permezz ta' sħubijiet pubbliċi-privati (eż. s-sistema dinamika ta' xiri, id-djalogu kompetittiv, l-irkanti elettroniċi, il-kompetizzjonijiet ta' disinn) għandhom jinżammu fil-forma attwali tagħhom, jiġu mmodifikati (jekk iva, kif) jew jitneħħew?

18. Abbażi tal-esperjenza tiegħek fl-użu tal-proċedura aċċellerata fl-2009 u fl-2010, inti favur ġeneralizzazzjoni ta' din il-possibilità li jitqassru l-limiti ta' żmien f'ċerti ċirkustanzi? Taħseb li dan huwa possibbli mingħajr ma tiġi pperikolata l-kwalità tal-offerti?

*Negozjazzjoni ulterjuri*

Il-partijiet interessati ħafna drabi jissuġġerixxu li hemm bżonn ta' iżjed flessibilità fil-proċeduri tal-akkwist, u li b'mod partikolari, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jitħallew jinnegozjaw it-termini tal-kuntratt mal-offerenti potenzjali.

L-użu ta' negozjati huwa permess fil-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi, sakemm dan jitħabbar fl-avviż tal-kuntratt. Tali possibilità għalhekk tista' tiġi introdotta fil-leġiżlazzjoni ġenerali tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, sakemm ikun hemm konformità mal-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni u proċedura ġusta. Dan tabilħaqq jista' jagħti lill-awtoritajiet kontraenti iżjed flessibilità għall-kisba ta' riżultati fl-akkwist li jkunu adattati għall-bżonnijiet tagħhom.

Din l-alternattiva teħtieġ tiġi diskussa fil-fond mal-partijiet interessati, mal-awtoritajiet kontraenti u mal-operaturi ekonomiċi kollha. Il-vantaġġi potenzjali taż-żieda fil-flessibilità u s-simplifikazzjoni potenzjali għandhom jitwieżnu kontra ż-żieda fir-riskji ta' favoritiżmu u,

[39] Pereżempju, regoli relatati mal-pubblikazzjoni tal-avviżi, il-kontenut tad-dokumenti tal-offerta, il-perjodi taż-żmien għall-proċedura, l-evidenza għall-kriterji tal-għażla, id-dokumentazzjoni u l-komunikazzjoni mal-offerenti.

[40] Ovvjament, informazzjoni aġġornata u t-telematika tqiesu bħala potenzjal konsiderevoli għaż-żieda fil-proċeduri għall-partijiet kollha u biex jgħinu jnaqqsu l-burokrazija, notevolment f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġbir u l-forniment taċ-ċertifikati. Dan l-aspett tad-dibattitu dwar il-modernizzazzjoni madankollu ma ġiex trattat f'din il-Ktiba Ħadra, minħabba li huwa kopert minn konsultazzjoni separata, il-Ktiba l-Ħadra dwar l-użu dejjem akbar tal-Akkwist-e fl-UE, SEC(2010) 1214, 18.10.2010.

b'mod iżjed ġenerali, ta' deċiżjonijiet soġġettivi żżejjed li jirriżultaw mid-diskrezzjoni akbar li jgawdu l-awtoritajiet kontraenti fil-proċedura negozjata. Konsegwentement tali soġġettività tagħmilha aktar iebsa biex jintwera li l-kuntratt riżultanti ma jinvolvix għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, l-għoti ta' aktar libertà lill-awtoritajiet kontraenti għandu jagħti riżultati utli biss jekk ikollhom il-kompetenza teknika, l-għarfien tas-suq u l-ħiliet neċessarji biex jiġi nnegozjat ftehim tajjeb mal-fornituri.

Fl-aħħar nett, għandu jiġi vvalutat sew għal liema tip u daqs ta' kuntratt jagħmel sens in-negozjar. Il-partijiet interessati ħafna drabi jgħidu li n-negozjar ikun xieraq b'mod partikolari għall-għoti ta' kuntratti iżgħar. Mill-banda l-oħra, jista' jkun ukoll – jew iżjed – utli għas-sejħiet għall-offerti għal proġetti ta' skala kbira, notevolment permezz ta' sħubijiet pubbliċi-privati. Minħabba l-kumplessità tal-kuntratt għat-tali proġetti, jista' jkun hemm bżonn aktar għal proċeduri partikolarment flessibbli u marġni usa' għan-negozjar, u iżjed kompetenza teknika min-naħa tal-awtorità kontraenti biex tmexxi n-negozjati.

| **Mistoqsijiet:** | |
|---|---|
| 19. | Inti favur li jiġi permess iżjed negozjar fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku u/jew il-ġeneralizzazzjoni tal-użu tal-proċedura negozjata b'avviż minn qabel? |
| 20. | Fil-każ tal-aħħar, taħseb li din il-possibilità għandha tkun permessa għat-tipi kollha ta' kuntratt/it-tipi kollha ta' awtoritajiet kontraenti, jew b'ċerti kundizzjonijiet biss? |
| 21. | Taqbel li użu ġeneralizzat tal-proċedura negozjata jista' jkun fih ċerti riskji ta' abbuż/diskriminazzjoni? Minbarra s-salvagwardji diġà pprovduti fid-Direttivi għall-proċedura negozjata, huma neċessarji ukoll salvagwardji addizzjonali għat-trasparenza u nondiskriminazzjoni sabiex jikkumpensaw għal-livell għoli ta' diskrezzjoni? Jekk dan huwa l-każ, x'jistgħu jkunu dawn is-salvagwardji addizzjonali? |

*Oġġetti u servizzi kummerċjali*

Il-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi jipprovdi ċerti regoli speċjali għal "oġġetti u servizzi ta' tip ġeneralment mibjugħin jew offruti għall-bejgħ fis-suq kummerċjali lil, u normalment mixtrija minn, akkwirenti nongovernattivi għal skopijiet nongovernattivi". L-oġġetti u s-servizzi kummerċjali huma meqjusin disponibbli fis-suq f'forma standardizzata u għalhekk l-akkwist ta' tali oġġetti u servizzi huwa ssimplifikat bil-fatt li l-prezz, il-kwalità u l-kundizzjonijiet huma stabiliti b'mod wiesa' fis-swieq. Jista' jkun hemm każ għal introduzzjoni ta' proċeduri ssimplifikati għax-xiri ta' tali oġġetti u servizzi (pereżempju, proċeduri simplifikati b'limiti taż-żmien iqsar).

| **Mistoqsija:** | |
|---|---|
| 22. | Taħseb li jkun xieraq li jiġu pprovduti proċeduri simplifikati għax-xiri ta' oġġetti u servizzi kummerċjali? Jekk dan huwa l-każ, x'forom ta' simplifikazzjoni tipproponi? |

*Għażla u għoti*

Skont id-Direttivi attwali, l-għażla tal-offerent rebbieħ għandha titwettaq f'żewġ stadji. Waqt l-istadju tal-għażla, l-awtorità kontraenti tivvaluta l-kapaċità u s-sostenibilità tal-operaturi ekonomiċi. Dan isir abbażi tal-kriterji tal-esklużjoni u l-kriterji tal-kapaċità ekonomika u finanzjarja, l-għarfien u l-ħila professjonali u teknika. Fl-istadju tal-għoti, l-awtorità

kontraenti teżamina l-offerti u tagħżel l-aħjar offerta. Dan isir abbażi tal-kriterji oġġettivi relatati mal-kwalità tal-oġġetti u s-servizzi proposti.

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[41], l-awtoritajiet kontraenti huma meħtieġa jagħmlu distinzjoni stretta bejn il-kriterji tal-għażla u l-kriterji tal-għoti. Id-deċiżjoni tal-għoti tal-kuntratt għandha tkun ibbażata esklużivament fuq kriterji li jikkonċernaw l-oġġetti u s-servizzi offruti. Konsiderazzjonijiet marbuta mal-ħila tal-offerent li jwettaq il-kuntratt, bħall-esperjenza, ir-riżorsi umani u t-tagħmir tiegħu, mhux permessi.

Il-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi jagħmel ukoll distinzjoni bejn l-għażla u d-deċiżjoni tal-għoti tal-kuntratt. Madankollu, din id-distinzjoni hija anqas stretta mill-ġurisprudenza msemmija hawn fuq, għaliex il-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi ma jipprojbixxix espliċitament il-kunsiderazzjoni, fl-istadju tal-għoti, tal-kriterji li mhumiex marbuta mal-oġġetti u s-servizzi offruti, u għalhekk jippermetti li jiġu kkunsidrati kriterji relatati mal-offerenti.

L-awtoritajiet kontraenti kultant jilmentaw dwar il-piżijiet amministrattivi li jirriżultaw mill-bżonn li l-ewwel jiġu vverifikati l-kriterji tal-għażla għall-kandidati u l-offerenti kollha qabel ma jiġu eżaminati l-kriterji tal-għoti. Dawn jargumentaw li, f'ċerti ċirkustanzi, jekk jitħallew jeżaminaw l-ewwel il-kriterji tal-għoti, dan jista' jgħin biex iċaqlaq il-proċess 'il quddiem iżjed malajr, għaliex il-kriterji tal-għażla jkollhom bżonn jiġu eżaminati biss fir-rigward tal-offerent rebbieħ.

F'dak ir-rigward, jista' jkun hemm argument għar-rikonsiderazzjoni tal-organizzazzjoni u s-sekwenza tal-eżaminazzjoni tal-kriterji tal-għażla u tal-għoti fi ħdan il-qafas proċedurali. Indikazzjoni f'dik id-direzzjoni tista' tinsab fil-ġurisprudenza iżjed reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li d-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku "teoretikament ma teskludix li l-verifika tal-indoneità tal-offerenti u l-għoti tal-kuntratti jistgħu jsiru simultanjament", sakemm "iż-żewġ proċeduri huma ... żewġ proċeduri distinti u li huma rregolati minn regoli differenti"[42]. Dan jissuġġerixxi li mhijiex tant is-sekwenza tal-passi proċedurali li hija importanti, iżda s-separazzjoni tal-prinċipji bejn il-kriterji tal-għażla u l-kriterji tal-għoti.

Madankollu, l-adegwatezza ta' tali possibilità trid tiġi analizzata sew. Li jittaffew b'mod ġenwin il-piżijiet amministrattivi jista' jinħaseb biss f'ċirkustanzi speċifiċi. L-eżaminazzjoni tal-kriterji tal-għażla wara l-kriterji tal-għoti tagħmel sens biss meta l-kriterji tal-għoti jistgħu jiġu vvalutati malajr u faċilment għall-offerti kollha. Dan jista' jkun il-każ b'mod partikolari għall-għoti ta' kuntratti li jikkonċernaw ix-xiri ta' oġġetti standard għall-orħos prezz. Barra minn hekk, huwa diffiċli li dan l-approċċ jiġi implimentat fi proċedura ristretta jew negozjata fejn il-kandidati li jridu jiġu mistiedna jagħmlu offerta jew jinnegozjaw normalment jintagħżlu abbażi tal-kriterji għall-għażla kwalitattiva, kif ukoll meta jintużaw sistemi ta' kwalifiki.

Ċerti partijiet interessati jippreżentaw proposti iżjed estensivi li jqajmu dubju dwar is-separazzjoni fil-prinċipju bejn il-kriterji tal-għażla u dawk tal-għoti. Dawn jistqarru li l-possibilità li jiġu kkunsidrati l-kriterji relatati mal-offerent, bħall-esperjenza u l-kwalifiki, bħala kriterji tal-għoti tgħin li jitjiebu l-eżiti tal-akkwist.

---

[41] Ara s-sentenzi tal-20.9.1988 fil-Kawża 31/87 Beentjes, il-punti 15-19, tal-24.1.2008 fil-Kawża C-532/06 Lianakis, il-punt 30, u tat-12.11.2009 fil-Kawża C-199/07 Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, il-punti 51 sa 55.

[42] Ara s-sentenzi Lianakis, il-punt 27, u Il-Kummissjoni vs Il-Greċja,il-punt 51.

Madankollu, wieħed irid ikun jaf li ħolqien ta' tali possibilità tista' tirriżulta f'bidla kbira fis-sistema proċedurali stabilita fid-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku. Is-separazzjoni bejn il-kriterji tal-għażja u tal-għoti tiggarantixxi ġustizzja u oġġettività fil-paragun tal-offerti. Li tiġi permessa l-inklużjoni ta' kriterji relatati mal-offerent bħall-esperjenza u l-kwalifiki bħala kriterji għall-għoti tal-kuntratti tista' tipperikola l-paragunabilità tal-fatturi li jridu jingħataw kunsiderazzjoni u fl-aħħar tikser il-prinċipju ta' trattament ugwali. Is-serħan fuq il-kriterji marbuta mal-offerent għalhekk potenzjalment tista' wkoll twassal għal distorsjonijiet fil-kompetizzjoni. Il-proposti f'dik id-direzzjoni għandhom għalhekk jiġu previsti, jekk possibbli, f'ċirkustanzi limitati biss, eż. għal tipi speċifiċi ta' kuntratti, fejn il-kwalifiki u s-CVs tal-personal disponibbli jkunu rilevanti b'mod partikolari.

Fi kwalunkwe każ, kull bidla li jkollha effett fuq il-prinċipju tas-separazzjoni tal-għażla u tal-għoti trid tiġi kkunsidrata b'attenzjoni estrema. Jista' jkun neċessarju li jiġu pprovduti salvagwardji addizzjonali sabiex jiġu ggarantiti l-ġustizzja u l-oġġettività tal-proċeduri.

**Mistoqsijiet:**

23. Inti favur approċċ iżjed flessibbli lejn l-organizzazzjoni u s-sekwenza tal-eżaminazzjoni tal-kriterji tal-għażla u tal-għoti bħala parti mill-proċedura tal-akkwist? Jekk iva, taħseb li għandu jkun possibbli li jiġu eżaminati l-kriterji tal-għoti qabel il-kriterji tal-għażla?

24. Taħseb li jkun ġustifikat f'każijiet eċċezzjonali li l-awtoritajiet kontraenti jiġu permessi jikkunsidraw kriterji bbażati fuq l-offerent stess fil-fażi tal-għoti? Jekk iva, f'liema każijiet, u liema salvagwardji addizzjonali fil-fehma tiegħek ikunu meħtieġa biex jiġu garantiti l-ġustizzja u l-oġġettività tad-deċiżjoni tal-għoti f'tali sistema?

*Kunsiderazzjoni tal-prestazzjoni fil-passat*

Il-partijiet interessati jissuġġerixxu wkoll li d-Direttivi attwali ma jipprovdux strument xierqa biex jiġu kkunsidrati l-esperjenzi preċedenti li l-awtorità kontraenti jkun kellha bil-prestazzjoni tal-offerenti. Huwa veru li l-kunsiderazzjoni ta' tali esperjenza għandha tipprovdi indikaturi utli tal-kwalità tal-offerent u x-xogħol futur tiegħu. Madankollu, din il-possibilità toħloq riskji ovvji ta' diskriminazzjoni bejn l-offerenti. Għalhekk ikun neċessarju li jiġu stabiliti salvagwardji xierqa sabiex jiġi żgurat trattament ugwali tal-offerenti, it-trasparenza u l-proċedura ġusta.

**Mistoqsija:**

25. Taħseb li d-Direttiva għandha tippermetti espliċitament li tiġi kkunsidrata l-esperjenza preċedenti ma' offerent wieħed jew iżjed? Jekk iva, x'salvagwardji jkunu meħtieġa sabiex jiġu evitati prattiki diskriminatorji?

*Għodod speċifiċi għall-utilitajiet*

L-għodod proċedurali tad-Direttiva dwar l-Utilitajiet ivarjaw sostanzjalment minn dawk tad-Direttiva 2004/18/KE f'għadd ta' punti. Aspett wieħed huwa li huma karatterizzati bi flessibilità proċedurali akbar għall-entitajiet kontraenti. Minbarra l-libertà tal-għażla msemmija ta' proċedura negozjata b'sejħa għall-kompetizzjoni, l-operaturi tal-utilitajiet

għandhom ukoll disponibbli żewġ għodod speċifiċi għall-organizzar tal-akkwist, jiġifieri: sistemi ta' kwalifiki[43] u avviżi perjodiċi indikattivi[44].

Taħt it-termini tad-Direttiva attwali tal-Utilitajiet, avviżi dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifiki jistgħu jintużaw bħala mezz ta' sejħa għal kompetizzjoni fir-rigward tal-akkwist ta' kwalunkwe tip ta' xogħol, provvisti jew servizzi li għandhom jinxtraw matul it-tul taż-żmien tas-sistema ta' kwalifiki, irrispettivament mill-għadd ta' proċeduri ta' akkwist individwali li se jintużaw għal dan l-iskop. Fejn avviż dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifiki jkun il-mezz magħżul għal sejħa għall-kompetizzjoni, il-kuntratt(i) speċifiċi konċernati jistgħu jingħataw biss permezz ta' proċeduri ristretti jew negozjati li fihom il-parteċipanti jintgħażlu minn fost dawk – u biss dawk – li diġà jikkwalifikaw skont ir-regoli li jikkontrollaw is-sistema konċernata. Is-sistemi ta' kwalifiki jistgħu jkunu għodda utli b'rabta mal-akkwist ta' xogħlijiet, provvisti jew servizzi ta' preċiżjoni teknika[45] li jinvolvu proċedura twila sabiex l-operaturi ekonomiċi jikkwalifikaw[46], li hija vantaġġuża għal dawk kollha involuti biex jużaw l-istess proċess ta' kwalifika fir-rigward ta' għadd ta' proċeduri tal-akkwist individwali, minflok ikollu jerġa' jiġi ripetut il-proċess ta' kwalifikazzjoni għal kull proċedura ta' akkwist.

Avviżi perjodiċi indikattivi jistgħu jintużaw bħala mezz ta' sejħa għall-kompetizzjoni fir-rigward ta' akkwist ta' kwalunkwe tip ta' xogħol, provvisti jew servizzi li għandhom jinxtraw fuq perjodu ta' tnax-il xahar, irrispettivament mill-għadd ta' proċeduri tal-akkwist individwali li għandhom jintużaw għal dak l-iskop. Meta avviż perjodiku indikattiv ikun il-mezz magħżul ta' sejħa għal kompetizzjoni, il-kuntratt(i) speċifiċi konċernati ma jistgħux jingħataw bi proċeduri miftuħa, iżda biss permezz ta' proċeduri ristretti jew negozjati li fihom il-parteċipanti jintgħażlu minn fost dawk – u biss dawk – li ddikjaraw interess bħala tweġiba għall-avviż perjodiku indikattiv. L-avviżi perjodiċi indikattivi ħafna drabi jintużaw bħala mezz ta' sejħa għall-kompetizzjoni fir-rigward tax-xiri ripetittiv ta' oġġetti, servizzi jew xogħlijiet uniformi simili u jistgħu għalhekk jiffaċilitaw in-negozju ta' kuljum tal-operaturi tal-utilitajiet.

**Mistoqsija:**

26. Taħseb li huma meħtieġa regoli speċifiċi għall-akkwist minn operaturi tal-utilitajiet? Ir-regoli differenti li japplikaw għall-operaturi tal-utilitajiet u l-impriżi pubbliċi jirrikonoxxu b'mod xieraq il-karattru speċifiku tal-akkwist tal-utilitajiet?

## 2.2. Strumenti speċifiċi għal awtoritajiet kontraenti żgħar

Awtoritajiet kontraenti żgħar, b'mod partikolari, ħafna drabi jilmentaw li l-applikazzjoni tar-reġim sħiħ ta' regoli u salvagwardji proċedurali għall-għoti tal-kuntratti relattivament żgħar tagħhom jeħtieġ ammont ta' żmien u sforz sproporjonat. Għal kuntratti żgħar taħt il-livelli limitu tad-Direttivi, dawn jilmentaw ukoll dwar l-inċertezza legali relatata man-neċessità ta' konformità jew le mar-rekwiżiti li joħorġu mil-leġiżlazzjoni primarja. Dan it-tħassib jista' jiġi indirizzat kif ġej:

*Qafas proċedurali eħfef għall-awtoritajiet kontraenti lokali u reġjonali dwar l-għoti ta' kuntratti b'valur ogħla mil-livelli limitu tad-Direttivi.*

---

43 Ara b'mod partikolari l-Artikolu 53.
44 Ara l-Artikolu 42(3).
45 Eż. vetturi ferrovjarji, pajpijiet tal-gass ta' pressa għolja, eċċ.
46 F'ċerti każijiet aktar minn sitt xhur.

Jista' jkun hemm bżonn ta' twaqqif ta' qafas proċedurali eħfef għal awtoritajiet kontraenti lokali u reġjonali sabiex isir użu sħiħ tal-flessibilitajiet li huma disponibbli skont il-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi għal awtoritajiet sottoċentrali u operaturi tal-utilitajiet mingħajr ma jiġi kompromess il-bżonn għat-trasparenza. Id-Direttivi attwali jipprovdu dawn il-flessibilitajiet biss għall-operaturi tal-utilitajiet, iżda mhux għall-awtoritajiet kontraenti lokali u reġjonali. Tali sistema differenzjata tagħti lill-awtoritajiet lokali iżjed libertà fin-negozju tal-akkwist tagħhom u tnaqqas il-piżijiet amministrattivi preċiżament f'dawk l-oqsma fejn ikunu sproporzjonati. Mill-banda l-oħra, il-ħolqien ta' livelli differenti ta' rekwiżiti proċedurali jista' jżid mal-kumplessità tal-qafas legali ġenerali u jista' jkun diffiċli li jiġu trasposti u applikati fil-prattika, notevolment fejn tidħol l-applikazzjoni tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat[47].

Element wieħed ta' tali qafas proċedurali eħfef jistgħu ikunu rekwiżiti ta' pubblikazzjoni anqas stretti: Skont il-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi, awtorità kontraenti sottoċentrali tista' tagħti kuntratt mingħajr il-pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt individwali, sakemm tkun ħabbret l-intenzjoni tagħha u ppubblikat informazzjoni speċifika f'avviż perjodiku indikattiv jew avviż dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifiki[48]. Din il-possibilità tista' tnaqqas konsiderevolment il-piżijiet amministrattivi għall-awtoritajiet kontraenti. Żvantaġġ potenzjali jista' jkun tnaqqis fl-aċċessibilità għall-kuntratti għall-operaturi ekonomiċi, li jirriżulta f'kompetizzjoni mnaqqsa għall-kuntratti individwali.

Possibilità oħra tista' tkun li jiġi permess l-użu ġeneralizzat tal-proċedura negozjata bil-pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' kuntratt. Il-possibilità li jiġu permessi negozjati b'mod ġenerali diġà ġiet diskussa hawn fuq (it-Taqsima 2.1). L-adegwatezza ta' din il-possibilità speċifikament għal awtoritajiet kontraenti lokali u reġjonali tista' tiġi analizzata b'attenzjoni. Tista' tkun mod tajjeb sabiex jiġi adattat il-kuntratt biex jikkunsidra t-preokkupazzjonijiet u l-bżonnijiet speċifiċi ta' tali awtoritajiet. Mill-banda l-oħra, mhemmx ċertezza li awtoritajiet kontraenti żgħar dejjem ikollhom is-setgħa tal-akkwirent u l-kompetenza teknika biex imexxu negozjati fuq livell ugwali mal-offerenti.

**Mistoqsijiet:**

27. Taħseb li r-reġim sħiħ tal-akkwist pubbliku huwa adegwat jew għall-kuntrarju mhuwiex xieraq għall-bżonnijiet ta' awtoritajiet kontraenti iżgħar? Jekk jogħġbok agħti spjegazzjoni għat-tweġiba tiegħek.

28. Jekk iva, inti favur reġim tal-akkwist simplifikat għal għotjiet ta' kuntratti relattivament żgħar minn awtoritajiet lokali u reġjonali? Fil-fehma tiegħek x'għandhom ikunu l-karatteristiċi ta' tali reġim simplifikat?

*Iżjed ċertezza legali għal għotjiet taħt il-livelli limitu tad-Direttivi*

Ħafna mill-kuntratti mogħtija minn awtoritajiet kontraenti żgħar lokali u reġjonali għandhom valuri taħt il-livelli limitu tad-Direttivi. Madankollu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-għoti ta' tali kuntratti għandu jirrispetta l-prinċipji bażiċi tad-dritt tal-UE, bħan-nondiskriminazzjoni u t-trasparenza, jekk fihom interess transfruntier. Il-Kummissjoni tat il-fehma tagħha dwar ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-ġurisprudenza tal-Qorti fil-*Komunikazzjoni*

---

47 Ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat jiffukaw fuq il-kumpens mogħti aktar milli fuq id-daqs tal-awtorità kontraenti. Kwalunkwe reviżjoni possibbli favur qafas proċedurali eħfef għandha ssir mingħajr ħsara għall-applikazzjoni tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat.

48 Għal spjegazzjoni iżjed dettaljata ta' dawn l-istrumenti, jekk jogħġbok ara t-Taqsima 2.1.

*Interpretattiva dwar il-liġi Komunitarja applikabbli għal għotjiet ta' kuntratti li ma jkunux suġġetti, jew mhux kompletament suġġetti, għad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi dwar l-Akkwist pubbliku*[49].

Madankollu, ħafna awtoritajiet kontraenti jsostnu li l-kjarifika pprovduta minn din il-Komunikazzjoni mhux dejjem tista' tkun biżżejjed fil-prattika, speċjalment għad-determinazzjoni ta' jekk hemmx jew le interess transfruntier. L-inċertezza ta' jekk l-istandards tal-prinċipji bażiċi għandhomx jiġu rispettati jew le f'każijiet speċifiċi tista' trendi l-ħajja diffiċli speċjalment għal awtoritajiet kontraenti iżgħar. L-importanza ta' din il-kwistjoni hija ovvja ukoll mill-miżuri meħudin mill-Istati Membri f'dan ir-rigward fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja.

Anki jekk il-kuntratti taħt il-livelli limitu wisq probabbli mhux se jkunu koperti minn proposta leġiżlattiva futura, gwida ulterjuri tista' tgħin lill-awtoritajiet kontraenti fil-valutazzjoni tal-eżistenza jew le ta' ċertu interess transfruntier f'każijiet speċifiki.

**Mistoqsija:**

29. Taħseb li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif spjegata fil-Komunikazzjoni Interpretattiva tal-Kummissjoni, tipprovdi biżżejjed ċertezza legali għall-għoti ta' kuntratti taħt il-livelli limitu tad-Direttiva? Jew taħseb li gwida addizzjonali, pereżempju dwar l-indikazzjonijet ta' interess potenzjali transfruntier, jew kwalunkwe inizjattiva oħra tal-UE, tista' tkun meħtieġa? Għal liema punti taħseb li dan huwa rilevanti jew neċessarju?

## 2.3. Koperazzjoni pubblika-pubblika

Kwistjoni oħra li kienet is-suġġett ta' dibattitu kontroversjali f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin hija l-kwistjoni ta' jekk, u sa liema grad, ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku għandhomx japplikaw għall-kuntratti konklużi bejn l-awtoritajiet pubbliċi.

Il-prinċipju ta' kompetizzjoni ġusta u miftuħa tipprevjeni li kuntratti konklużi bejn l-awtoritajiet pubbliċi jiġu esklużi *awtomatikament* mill-ambitu tal-applikazzjoni tad-Direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku. Madankollu, huwa veru li l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli mhix xierqa għal ċerti forom ta' koperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi, u għalhekk il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea ma tikkundrax lil dawn bħala akkwist pubbliku.

Essenzjalment, ġiet stabilita qasma bejn arranġamenti fost l-awtoritajiet kontraenti li jwettqu l-kompiti tagħhom koperti bid-dritt tagħhom ta' awtoorganizzazzjoni minn banda waħda u attivitajiet ta' akkwist li għandhom jibbenefikaw minn kompetizzjoni miftuħa fost l-operaturi ekonomiċi mill-banda l-oħra. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddistingwiet b'mod partikolari bejn żewġ xenarji għall-koperazzjoni pubblika-pubblika li mhux koperta mid-Direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku:

Internament: Kuntratti mogħtija lil entità li hija proprjetà pubblika mhumiex meqjusin bħala akkwist pubbliku jekk din l-entità qed tiġi kontrollata mill-awtoritajiet kontraenti b'mod simili

[49] Komunikazzjoni Interpretattiva dwar il-liġi Komunitarja applikabbli għal għotjiet ta' kuntratti li ma jkunux suġġetti, jew mhux kompletament suġġetti, għad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku tal-1.8.2006 (ĠU C 179, 1.8.2006, p. 2). Ara wkoll id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Mejju 2010 fil-Kawża T-258/06, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni.

għal dak li bih jikkontrollow id-dipartimenti tagħhom stess, u jekk tmexxi parti essenzjali tal-attivitajiet tagħha mal-awtoritajiet kontraenti[50]. Ħafna awtoritajiet kontraenti jistgħu jużaw entità interna waħda, ikkontrollata b'mod konġunt (koperazzjoni vertikali/istituzzjonalizzata). Madankollu, din il-ġurisprudenza tal-Qorti ma tweġibx għal għadd ta' mistoqsijiet, bħal x'ifisser eżattament "kontroll simili", l-għoti tal-kuntratti minn entità kontrollata lill-kumpanija/i prinċipali jew lil affiljata interna (jiġifieri entità kkontrollata mill-istess kumpanija prinċipali).

"Koperazzjoni orizzontali": F'sentenza iżjed riċenti[51], il-Qorti sabet li l-użu ta' entitajiet interni kkontrollati b'mod konġunt ma kienx l-uniku mod li titwettaq koperazzjoni pubblika-pubblika, u li tali koperazzjoni tista' tibqa' f'livell purament kuntrattwali (koperazzjoni orizzontali/mhux istituzzjonalizzata). Dan it-tip ta' arranġament mhuwiex kopert bir-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku fil-każ ta' twettiq konġunt minn entitajiet purament pubbliċi ta' kompitu pubbliku, bl-użu tar-riżorsi tagħhom stess, b'għan komuni u li jinvolvi drittijiet u obbligi reċiproki li jmorru lil hinn minn "twettiq ta' kompitu bi ħlas" fl-insegwiment ta' objettivi fl-interess tal-pubbliku.

Minbarra dawn iż-żewġ forom ta' koperazzjoni, każ ieħor jeħtieġ jissemma', iżda ma jikkonċernax il-"koperazzjoni" fis-sens strett bejn ħafna awtoritajiet kontraenti, iżda t-trasferiment tal-kompetenza għal kompitu pubbliku minn awtorità waħda għal oħra. Tali trasferiment ta' kompetenzi jibqa' barra mill-ambitu tad-Direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku jekk ir-responsabilità għall-kompitu huwa trasferit kompletament (għall-kuntrarju ta' fejn l-eżekuzzjoni attwali tal-kompitu tiġi sempliċement affidata lil awtorità oħra).

Il-ġurisprudenza li qed tevolvi tal-Qorti tal-Ġustizzja rriżultat fi stampa kumplessa ta' eċċezzjonijiet potenzjali għall-koperazzjoni pubblika-pubblika, u l-esperjenza turi li l-awtoritajiet kontraenti mhux dejjem ikunu ċaru dwar jekk u taħt liema kundizzjonijiet r-relazzjonijiet tagħhom jaqgħu fl-ambitu tal-liġi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku. Bħala tweġiba għal dan il-bżonn għal kjarifika fuq perijodu qasir, is-servizzi tal-Kummissjoni se jipprovdu gwida dwar l-interpretazzjoni tal-ġurisprudenza f'dokument ta' ħidma tal-personal li se jiġi ppubblikat fl-2011.

Il-kwistjoni ewlenija, madankollu, hija jekk u kif din il-kwistjoni għandha tiġi indirizzata bir-regoli leġiżlattivi li għandhom jipprovdu b'mod partikolari definizzjoni ċara ta' dawk il-forom ta' koperazzjoni li huma barra mill-ambitu tal-applikazzjoni tad-Direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku.

Jista' jkun utli li jiġi esplorat jekk hemmx lok għal kunċett b'ċerti kriterji komuni għal koperazzjonijiet pubblika-pubblika eżentati. Tali kunċett għandu jiġi maħsub sabiex jiddistingwi b'mod ċar bejn forom moderni tal-organizzazzjoni tat-twettiq (konġunt) tax-xogħlijiet pubbliċi mill-awtoritajiet kontraenti, li huma gwidati biss minn kunsiderazzjonijiet ta' interess pubbliku minn banda waħda (jiġifieri mhux koperti minn regoli dwar l-akkwist pubbliku), u l-bejgħ (kummerċjali) u xiri ta' oġġetti u servizzi fis-suq mill-banda l-oħra (koperti mir-regoli). Għandha ssir analiżi b'reqqa dwar kif din id-distinzjoni tista' tiġi implimentata fil-prattika, filwaqt li tingħata kunsiderazzjoni ukoll lil dak li ġie deċiż fis-sentenzi reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja. L-aspetti li ġejjin jidhru li huma importanti b'mod partikolari f'dan il-kuntest.

---

50 Ara pereżempju l-Kawżi C-107/98, Teckal; C-324/07, Coditel u C-573/07, Sea.
51 Il-Kawża C-480/06, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja.

L-ewwel nett, jidher ċar mill-ġurisprudenza tal-Qorti[52] li kwalunkwe koperazzjoni pubblika-pubblika eżentata mill-applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku għandha tibqa' purament pubblika. Il-parteċipazzjoni tal-kapital privat f'waħda mill-entitajiet li qed tikkopera għalhekk għandha tipprevjeni l-koperazzjoni milli tiġi eżentata mir-regoli dwar l-akkwist pubbliku.

Element ieħor li jidher li huwa importanti huwa l-kriterju ta' "orjentazzjoni limitata lejn is-suq" tal-entitajiet konċernati, kif żviluppat iżjed reċentement mill-Qorti tal-Ġustizzja[53]. Jekk l-entitajiet konċernati huma orjentati lejn is-suq, huma attivi fis-suq f'kompetizzjoni diretta mal-operaturi privati, u jsegwu l-istess objettivi jew simili u jużaw l-istess strumenti. Il-koperazzjoni li hija eżentata mir-regoli dwar l-akkwist u li għandha l-għan li tissodisfa kompitu pubbliku għandha fil-prinċipju ma tinkludix tali entitajiet. Fornituri interni b'orjentazzjoni kummerċjali jistgħu wkoll joħolqu preokkupazzjonijiet ta' kompetizzjoni u għajnuna mill-Istat.

Fl-aħħar nett, it-tip ta' konnessjoni bejn l-entitajiet li qed jikkoperaw trid tiġi indirizzata. Fil-koperazzjoni istituzzjonalizzata, hija l-preżenza ta' kontroll intern (konġunt) li tista' twassal għal eżenzjoni mill-ambitu tagħha anki ftehim li normalment huwa kopert mir-reġim tal-akkwist. Fin-nuqqas ta' tali kontroll, u sabiex issir distinzjoni bejn koperazzjoni mhux istituzzjonalizzata u kuntratt pubbliku normali, jidher importanti li dan ta' qabel jinvolvi drittijiet u obbligi reċiproki li jmorru lil hinn mit-"twettiq ta' kompitu bi ħlas" u li l-għan ewlieni tal-koperazzjoni mhuwiex ta' natura kummerċjali.

**Mistoqsijiet:**

30. Fid-dawl ta' dak li ssemma, taħseb li jkun utli li jiġu stabiliti regoli leġiżlattivi fil-livell tal-UE dwar l-ambitu u l-kriterji għall-koperazzjoni pubblika-pubblika?

31. Taqbel li għandu jiġi żviluppat kunċett b'ċerti kriterji komuni għal forom eżentati ta' koperazzjoni pubblika-pubblika? Fil-fehma tiegħek x'għandhom ikunu l-elementi l-iżjed importanti ta' tali kunċett?

32. Jew tippreferi regoli speċifiċi għal forom differenti ta' koperazzjoni, li jsegwu l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (eż. koperazzjoni interna u orizzontali)? Jekk iva, jekk jogħġbok spjega għalfejn u liema regoli għandhom ikunu.

33. Ir-regoli tal-UE għandhom ikopru wkoll trasferimenti ta' kompetenzi? Jekk jogħġbok agħti r-raġunijiet għat-tweġiba tiegħek.

### 2.4. Għodod xierqa għall-aggregazzjoni tad-domanda / Akkwist konġunt

Waħda mill-kwistjonijiet fejn il-partijiet interessati ħafna drabi jiddeploraw dak li jaraw bħala insuffiċjenza ta' strumenti fil-livell tal-UE hija l-kwistjoni tal-aggregazzjoni tad-domanda/ tal-kordinazzjoni tal-akkwist pubbliku bejn l-awtoritajiet kontraenti.

---

[52] Il-Kawża C-26/03., Stadt Halle.

[53] Il-Kawża C-573/07, SEA, il-punt 73. Ir-rekwiżiti fis-sentenza C-480/06, li l-koperazzjoni għandha tkun "unikament irregolata minn kunsiderazzjonijiet u ħtiġijiet intiżi [rekwiżiti maħsuba] għall-ksib ta' għanijiet ta' interess pubbliku u meta l-prinċipju ta' trattament ugwali tal-persuni konċernati … jkun iggarantit, b'tali mod li l-ebda impriża privata ma titqiegħed f'sitwazzjoni privileġġjata meta mqabbla mal-kompetituri tagħha".

Dawk li huma favur tali aggregazzjoni tad-domanda jenfasizzaw l-effetti pożittivi konsiderevoli għall-fornituri u l-awtoritajiet kontraenti, li jinkludu: l-ekonomiji ta' skala, kostijiet tal-produzzjoni iżjed baxxi għall-benefiċċju tal-impriżi u l-kontribwenti Ewropej, żieda fil-kapaċità tal-akkwist fuq il-parti tal-awtoritajiet pubbliċi u possibilità għalihom biex jiġbru flimkien il-ħiliet u l-kompetenzi u jikkondividu l-kostijiet u r-riskji assoċjati mal-akkwist. Il-kondiviżjoni tal-kostijiet u r-riskji għandha tiffaċilita ukoll l-akkwist strateġiku ta' proġetti u servizzi innovattivi ġodda, u b'hekk tinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' prodotti u swieq ġodda[54].

Speċjalment il-koperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet kontraenti minn Stati Membri differenti tista' tikkontribwixxi għal integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tal-akkwist, tinkoraġġixxi d-deframmentazzjoni tas-swieq Ewropej lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u b'hekk toħloq bażi industrijali Ewropea vijabbli u internazzjonalment kompetittiva.

Id-Direttivi attwali diġà jipprovdu għadd ta' għodod għall-aggregazzjoni tad-domanda, inklużi korpi ċentrali għall-akkwisti[55]. Hemm ukoll strumenti oħra li mhumiex imfassla speċifikament għall-aggregazzjoni tad-domanda, iżda jistgħu jintużaw għal dan l-iskop, bħall-possibilità li jiġu konklużi kuntratti qafas li fihom jipparteċipaw ħafna awtoritajiet kontraenti. Ovvjament, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jikkordinaw ukoll l-attivitajiet ta' akkwist tagħhom sempliċement billi jikkondividu l-esperjenzi tagħhom jew jikkordinaw ċerti fażijiet tal-proċedura tal-akkwist.

Madankollu, hemm bżonn għal diskussjoni tat-talba rikorrenti għal strumenti fil-livell tal-UE iżjed speċifiċi għall-aggregazzjoni tad-domanda, b'mod partikolari l-akkwist konġunt transfruntier. Tali strumenti u mekkaniżmi jridu jsibu l-bilanċ ġust bejn li tiġi permessa aggregazzjoni b'saħħitha tad-domanda fis-setturi strateġiċi, u li tiġi evitata r-restrizzjoni tal-kompetizzjoni fis-swieq tal-akkwist (b'mod partikolari għad-detriment tal-SMEs), eż. billi l-kuntratti jiġu maqsuma f'lottijiet.

Fir-rigward tal-akkwist pubbliku konġunt transfruntier, jista' jkun hemm kwistjonijiet legali addizzjonali li jridu jiġu indirizzati, bħal: l-identifikazzjoni ta' liema leġiżlazzjoni nazzjonali hija applikabbli għall-proċedura tal-akkwist pubbliku u għall-kuntratti, il-kapaċità tal-awtoritajiet kontraenti li jużaw leġiżlazzjoni nazzjonali minbarra tagħhom stess, u li jiddeċiedu fuq il-korp kompetenti u r-regoli applikabbli għar-reviżjoni tad-deċiżjonijiet tal-akkwist, eċċ.

**Mistoqsijiet:**

34. B'mod ġenerali, inti favur aggregazzjoni aktar b'saħħitha tad-domanda / iżjed akkwist konġunt? X'inhuma l-benefiċċji u/jew l-iżvantaġġi fil-fehma tiegħek?

35. Fil-fehma tiegħek, hemm ostakoli għall-aggregazzjoni tad-domanda/għall-akkwist konġunt effiċjenti? Taħseb li l-istrumenti li dawn id-Direttivi jipprovdu għall-aggregazzjoni tad-domanda (korpi ċentrali għall-akkwisti, kuntratti qafas) jaħdmu sew u huma iżjed effiċjenti? Jekk le, kif għandhom jiġu mmodifikati dawn l-

54 Dan huwa għaliex l-inizjattiva ewlenija "Unjoni tal-Innovazzjoni" (SEC(2010) 1161) li tfittex li terġa' tniedi l-politiki ta' innovazzjoni u ta' riċerka Ewropej bħala parti mill-Istrateġija tal-Ewropa 2020, tappella wkoll għal inizjattiva tal-UE fuq l-akkwisti konġunti.

55 Ara l-Artikolu 1(10) tad-Direttiva 2004/18/KE.

istrumenti? Xi strumenti jew dispożizzjonijiet oħra huma neċessarji fil-fehma tiegħek?

36. Taħseb li aggregazzjoni tad-domanda/akkwist konġunt aktar b'saħħithom jistgħu jinvolvu ċerti riskji f'termini ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni u tfixkil tal-aċċess għall-kuntratti pubbliċi għall-SMEs? Jekk iva, kif jistgħu jiġu mmitigati r-riskji potenzjali?

37. Taħseb li akkwist pubbliku konġunt jkun iżjed adattat għal ċerti oqsma ta' prodotti speċifiċi milli għal oħrajn? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika uħud minn dawn l-oqsma u r-raġunijiet.

38. Tara xi problemi speċifiċi għall-akkwist konġunt transfruntier (eż. f'termini ta' leġiżlazzjoni u proċeduri ta' reviżjoni applikabbli)? Speċifikament, taħseb li l-liġi nazzjonali tiegħek tippermetti li awtorità kontraenti tkun soġġetta għal proċedura ta' reviżjoni fi Stat Membru ieħor?

### 2.5. Indirizzar ta' preokkupazzjonijiet relatati mal-eżekuzzjoni tal-kuntratti

Minbarra r-rekwiżit ta' trasparenza minn qabel għall-klawsoli tal-eżekuzzjoni tal-kuntratti (indikazzjoni fl-avviż tal-kuntratt jew fl-ispeċifikazzjonijiet), id-Direttivi attwali ma jirregolawx l-eżekuzzjoni tal-kuntratti. Madankollu, ċerti problemi li jseħħu matul il-fażi ta l-eżekuzzjoni tal-kuntratti jista' jkollhom konsegwenzi serji fir-rigward tan-nondiskriminazzjoni bejn l-offerenti u f'termini ta' solidità tax-xiri pubbliku inġenerali. Titqajjem il-kwistjoni dwar jekk ir-regoli tal-UE għandhomx jipprovdu għal strumenti regolatorji speċifiċi li jistgħu jippermettu l-kuntrattar sabiex dawn il-problemi jiġu ttrattati b'mod iżjed effiċjenti.

*Modifiki sostanzjali*

Kwistjoni partikolarment kumplessa hija l-problema tal-iżviluppi sussegwenti li għandhom impatti fuq il-kuntratt stess jew it-twettiq tiegħu.

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-emendi għad-dispożizzjonijiet ta' kuntratt pubbliku matul il-validità tiegħu jeħtieġu proċedura ġdida ta' għoti tal-kuntratt, jekk dawn huma materjalment differenti fin-natura tagħhom mill-kuntratt oriġinali[56].

Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà pprovdiet ċerti indikaturi dwar meta l-emendi għandhom jitqiesu bħala materjali. Dan ikun notevolment il-każ meta dawn jintroduċu kundizzjonijiet li kieku kienu jippermettu l-parteċipazzjoni jew is-suċċess ta' offerenti oħra, jekk dawn jestendu konsiderevolment l-ambitu tal-kuntratt jew jekk ibiddlu l-bilanċ ekonomiku tal-kuntratt[57]. Madankollu, l-awtoritajiet kontraenti indikaw li, għal ċerti tipi ta' emendi, il-ġurisprudenza ma tidhirx li hija biżżejjed ċara f'termini tal-istabiliment ta' jekk hijiex meħtieġa proċedura ġdida ta' sejħa għall-offerti.

Il-konsultazzjoni preżenti tfittex li tistabilixxi jekk hijiex meħtieġa kjarifika legali fil-livell tal-UE sabiex jiġu stabiliti l-kundizzjonijiet li taħthom modifika tal-kuntratt tkun teħtieġ

---

56 Ara s-sentenzi tal-5.10.2000 fil-Kawża C-337/98 Il-Kummissjoni vs Franza, il-punti 44 u 46, tad-19.6.2008 fil-Kawża C-454/06 pressetext Nachrichtenagentur, il-punti 34-37 u tat-13.4.2010 fil-Kawża C-91/08, Wall AG, il-punti 37.

57 Ara s-sentenza Pressetext Nachrichtenagentur, il-punti 35-37.

proċedura ġdida ta' sejħa għall-offerti. Tali kjarifika tista' tittratta wkoll il-konsegwenzi potenzjali ta' tali modifiki (eż. tipprovdi għal proċedura ta' akkwist eħfef għas-sejħa għall-offerti għall-kuntratt emendat)[58].

**Mistoqsijiet:**

39. Id-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku għandhom jirregolaw il-kwistjoni tal-modifiki sostanzjali ta' kuntratt filwaqt li jkun għadu fis-seħħ? Jekk iva, x'elementi ta' kjarifika tipproponi?

40. Meta jkollha tiġi organizzata proċedura kompetittiva ġdida minħabba emenda ta' kundizzjoni essenzjali waħda jew ta' iżjed minn waħda, huwa ġustifikat li tiġi applikata proċedura iżjed flessibbli? X'tip ta' proċedura tista' tkun?

*Bidliet li jikkonċernaw il-kuntrattur u t-terminazzjoni tal-kuntratti*

Kwistjonijiet kumplessi joħorġu wkoll mill-bidliet li jikkonċernaw il-kuntrattur magħżul stess. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-għażla ta' sieħeb kontraenti ġdid minflok dak li l-awtorità kontraenti inizjalment tkun tatu il-kuntratt tikkostitwixxi modifika sostanzjali, u għalhekk teħtieġ għoti ġdid, sakemm dik is-sostituzzjoni ma ngħatatx fit-termini tal-kuntratt inizjali, pereżempju, billi ġiet inserita dispożizzjoni għas-sottokuntrattar. Dan ma japplikax, madankollu, f'każijiet fejn kuntratt jiġi trasferit lil kuntrattur ieħor tal-istess grupp bħala parti minn riorganizzazzjoni interna[59]. Mill-banda l-oħra, f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali, bidla tas-sottokuntrattur tista' titqies bħala emenda materjali għall-kuntratt, anki jekk il-possibilità ta' bidla tkun stipulata fit-termini tal-kuntratt[60].

L-esperjenza tal-partijiet interessati tissuġġerixxi wkoll li mhux biss is-sostituzzjoni tal-kuntrattur minn entità legali oħra, iżda anki bidliet fl-istat tiegħu, jistgħu jkollhom impatt sinifikanti fuq il-bilanċ kuntrattwali jew l-eżekuzzjoni tajba (eż. inċidenti li jkollhom effett fuq il-kapaċità ta' twettiq tal-kuntratt, bħall-falliment, esperti kruċjali li jitilqu lill-impriża, eċċ).

Għall-darba oħra, għandha ssir diskussjoni biex jiġi aċċertat jekk l-istrumenti fil-livell tal-UE humiex meħtieġa biex jgħinu lill-awtoritajiet kontraenti jindirizzaw dawn is-sitwazzjonijiet b'mod xieraq, pereżempju dritt għall-awtoritajiet kontraenti biex jitterminaw kuntratt fil-każ ta' bidliet kbar relatati mal-kuntrattur, u/jew proċedura ġdida simplifikata biex jinbidel il-kuntrattur ta' qabel f'tali każijiet[61].

Tali possibilità espliċita għall-awtoritajiet kontraenti biex jitterminaw il-kuntratt tista' tkun meħtieġa wkoll għal każijiet fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li kuntratt speċifiku ngħata bi ksur tar-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku. Anki jekk l-Istati Membri jkunu obbligati

58 Soluzzjoni għal bidliet iżjed speċifiċi diġà hija provduta llum fl-Artikolu 31 (4) tad-Direttiva 2004/18/KE, li jippermetti l-użu tal-proċedura negozjata mingħajr pubblikazzjoni bil-quddiem għat-twettiq ta' xogħlijiet jew servizzi addizzjonali taħt ċerti ċirkostanzi.

59 Is-sentenza Pressetext Nachrichtenagentur, il-punt 40.

60 Ara s-Sentenza Wall AG, il-punt 39.

61 Tali proċedura tista' wkoll tipprovdi soluzzjonijiet intermedji bħall-possibbiltà li jinħatar it-tieni l-aħjar mill-proċedura oriġinali tas-sejħa għall-offerti jew li tinfetaħ mill-ġdid il-kompetizzjoni biss bejn l-offerenti li pparteċipaw fil-proċedura oriġinali, sakemm il-proċedura ta' qabel ma tkunx seħħet wisq żmien qabel.

jitterminaw il-kuntratti li ngħataw bi ksur tar-regoli tal-UE[62], ċerti leġiżlazzjonijiet nazzjonali ma jipprovdu ebda dritt ta' revoka ta' tali kuntratti, li tagħmilha diffiċli – jekk mhux de facto impossibbli – biex l-awtoritajiet kontraenti jieħdu l-miżuri xierqa biex jikkonformaw mas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja f'każijiet ta' ksur.

**Mistoqsijiet:**

41. Taħseb li r-regoli tal-UE dwar bidliet fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-kuntratti jkollhom valur miżjud? Jekk iva, x'taħseb li jkun il-valur miżjud tar-regoli fil-livell tal-UE? B'mod partikolari, ir-regoli tal-UE għandhom jistipulaw l-obbligu jew id-dritt espliċitu tal-awtoritajiet kontraenti biex ibiddlu l-fornitur/ jitterminaw il-kuntratt f'ċerti ċirkustanzi? Jekk iva, f'liema ċirkustanzi? L-UE għandha tistabilixxi wkoll proċeduri speċifiċi dwar kif il-fornitur ġdid għandu/jista' jintagħżel?

42. Taqbel li d-Direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku għandhom jeħtieġu lill-Istati Membri jipprovdu fil-liġi nazzjonali tagħhom għal dritt ta' kanċellament tal-kuntratti li jkunu ngħataw bi ksur tal-liġi dwar l-akkwist pubbliku?

B'mod iżjed ġenerali, ir-regolamenti nazzjonali dwar l-implimentazzjoni tal-kuntratti huma pjuttost dettaljati f'ħafna Stati Membri u jistgħu jkunu sors ta' piż amministrattiv (eż. regoli dwar l-eżekuzzjoni tal-garanziji, il-kundizzjonijiet tal-konsenja, id-dewmien, l-ipprezzar tal-aġġustamenti, eċċ). In-numru ta' regoli nazzjonali f'dan il-qasam jistgħu jitnaqqsu bl-introduzzjoni ta' standards komuni għal ċerti aspetti fil-livell tal-UE.

**Mistoqsija:**

43. Taħseb li ċerti aspetti tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt – u liema aspetti – għandhom jiġu regolati fil-livell tal-UE? Jekk jogħġbok agħti spjegazzjoni.

*Sottokuntrattar*

Il-leġiżlazzjoni eżistenti fiha biss regoli limitati ħafna dwar is-sottokuntrattar. L-Artikolu 25 tad-Direttiva 2004/18/KE jistipula li l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jobbligaw lill-offerent jagħti indikazzjonijiet dwar is-sottokuntrattar maħsub. Madankollu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, offerent fil-prinċipju huwa intitolat juża sottokuntratturi għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt, anki jekk dan ifisser li parti kbira tal-kuntratt jew il-kuntratt sħiħ jitwettaq minn sottokuntratturi. Is-sottokuntrattar ta' partijiet essenzjali tal-kuntratt jista' jiġi ristrett jew projbit biss f'każijiet fejn l-awtorità kontraenti ma kenitx f'pożizzjoni li tivverifika l-kapaċitajiet tekniċi u ekonomiċi tas-sottokuntratturi.

Ċerti partijiet interessati qed jitolbu restrizzjonijiet iktar b'saħħithom fuq is-sottokuntrattar li jippermettu lill-awtoritajiet kontraenti jeżerċitaw iżjed influwenza fuq il-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Dawn qed jissuġġerixxu, pereżempju, il-possibilità li s-sottokuntrattar jiġi eskluż kompletament jew mill-anqas fil-każ ta' partijiet essenzjali tal-kuntratt, jew li jiġi ristrett għal ċertu perċentwal tal-kuntratt jew li l-awtorità kontraenti jkollha d-dritt li tiċħad is-sottokuntratturi proposti.

62 Ara l-Kawża C-503/04, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja.

**Mistoqsija:**

44. Taħseb li l-awtoritajiet kontraenti għandhom ikollhom iżjed possibilitajiet biex jeżerċitaw influwenza fuq is-sottokuntrattar mill-offerent rebbieħ? Jekk iva, liema strumenti tipproponi?

## 3. SUQ EWROPEW TAL-AKKWIST IŻJED AĊĊESSIBBLI

Wieħed mill-objettivi ewlenin tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-akkwist pubbliku huwa li l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jikkompetu effikaċement għall-kuntratti pubbliċi fi Stati Membri oħra. Suċċess konsiderevoli nkiseb f'dan ir-rigward mill-introduzzjoni tal-ewwel Direttivi tal-akkwist pubbliku fis-snin sebgħin. Madankollu, għad hemm spazju għal titjib biex jinħoloq suq Ewropew ġenwin tal-akkwist li jkun kompletament aċċessibbli għall-impriżi kollha Ewropej. Dan jikkonċerna, b'mod partikolari, aċċess aħjar għall-SMEs u swieq tal-akkwist iżjed kompetittivi b'mod ġenerali.

**Mistoqsija:**

45. Taħseb li d-Direttivi attwali jippermettu lill-operaturi ekonomiċi jagħmlu użu sħiħ mill-opportunitajiet tal-akkwist fis-Suq Intern? Jekk le: liema dispożizzjonijiet tikkunsidra mhux adattati sew għall-bżonnijiet tal-operaturi ekonomiċi u għalfejn?

### 3.1. Aċċess aħjar għall-SMEs u n-Negozji ġodda

L-iskop tad-Direttivi tal-akkwist pubbliku huwa li jinfetaħ is-suq tal-akkwist pubbliku għall-operaturi ekonomiċi kollha, irrispettivament mid-daqs tagħhom. Madankollu, trid tingħata attenzjoni speċjali lill-kwistjoni tal-aċċess għal dawk is-swieq minn impriżi żgħar u medji (SMEs)[63].

L-SMEs huma meqjusin bħala s-sinsla tal-ekonomija tal-UE, u għandhom potenzjal enormi għall-ħolqien tal-impjiegi, it-tkabbir u l-innovazzjoni. L-aċċess faċli għas-swieq tal-akkwist jista' jgħinhom jiftħu l-potenzjal għat-tkabbir u l-innovazzjoni tagħhom, filwaqt li jkollhom impatt pożittiv fuq l-ekonomija Ewropea. Barra minn hekk, involviment b'saħħtu mill-SMEs fl-akkwist pubbliku jippermetti lill-awtoritajiet kontraenti jespandu b'mod konsiderevoli l-bażi ta' fornituri potenzjali, b'effetti pożittivi ta' kompetizzjoni ogħla għall-kuntratti pubbliċi bħala kontrobilanċ għall-atturi dominanti tas-suq.

Sabiex l-akkwist pubbliku ta' kull daqs ikunu aċċessibbli kemm jista' jkun possibbli għall-SMEs, il-Kummissjoni fl-2008 ppubblikat il-"Kodiċi Ewropew tal-aħjar prattiki dwar l-iffaċilitar tal-aċċess tal-akkwist pubbliku"[64]. Il-Kodiċi jenfasizza u jiżviluppa numru ta' prattiki fi ħdan il-qafas regolatorju tal-UE li jottimizzaw is-sejħiet għall-offerti għall-parteċipazzjoni tal-SMEs u jiżguraw ċansijiet indaqs għal dan il-grupp ta' offerenti.

63 Ara wkoll it-talba tal-Parlament Ewropew li l-Kummissjoni għandha tagħmel iktar sforzi sabiex tiffaċilita l-aċċess għall-SMEs għas-swieq tal-akkwist fir-Rapport dwar żviluppi ġodda fl-akkwist pubbliku (2009/2175(INI)).

64 Id-Dokument ta' Ħidma tal-Personal tal-Kummissjoni SEC(2008) 2193.

Studju reċenti kkummissjonat mill-Kummissjoni Ewropea[65] jiżvela li, bejn l-2006 u l-2008, il-proporzjon ta' SMEs fost il-kumpaniji li rebħu kuntratti pubbliċi 'l fuq mil-livelli limitu tal-UE kien bejn 58 % u 61 % fl-UE-27. F'termini ta' valur totali stmat tal-kuntratti assigurati, l-SMEs ammontaw għal bejn 31 % u 38 % tal-akkwist pubbliku filwaqt li s-sehem totali tagħhom fl-ekonomija, kif ikkalkulat abbażi tal-fatturat kombinat tagħhom, huwa 52 %.

F'dan l-isfond, huwa xieraq li jiġi analizzat jekk huwiex neċessarju li jiġu previsti miżuri leġiżlattivi fil-livell tal-UE sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kontraenti jieħdu vantaġġ sħiħ mill-potenzjal ekonomiku u innovattiv tal-SMEs fin-negozjati tal-akkwisti tagħhom.

*Tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi fil-fażi tal-għażla*

Il-fehmiet tal-operaturi ekonomiċi żgħar u medji jissuġġerixxu li l-ostakli kbar għall-parteċipazzjoni tal-SMEs fl-offerti pubbliċi jinsabu fil-fażi tal-għażla. Minn banda waħda dan huwa relatat mal-evidenza li trid tingħata. In-numru kbir ta' ċertifikati li ħafna drabi huma meħtieġa fil-fażi tal-għażla huwa piż amministrattiv li jista' jkun diffiċli li l-SMEs ilaħħqu miegħu, speċjalment fil-kuntest transfruntier meta ċ-ċertifikati jridu jiġu wkoll tradotti. Mill-banda l-oħra, il-kriterji tal-għażla fihom infushom ħafna drabi huma tant għoljin (pereżempju rekwiżiti fuq il-fatturat jew in-numru ta' kuntratti ta' referenza meħtieġa) li huwa effettivament impossibbli biex l-SMEs jissodisfawhom.

Fir-rigward tal-ewwel kwistjoni (l-evidenza għall-kriterji tal-għażla), soluzzjoni li ħafna drabi hija proposta tista' tkun li l-impriżi b'mod ġenerali jitħallew jissottomettu biss sommarju tal-informazzjoni rilevanti għall-għażla u/jew jipprovdu awtodikjarazzjonijiet dwar is-sodisfazzjon tal-kriterji tal-għażla bħala l-ewwel pass. Fil-prinċipju, l-offerent rebbieħ biss jew l-offerenti ammessi għall-fażi tal-għoti mbagħad jintalbu jissottomettu d-dokumenti sustantivi fattwali (iċ-ċertifikati). Madankollu, l-awtorità kontraenti jkollha l-possibilità li titlob id-dokumenti f'kwalunkwe mument matul jew anki wara l-proċedura tal-akkwist għal skopijiet ta' prevenzjoni ta' frodi. Dan għandu jnaqqas il-piż amministrattiv, b'mod partikolari għal impriżi żgħar u medji, mingħajr ma jiġu kompromessi l-garanziji biex isiru għażliet tajbin.

Fir-rigward tat-tieni kwistjoni (kriterji tal-għażla impenjattivi ħafna), jista' jkun hemm ħtieġa għall-introduzzjoni fir-regoli tal-UE ta' limitu massimu fuq ċerti rekwiżiti għall-għażla kwalitattiva, speċjalment dwar l-istatura finanzjarja. Dan jista' jevita li l-awtoritajiet kontraenti jistabilixxu kriterji tal-għażla impenjattivi ħafna (eż. fuq il-fatturat) li inevitabbilment jeskludu lill-SMEs. Tali miżura għandha tiżviluppa iżjed l-obbligu eżistenti li jiġu applikati kriterji tal-għażla proporzjonali. Mill-banda l-oħra, dan se jirrestrinġi l-libertà tal-awtoritajiet kompetenti li jiddeterminaw liema standards iqisu neċessarji biex jiżguraw li l-kuntratt jiġi implimentat sew.

*Suġġerimenti oħra*

Il-partijiet interessati ssuġġerew ukoll l-introduzzjoni ta' miżuri ta' diskriminazzjoni pożittiva relatati mal-SMEs, bħall-iffissar bil-quddiem ta' kwoti tal-akkwist riżervati esklużivament għall-SMEs. Għall-kuntrarju ta' wħud mis-sħab tan-negozju tagħna li introduċew tali miżuri, l-UE mhijiex favur ir-riżervazzjoni tas-swieq għal impriżi speċifiċi. Tali azzjonijiet

[65] L-evalwazzjoni tal-aċċess għall-SMEs għas-swieq tal-akkwist pubbliku fl-UE (aġġornament tal-2009), maħruġa f'Settembru 2010. Ikkummissjonata mid-Direttorat Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija. Konsulent: GHK.

jikkontradixxu wkoll il-prinċipju ta' trattament ugwali tal-offerenti, pilastru fundamentali tar-reġim tal-UE tal-akkwist pubbliku stabilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-libertajiet tat-Trattat.

Madankollu, il-miżuri amministrattivi interni li jinkoraġġixxu l-awtoritajiet kontraenti biex jagħmlu l-aħjar li jistgħu biex itejbu l-aċċess għall-SMEs għall-kuntratti pubbliċi tagħhom jistgħu jkunu possibilità vijabbli. Idea waħda, pereżempju, tista' tkun l-istabiliment ta' miri għall-ishma tal-SMEs fl-akkwist totali. Tali sistema ma tinvolvix ir-*riżervazzjoni ta' kuntratti speċifiċi* għall-SMEs, iżda sempliċement tipprovdi inċentiva għall-awtoritajiet kontraenti biex jagħmlu l-aħjar użu mill-istrumenti disponibbli għall-akkwist favorevoli għall-SMEs.

Alternattiva oħra tista' tkun li l-awtoritajiet kontraenti jitħallew jeħtieġu lill-offerent rebbieħ jissottokuntratta sehem partikolari tal-valur tal-kuntratt lil partijiet terzi. Tali obbligu diġà jeżisti skont id-Direttiva 2004/18/KE għall-għoti ta' xogħlijiet pubbliċi (l-Artikolu 60) u skont id-Direttiva 2009/81/KE dwar l-akkwist fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà (l-Artikolu 21).

**Mistoqsijiet:**

46. Taħseb li r-regoli u l-politika tal-UE dwar l-akkwist pubbliku huma diġà biżżejjed faċli għall-SMEs? Jew, alternattivament, taħseb li ċerti regoli tad-Direttiva għandhom jiġu rriveduti jew li għandhom jiġu introdotti miżuri addizzjonali li jrawmu l-parteċipazzjoni tal-SMEs fl-akkwist pubbliku? Jekk jogħġbok agħti spjegazzjoni għall-għażla tiegħek.

47. Inti tal-opinjoni li wħud mill-miżuri stabiliti fil-Kodiċi tal-Aħjar Prattika għandhom isiru obbligatorji għall-awtoritajiet kontraenti, bħad-diviżjoni f'lottijiet (soġġett għal ċerti twissijiet)?

48. Taħseb li r-regoli relatati mal-għażla tal-offerent fihom piżijiet amministrattivi sproporzjonati għall-SMEs? Jekk iva, kif jistgħu dawn ir-regoli jiġu allevjati mingħajr ma jiġu pperikolati l-garanziji għat-trasparenza, in-nondiskriminazzjoni u l-kwalità għolja fl-implimentazzjoni tal-kuntratti?

49. Inti favur soluzzjoni li teħtieġ is-sottomissjoni u l-verifika tal-evidenza mill-kandidati fil-lista mqassra/ mill-offerent rebbieħ biss?

50. Taħseb li l-awtodikjarazzjonijiet huma mod xieraq biex jiġu allevjati l-piżijiet amministrattivi fir-rigward tal-evidenza għall-kriterji tal-għażla, jew dawn mhumiex affidabbli biżżejjed biex jissostitwixxu ċ-ċertifikati? F'liema kwistjonijiet taħseb li l-awtodikjarazzjonijiet ikunu utli (partikolarment fatti fl-isfera tal-impriża stess) u f'liema ma jkunux?

51. Taqbel li rekwiżiti ta' fatturat eċċessivament stretti bħala evidenza tal-kapaċità finanzjarja huma problematiċi għall-SMEs? Il-leġiżlazzjoni tal-UE għandha tistabilixxi proporzjon massimu li jiżgura l-proporzjonalità tal-kriterji tal-għażla (pereżempju: il-fatturat massimu meħtieġ ma jistax jaqbeż ċertu multiplu tal-valur tal-kuntratt)? Tipproponi xi strumenti oħra li jiżguraw li l-kriterji tal-għażla jkunu proporzjonali għall-valur u s-suġġett tal-kuntratt?

52. X'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' fakultà għall-Istati Membri li jippermetti jew jeħtieġ lill-awtoritajiet kontraenti tagħhom jobbligaw lill-offerent rebbieħ jissottokuntratta ċertu sehem tal-kuntratt ewlieni lill-partijiet terzi?

### 3.2. Żgurar ta' kompetizzjoni ġusta u effikaċi

L-akkwirenti pubbliċi ħafna drabi jixtru minn swieq li għandhom strutturi tas-suq antikompetittivi[66]. Fit-tali swieq, l-għan tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku – jiġifieri kompetizzjoni miftuħa u effettiva – jista' jkun diffiċli li jinkiseb sempliċement bl-applikazzjoni tar-regoli proċedurali stipulati fid-Direttivi attwali. Id-deċiżjonijiet tal-akkwist li jittieħdu mingħajr kunsiderazzjoni tal-istrutturi tas-suq, anki jekk jikkonformaw kompletament mar-regoli tad-Direttivi, fihom ir-riskju ta' konsolidazzjoni jew anki ta' aggravazzjoni tal-istrutturi antikompetittivi. Dan huwa partikolarment minnu fil-każijiet ta' valuri għoljin tal-kuntratti u fis-setturi fejn l-awtoritajiet pubbliċi huma l-klijenti ewlenin u d-domanda privata mhijiex kbira biżżejjed biex tikkumpensa għall-impatt tax-xiri tal-awtoritajiet pubbliċi fuq is-suq.

L-akkwist intelliġenti li għandu l-għan li jżid il-kompetizzjoni f'tali swieq ikun jeħtieġ, l-ewwel nett, li l-akkwirenti jkunu konxji tal-istrutturi tas-swieq konċernati. Barra minn hekk, dawn ikunu jridu jadattaw l-istrateġiji tal-akkwist tagħhom (it-tfassil tal-kuntratti u l-għażliet proċedurali) skont dawn. Pereżempju, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jevitaw li jsejħu għal offerti għal kuntratti li jistgħu jiġu eżegwiti biss minn attur tas-suq wieħed jew numru żgħir ta' atturi tas-suq, għaliex dan isaħħaħ l-istrutturi oligopolistiċi u jagħmel id-dħul ta' atturi ġodda fis-suq kważi impossibbli. Fl-agħar xenarju, l-awtorità kontraenti tispiċċa b'fornitur wieħed dominanti li jiddetta t-termini u l-prezzijiet tal-kuntratti.

Il-forma ġusta tal-kuntratti ovvjament tiddependi fuq l-istruttura tas-suq rilevanti. Jekk kompetituri iżgħar fis-suq huma kapaċi jagħtu s-servizz jew il-prodotti konċernati fuq skala iżgħar, modijiet effiċjenti biex tiżdid il-kompetizzjoni jistgħu jinkludu t-tnaqqis tal-volum/ tad-dewmien tal-kuntratti. Il-kompetizzjoni effiċjenti tista' tinkiseb ukoll bil-qsim tal-kuntratti f'lottijiet, possibbilment flimkien ma' numru massimu ta' lottijiet li jistgħu jingħataw lil offerent wieħed. Jekk m'hemmx biżżejjed kompetituri kontra l-impriżi żgħar, mod alternattiv biex tiġi żgurata l-kompetizzjoni effiċjenti jista' jkun l-iggruppjar ta' ħafna xirjiet f'kuntratt wieħed, sabiex jiġu attirati kompetituri potenzjali minn Stati Membri oħra.

Għadd ta' strumenti oħra ħafna drabi jissemmew bħala salvagwardji utli għal kompetizzjoni effiċjenti fis-swieq tal-akkwist, li jistgħu jiġu introdotti fil-livell tal-UE bħala għażliet fakultattivi għall-Istati Membri jew għall-awtoritajiet kontraenti. Kif imsemmi hawn fuq, kriterji tal-għażla inqas impenjattivi normalment għandhom iżidu l-għadd ta' offerti validi[67]. Kuntratti żvantaġġużi imposti mill-fornituri dominanti jistgħu jiġu evitati bid-definizzjoni minn qabel ta' prezz massimu ta' riżerva, li jekk jinqabeż. ma jingħatax il-kuntratt, jew bil-possibilità li titħassar il-proċedura jekk l-offerta/i ta' offerent wieħed biss jgħaddu l-istadju tal-għażla.

B'mod iżjed ġenerali, miżuri li għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-offerenti mill-Istati Membri l-oħra għandhom jiġu kkunsidrati wkoll, fejn dan ikun possibbli. Kif

---

66 Is-suq tad-disponiment tal-iskart huwa f'ħafna Stati Membri ddominat minn attur wieħed jew żewġ atturi kbar. Is-settur tal-kostruzzjoni huwa, mill-anqas fir-rigward ta' proġetti ta' infrastruttura kbar, oligopolitiku u suxxettibbli għall-bini ta' kartelli. Eżempji oħra huma l-provvista tal-IT, is-suq tal-elettriku f'ċerti Stati Membri, kif deskritt bid-deċiżjonijiet tal-Artikolu 30 li jikkonċernaw is-suq tal-elettriku fir-Repubblika Ċeka, fi Spanja u fl-Italija, u s-suq għal ċertu servizzi tal-posta f'numru ta' Stati Membri, kif deskritt bid-deċiżjonijiet tal-Artikolu 30 li jikkonċernaw is-settur postali fl-Isvezja, fil-Finlandja u fl-Awstrija.

67 Rekwiżiti ta' fatturat iżjed baxxi jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni ta' impriżi iżgħar, rekwiżiti iżjed baxxi li jikkonċernaw l-esperjenza preċedenti jiffavorixxu dħul ta' atturi ġodda fis-suq, eċċ.

enfasizzat diġà, hemm ħafna potenzjal mhux sfruttat għal żieda fil-kummerċ intra-Ewropew fl-akkwist pubbliku sabiex jinħoloq suq Ewropew tal-akkwist veru. Dan għandu jimmultiplika l-opportunitajiet tan-negozju għall-impriżi Ewropej u fl-istess ħin iżid il-bażi tal-fornituri potenzjali għall-awtoritajiet kontraenti. Miżuri li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni transfruntiera jistgħu jinkludu rikonoxximent reċiproku aħjar taċ-ċertifikati (jew anki l-istabiliment ta' sistema komuni Ewropea ta' prekwalifikazzjoni). Ċerti partijiet interessati jissuġġerixxu wkoll li, għal ċerti kuntratti ta' valur għoli, it-tfassil ta' speċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti f'lingwa sekondarja jew l-aċċettazzjoni ta' offerti f'lingwi barranin jistgħu jkun utli. L-użu ta' sistema ta' traduzzjoni awtomatika – mill-anqas għal skopijiet ta' tagħrif preliminari – għal ċerti stadji tal-proċedura jista' jitqies ukoll.

Il-miżuri kollha li għandhom l-għan li jtejbu l-kompetizzjoni fis-swieq tal-akkwist jippressupponu li l-awtoritajiet kontraenti għandhom għarfien tajjeb tas-swieq li jixtru minnhom (eż. permezz ta' studji fuq l-istruttura u l-forma tas-suq fil-mira qabel l-akkwist fattwali). It-tpoġġija ta' dawn is-salvagwardji (jew oħrajn) fil-prattika teħtieġ sforz addizzjonali min-naħa tal-awtoritajiet kontraenti, li probabbilment ikun ġustifikat biss għal kuntratti kbar b'impatt potenzjali konsiderevoli fuq l-istruttura tas-suq.

**Mistoqsijiet:**

53. Tabqel li l-akkwist pubbliku jistgħu jkollhom impatt importanti fuq l-istrutturi tas-suq u li l-akkwirenti għandhom, fejn possibbli, jfittxu li jaġġustaw l-istrateġiji tal-akkwist tagħhom sabiex jiġġieldu l-istrutturi antikompetittivi tas-suq?

54. Taħseb li r-regoli u l-politika Ewropea dwar l-akkwist pubbliku għandhom jipprovdu għal strumenti (fakultattivi) li jinkoraġġixxu tali strateġiji tal-akkwist prokompetittivi? Jekk iva, liema strumenti tissuġġerixxi?

55. F'dan il-kuntest, taħseb li huma meħtieġa strumenti jew inizjattivi iżjed speċifiċi biex jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni ta' offerenti minn Stati Membri oħra? Jekk iva, jekk jogħġbok agħti deskrizzjoni tagħhom.

56. Taħseb li r-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati għandu jittejjeb? Inti favur l-ħolqien ta' sistema Ewropea ta' prekwalifikazzjoni?

57. Kif tipproponi li tiġi ttrattata l-kwistjoni tal-ostakli tal-lingwa? Taqbel li l-awtoritajiet kontraenti għandhom ikunu obbligati jippreparaw l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħiet għall-offerti għal kuntratti ta' valur għoli f'lingwa sekondarja jew li jaċċettaw offerti f'lingwi barranin?

58. Xi strumenti jistgħu jiġu stabiliti bir-regoli dwar l-akkwist pubbliku sabiex jiġi evitat l-iżvilupp ta' fornituri dominanti? Kif jistgħu l-awtoritajiet kontraenti jkunu protetti aħjar kontra s-setgħa ta' fornituri dominanti?

*Prevenzjoni ta' imġiba antikompetittiva*

Kwistjoni relatata hija l-problema tal-imġiba antikompetittiva fis-swieq tal-akkwist. Is-swieq tal-akkwist jidhru li huma partikolarment suxxettibbli għal imġiba kollużiva tal-parteċipanti

(manipulazzjoni tas-sottomissjonijiet, kondiviżjoni tas-suq …)[68], fost fatturi oħra, minħabba l-istabilità u l-prevedibilità tad-domanda pubblika. Ċerti analisti jikkunsidraw ukoll li t-trasparenza tal-proċess attwalment twassal għall-bini ta' kartelli.

Anki jekk in-numru ta' abbużi tal-liġi tal-kompetizzjoni fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku huwa 'l bogħod milli jkun marġinali[69], ir-regoli attwali tal-UE dwar l-akkwist pubbliku ma jindirizzawx speċifikament din il-kwistjoni. Sa issa, il-fehma kienet li l-problema tista' tiġi ġestita b'mod effiċjenti abbażi tar-regoli attwali, pereżempju bil-provvista ta' gwida lill-aġenti tal-akkwist dwar kif jipprevjenu u jiskopru imġiba kollużiva.

Madankollu, għandu jkun hemm dibattitu dwar jekk tali gwida tkunx biżżejjed biex tiġġieled il-kollużjoni b'mod effiċjenti fis-swieq tal-akkwist, jew jekk humiex meħtieġa strumenti leġiżlattivi speċifiċi, bħal: esklużjoni aktar stretta fil-każ ta' manipulazzjoni tas-sottomissjonijiet; il-possibilità li ma jiġix żvelat ċertu tagħrif jew l-użu obbligatorju tal-proċedura negozjata fis-setturi bi probabilità għolja ta' bini ta' kartell; l-użu ta' Ċertifikati ta' Determinazzjoni ta' Offerti Indipendenti; obbligi għall-akkwirenti biex jikkonsultaw mal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni fil-każijiet ta' tendenzi suspettużi fl-offerti, eċċ.

L-esperjenza tissuġġerixxi wkoll li jista' jkun utli li ċerti strumenti li jippreżentaw riskju partikolari li jiġu użati għall-kollużjoni jiġu magħmula iktar "reżistenti għall-kollużjoni". Pereżempju, is-sottokuntrattar ta' ċerti partijiet tal-kuntratt huwa mod popolari għall-offerent rebbieħ biex jippremja membri ta' kartell talli jirrispettaw il-ftehim tal-kartell. Mod wieħed possibbli biex tiġi indirizzata din il-problema jista' jkun li jiġi projbit, taħt ċerti kundizzjonijiet, is-sottokuntrattar lil impriżi li pparteċipaw huma stess fil-proċedura tal-offerti[70].

Jidher ċar li garanziji addizzjonali kontra l-imġiba antikompetittiva jistgħu jikkontribwixxu biex tinżamm kompetizzjoni tajba fis-swieq tal-akkwist. Għal darb'oħra, dan il-vantaġġ għandu jitwieżen b'attenzjoni kontra l-piżijiet amministrattivi addizzjonali li tali regoli jpoġġu fuq l-akkwirenti u l-impriżi.

**Mistoqsija:**

59. Taħseb li għandhom jiġu introdotti salvagwardji aktar b'saħħithom kontra l-imġiba antikompetittiva fil-proċeduri tal-offerti fir-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku? Jekk iva, liema strumenti/dispożizzjonijiet ġodda tissuġġerixxi?

### 3.3. Akkwist fil-każ ta' assenza ta' kompetizzjoni/drittijiet esklużivi

Fil-prattika, l-awtoritajiet kontraenti ħafna drabi jkollhom bżonn jixtru minn operatur ekonomiku wieħed speċifiku minħabba li l-impriża jkollha drittijiet esklużivi fuq il-produzzjoni tal-oġġetti jew il-forniment tas-servizzi konċernati. F'tali każijiet, il-kompetizzjoni normali għall-kuntratti konċernati tiġi eskluża. Dan huwa għaliex id-Direttivi

68 Ara x-xogħol estensiv tal-OECD, pereżempju l-linji gwida għall-ġlieda kontra l-manipulazzjoni tas-sottomissjonijiet fl-akkwist pubbliku: http://www.oecd.org/document/29/0,3343,en_2649_40381615_42230813_1_1_1_1,00.html

69 Għal ċerti kartelli "famużi" fis-swieq tal-akkwist pubbliku, ara pereżempju l-"Każ tal-kupuni tal-ikliet" fl-Italja, jew il-każ Franċiż "Lycées de l'Ile-de-France".

70 Il-parteċipazzjoni tal-offerenti minħabba r-riskji tal-kollużjoni tista' madankollu tkun ristretta biss taħt kundizzjonijiet relattivament stretti, ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Mejju 2009 fil-kawża C-538/07, Assitur (li jikkonċerna gruppi temporanji ta' impriżi).

dwar l-akkwist pubbliku jippermettu l-użu tal-proċedura negozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel fil-każijiet fejn, "għal raġunijiet tekniċi jew artistiċi jew raġunijiet marbuta mal-protezzjoni tad-drittijiet esklużivi, il-kuntratt jista' jingħata biss lil operatur ekonomiku partikolari"[71].

Huwa minnu li, minħabba l-eżistenza tad-dritt esklużiv, is-sejħa għall-offerti tkun purament formalità mingħajr ebda valur prattiku. Huwa inkontestabbli, madankollu, li l-aċċess għall-kuntratt pubbliku konċernat ikun ġie bblukkat minn qabel minħabba d-dritt esklużiv, u b'hekk jelimina kwalunkwe possibilità ta' kompetizzjoni minn qabel ma beda l-proċess tal-akkwisti.

Il-kwistjoni ta' kif ikun ingħata d-dritt esklużiv fih innifsu, u b'mod partikolari jekk kienx hemm kompetizzjoni ġusta fl-istadju tal-għoti tad-dritt esklużiv (li jantiċipa d-deċiżjoni tal-akkwist li segwi), mhijiex indirizzata fid-Direttivi attwali tal-akkwist pubbliku safejn huma konċernati l-kuntratti mogħtija lill-operaturi privati.

Il-kwistjoni hija ttrattata biss fil-kuntest tal-koperazzjoni pubblika-pubblika, fejn il-kuntratti tas-servizzi pubbliċi bejn l-awtoritajiet kontraenti huma esklużi mill-applikazzjoni tad-Direttiva jekk dawn jingħataw abbażi ta' dritt esklużiv – iżda biss sakemm dan id-dritt esklużiv ikun kompatibbli mal-prinċipji tat-Trattat[72].

Din id-dispożizzjoni speċifika probabbilment ma tibqax meħtieġa malli tinstab soluzzjoni ġenerali għall-kwistjonijiet relatati mal-koperazzjoni pubblika-pubblika. Madankollu għandu jiġi kkunsidrat jekk, għall-kompetizzjoni ġusta fis-swieq tal-akkwist, għandux ikun hemm ġeneralizzazzjoni tal-idea sottostanti ta' dan l-Artikolu. Dan il-prinċipju jippermetti li l-kuntratti jingħataw mingħajr proċedura kompetittiva abbażi ta' drittijiet esklużivi biss, jekk dawn id-drittijiet esklużivi kienu wkoll is-suġġett ta' proċedura kompetittiva.

**Mistoqsijiet:**

60. Fil-fehma tiegħek, l-attribuzzjoni ta' drittijiet esklużivi tista' tipperikola l-kompetizzjoni ġusta fis-swieq tal-akkwist?

61. Jekk iva, xi strumenti tissuġġerixxi sabiex jiġu mmitigati tali riskji / tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta? Taħseb li r-regoli tal-UE tal-akkwist għandhom jippermettu l-għoti ta' kuntratti mingħajr proċedura tal-akkwist abbażi ta' drittijiet esklużivi biss, jekk id-dritt esklużiv konċernat ikun ingħata fi proċedura trasparenti u kompetittiva?

## 4. UŻU STRATEĠIKU TAL-AKKWIST PUBBLIKU BĦALA REAZZJONI GĦAL SFIDI ĠODDA

L-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jagħtu kontribut importanti għall-kisba tal-miri strateġiċi tal-Ewropa 2020[73], bl-użu tal-kapaċità tal-akkwist tagħhom biex jakkwistaw oġġetti u servizzi li għandhom valur "soċjali" għoli f'termini tat-trawwim tal-innovazzjoni, ir-rispett tal-ambjent u l-ġlieda kontra t-tibdil klimatiku, it-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija, it-titjib tal-impjieg, is-saħħa pubblika[74] u l-kundizzjonijiet soċjali, u l-promozzjoni tal-ugwaljanza filwaqt li tiġi

71 L-Artikolu 31 (1) (b) tad-Direttiva 2004/18/KE.
72 L-Artikolu 18 tad-Direttiva 2004/18/KE.
73 Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 COM(2010) 2020.
74 Ara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2010 dwar il-lezzjoijiet meħuda mill-pandemija tal-A/H1N1.

mtejba l-inklużjoni ta' gruppi żvantaġġati[75]. Domanda sinifikanti mill-awtoritajiet pubbliċi għal oġġetti u servizzi "iktar ekoloġiċi", b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju li huma innovattivi u soċjalment responsabbli jistgħu wkoll jifformaw ix-xejriet tal-produzzjoni u tal-konsum għas-snin li ġejjin. Ovvjament, l-indirizzar tal-isfidi soċjali ma għandux inaqqas l-effiċjenza tal-akkwist pubbliku. Il-konsiderazzjonijiet relatati mal-politika fl-akkwist pubbliku għandhom jingħataw kunsiderazzjoni sabiex jiġi evitat il-ħolqien ta' piżijiet amministrattivi addizzjonali sproporzjonati għall-awtoritajiet kontraenti jew it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni fis-swieq tal-akkwist.

Hemm żewġ modi possibbli kif jista' jintuża l-akkwist pubbliku sabiex jinkisbu l-objettivi ta' politika tal-Ewropa 2020:

° li l-awtoritajiet kontraenti jingħataw għodda biex jikkunsidraw dawk l-objettivi taħt ir-regoli proċedurali tal-akkwist pubbliku ("kif isir ix-xiri");

° li jiġu imposti rekwiżiti obbligatorji fuq l-awtoritajiet kontraenti jew li jiġu provduti inċentivi li jidderieġu d-deċiżjonijiet tagħhom dwar liema oġġetti u servizzi għandhom jakkwistaw ("x'għandu jinxtara").

Id-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku jipprovdu qafas komuni għax-xiri pubbliku billi jistabilixxu regoli proċedurali dwar "kif isir ix-xiri", u jħallu l-awtoritajiet kontraenti ħielsa fid-deċiżjoni bażika tagħhom ta' "x'għandu jinxtara", biex jiddefinixxu l-karatteristiċi tax-xogħlijiet, il-prodotti jew is-servizzi li huma l-aktar xierqa għall-bżonnijiet tagħhom u biex jistabilixxu l-kundizzjonijiet li huma l-aktar xierqa għall-objettivi ta' politika tagħhom (sakemm huma trasparenti u nondiskriminatorji).

Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-akkwist pubbliku tippermetti wkoll inċentivi għal akkwisti li jikkonformaw mal-objettivi tal-Ewropa 2020, jew l-impożizzjoni ta' obbligi fuq l-awtoritajiet kontraenti fuq "x'għandu jinxtara", jew fil-livell Ewropew jew dak nazzjonali, sabiex jiġi żgurat li l-istrateġiji tal-akkwist pubbliku huma konsistenti mal-objettivi ta' politika kumplessivi.

Firxa ta' inizjattivi speċifiċi ta' politika diġà tvaraw f'dawn l-aħħar snin, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali, biex jinkoraġġixxu l-użu tal-akkwist pubbliku bħala appoġġ tal-objettivi ta' politika msemmija hawn fuq, bħall-ħidma kontinwa fuq il-promozzjoni tal-Akkwist pubbliku ekoloġiku (APE)[76], fuq il-konsiderazzjonijiet soċjali fl-akkwist pubbliku[77] u fuq l-innovazzjoni[78].

---

75 Tali riflessjoni hija partikolarment bi qbil mal-Artikolu 9 tat-TFUE li jappella lill-Unjoni biex tqis il-promozzjoni ta' livell għoli ta' okkupazzjoni, il-garanzija ta' ħarsien soċjali adegwat u l-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali.

76 Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "*Akkwist Pubbliku għal Ambjent Aħjar*" – COM(2008) 400, li tistabilixxi miri għall-adozzjoni tal-APE fl-Istati Membri u bdiet il-proċess ta' żvilupp ta' kriterji tal-APE komuni u volontarji Ewropej. Ara ukoll il-"*Manwal tal-Akkwist Pubbliku Favur l-Ambjent*", http://ec.europa.eu/environment/gpp/guideline_en.htm.

77 Ara il-manwal "*Xiri soċjali – Gwida biex jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet soċjali fix-xiri pubbliku*" - SEC(2010) 1258.

78 Wara l-impenn tal-komunikazzjoni "Unjoni għall-Innovazzjoni" nru 17, il-Kummissjoni Ewropea qed timmonitorja studju (li jibda f'Novembru 2010 – jintemm f'Novembru 2011) li għandu l-għan li jiżviluppa mekkaniżmu ta' appoġġ ġdid għall-akkwist tal-innovazzjoni. Din l-iskema għandha tipprovdi gwida u tistabilixxi mekkaniżmu ta' appoġġ (finanzjarju) li jgħinu lill-awtoritajiet kontraenti jimplimentaw dawn l-akkwisti f'mod nondiskriminatorju u miftuħ, li jaggruppaw id-domanda, li jfasslu speċifikazzjonijiet komuni, u jippromwovu l-aċċess għall-SMEs. Dwar l-akkwisti prekummerċjali, cf.

Partikolarment, l-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku (APE) ilu jitwettaq fl-Istati Membri għal aktar minn għaxar snin. Bosta Stati Membri adottaw Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-APE (PAN) b'miri u miżuri speċifiċi volontarji jew obbligatorji biex jiġi promoss u implimentat l-APE. L-UE żviluppat kriterji tal-APE għal 18-il grupp ta' prodott u servizz[79]; ser jkun hemm oħrajn.

It-taqsima li ġejja se tiddiskuti jekk u liema bidliet fir-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku huma meħtieġa biex jiġu żgurati l-koerenza u l-adegwatezza tal-miżuri differenti li ttieħdu jew jistgħu jittieħdu fil-livell tal-UE u nazzjonali.

### 4.1. "Kif isir ix-xiri" sabiex jinkisbu l-objettivi tal-Ewropa 2020

Kunsiderazzjonijiet relatati mal-protezzjoni ambjentali, l-inklużjoni soċjali jew il-promozzjoni tal-innovazzjoni jistgħu jkunu rilevanti fi stadji differenti tal-akkwist pubbliku, skont in-natura tagħhom. Mhux il-kunsiderazzjonijiet kollha relatati ma' dawn l-objettivi ta' politika jistgħu jingħataw kunsiderazjzoni f'kull stadju. It-taqsima li ġejja għandha tiddiskuti kif kull wieħed mill-objettivi ta' politika individwali jista' jingħata kunsiderazzjoni fl-istadji suċċessivi ta' proċedura tal-akkwist.

*Deskrizzjoni tas-suġġett tal-kuntratt u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi*

Skont ir-regoli attwali tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, l-awtoritajiet kontraenti jridu jiżguraw deskrizzjoni ċara u nondiskriminatorja tas-suġġett tal-kuntratt u għandhom jiddefinixxu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li ma għandhomx jiffavorixxu ċerti impriżi.

Ir-rekwiżiti fir-rigward tal-metodi tal-proċess u tal-produzzjoni għandhom ikunu relatati mal-manifattura tal-prodott u jikkontribwixxu għall-karatteristiċi tagħha, mingħajr ma jkunu neċessarjament viżibbli. Skont ir-regoli attwali mhux possibbli li jkunu meħtieġa metodi tal-proċess u tal-produzzjoni li ma jkunux relatati mal-manifattura tal-prodott u li ma jkunux riflessi fil-karatteristiċi tal-prodott.

L-awtoritajiet pubbliċi u l-partijiet interessati kultant isostnu li, għal raġunijiet relatati mal-ambjent u mas-saħħa, ċerti prodotti jridu jiġu akkwistati lokalment. F'dan il-kuntest għandu jiġi enfasizzat li tali rekwiżiti jmorru kontra l-liġi tal-UE jekk dawn jirriżultaw f'diskriminazzjonijiet inġusti diretti jew indiretti bejn il-fornituri. Dawn jistgħu jkunu ġustifikati biss f'każijiet eċċezzjonali fejn il-bżonnijiet leġittimi u oġġettivi li mhumiex relatati ma' kunsiderazzjonijiet purament ekonomiċi jistgħu jiġu sodisfatti biss minn ċertu reġjun.

**Mistoqsijiet:**

62. Taħseb li r-regoli dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jippermettu biżżejjed l-introduzzjoni ta' kunsiderazzjonijiet relatati ma' objettivi oħra ta' politika?

63. Taqbel mal-fehma li l-possibilità li jiġu ddefiniti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi f'termini ta' rekwiżiti tal-prestazzjoni jew funzjonali tista' tippermetti lill-awtoritajiet

---

il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "*L-akkwist pubbliku prekummerċjali: Inrawmu l-innovazzjoni biex niżguraw servizzi pubbliċi sostenibbli u ta' kwalità għolja fl-Ewropa*" - COM(2007) 799.

[79] Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "*Akkwist Pubbliku għal Ambjent Aħjar*" – COM(2008) 400, li tistabilixxi miri għall-adozzjoni tal-APE fl-Istati Membri u bdiet il-proċess ta' żvilupp ta' kriterji tal-APE komuni u volontarji Ewropej. Ara ukoll il-"*Manwal tal-Akkwist Pubbliku Favur l-Ambjent*", http://ec.europa.eu/environment/gpp/guideline_en.htm.

kontraenti jiksbu l-bżonnijiet ta' politika tagħhom aħjar milli kieku jiġu ddefiniti f'termini ta' rekwiżiti tekniċi stretti dettaljati? Jekk iva, taqbel li r-rekwiżiti ta' prestazzjoni jew funzjonali jsiru obbligatorji taħt ċerti kundizzjonijiet?

64. Bħala eżempju, taħseb li l-awtoritajiet kontraenti jagħmlu użu biżżejjed mill-possibilitajiet offruti skont l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2004/18/KE li jikkonċernaw il-kriterji ta' aċċessibilità[80] għal persuni b'diżabilitajiet jew id-disinn għall-utenti kollha? Jekk le, x'għandu jsir?

65. Taħseb li wħud mill-proċeduri pprovduti mid-Direttivi attwali[81] (bħad-djalogu kompetittiv, il-kompetizzjonijiet ta' disinn) huma partikolarment adattati biex tingħata kunsiderazzjoni lill-politiki ambjentali, soċjali, tal-aċċessibilità u tal-innovazzjoni?

66. X'bidliet tissuġġerixxi għall-proċeduri pprovduti mid-Direttivi attwali biex tingħata l-kunsiderazzjoni kollha possibbli lill-objettivi ta' politika msemmija hawn fuq, filwaqt li jiġi salvagwardjat ir-rispett tal-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u trasparenza li jiżguraw trattament ugwali għall-impriżi Ewropej? Jista' l-użu ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni innovattivi jgħin speċifikament lill-akkwirenti jsegwu l-objettivi tal-Ewropa 2020?

67. Tista' taħseb f'każijiet fejn restrizzjoni għal forrnituri lokali jew reġjonali tista' tkun ġustifikata b'raġunijiet leġittimi u oġġettivi li mhumiex ibbażati fuq kunsiderazzjonijiet purament ekonomiċi?

68. Taħseb li jekk titħalla tintuża l-proċedura negozjata bil-pubblikazzjoni minn qabel bħala proċedura standard tkun tista' tingħata kunsiderazzjoni aħjar lill-kunsiderazzjonijiet ta' politika, bħal dawk ambjentali, soċjali, tal-innovazzjoni, eċċ.? Jew taħseb li r-riskju ta' diskriminazzjoni u ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni huwa għoli wisq?

*Rekwiżit ta' kriterji tal-għażla l-aktar rilevanti*

Meta jkunu qed jivvalutaw il-kapaċità tal-kandidati li jwettqu l-kuntratt, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jikkunsidraw l-esperjenza u l-kompetenza speċifiċi relatati mal-aspetti soċjali jew ambjentali li huma rilevanti għas-suġġett tal-kuntratt.

**Mistoqsija:**

69. X'tissuġġerixxi bħala eżempji utli ta' kompetenza teknika jew kriterji oħra tal-għażla li għandhom l-għan li jrawmu l-kisba ta' objettivi bħall-protezzjoni tal-ambjent, il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, it-titjib tal-aċċessibilità għall-persuni b'diżabilità u t-titjib tal-innovazzjoni?

*L-użu tal-kriterji tal-għoti l-aktar xierqa*

[80] L-aċċessibbiltà f'dan il-kuntest tfisser aċċessibbiltà minn persuni li għandhom limitazzjonijiet funzjonali (diżabilitajiet).

[81] Għad-deskrizzjoni tal-proċeduri, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 2.1 hawn fuq.

Sabiex tiġi żgurata l-kompetizzjoni effikaċi bejn l-operaturi ekonomiċi u jiġu evitati deċiżjonijiet arbitrarji mill-awtoritajiet pubbliċi, ir-regoli attwali tal-UE dwar l-akkwist pubbliku jeħtieġu li l-kriterji tal-għoti jkunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt, li ma jagħtux libertà tal-għażla mhux ristretta lill-awtorità kontraenti, u li jkunu msemmija espressament fid-dokumenti tas-sejħa għall-offerti.

L-awtoritajiet kontraenti għandhom il-libertà li jiddeċiedu l-piż relatattiv li għandu jingħata lil kull kriterju użat għall-identifikazzjoni tal-offerta l-aktar vantaġġuża. Dan jippermettilhom jirriflettu fl-evalwazzjoni l-importanza li jixtiequ jagħtu lill-kriterji ambjentali jew soċjali paragunati mal-kriterji l-oħra, inkluż il-prezz.

Għal oġġetti u servizzi standard, diġà huwa possibbli f'ħafna każijiet li jiġu stabiliti standards ambjentali jew soċjali għoljin fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew fil-kundizzjonijiet tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt filwaqt li l-kuntratt jingħata fuq il-kriterju tal-orħos prezz. B'dan il-mod, il-partijiet kontraenti jistgħu jiksbu prodotti u servizzi li jikkonformaw ma' standards għoljin għall-aħjar prezz.

Madankollu, l-użu ta' kriterji relatati mal-ambjent, l-effiċjenza enerġetika, l-aċċessibilità jew l-innovazzjoni fil-fażi tal-għoti minflok biss fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew bħala kundizzjonijiet tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt jista' jkollu l-benefiċċju li jinkoraġġixxi l-kumpaniji jissottomettu offerti li jmorru lil hinn mil-livell stabilit fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u b'hekk jippromwovi l-introduzzjoni ta' prodotti innovattivi fis-suq. Jista' jkun utli wkoll li tali kriterji jiġu applikati fil-fażi tal-għoti fil-każijiet fejn hemm inċertezza dwar il-prodotti jew is-servizzi disponibbli fis-suq.

**Mistoqsijiet:**

70. Il-kriterju tal-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament jidher li hu l-iktar adattat għall-insegwiment tal-objettivi l-oħra ta' politika. Taħseb li, sabiex tingħata l-aħjar kunsiderazzjoni lil tali objettivi ta' politika, jkun utli li jitbiddlu r-regoli eżistenti (għal ċerti tipi ta' kuntratti/ ċerti setturi speċifiċi / f'ċerti ċirkustanzi):

70.1.1. biex jiġi eliminat il-kriterju tal-orħos prezz biss;

70.1.2. biex jiġi limitat l-użu tal-kriterju tal-prezz jew il-piż li l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jagħtu lill-prezz;

70.1.3. biex tiġi introdotta t-tielet possibilità fil-kriterji tal-għoti flimkien mal-orħos prezz u l-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament? Jekk iva, liema kriterju alternattiv tipproponi li jrendi possibbli kemm l-insegwiment ta' objettivi oħra ta' politika b'mod iżjed effikaċi kif ukoll jiggarantixxi trattament ugwali u kompetizzjoni ġusta bejn l-impriżi Ewropej?

71. Taħseb li f'kwalunkwe każ il-punteġġi mogħtija lill-kriterji ambjentali, soċjali jew innovattivi, pereżempju, għandhom ikunu limitati għal massimu stabilit, sabiex il-kriterju ma jsirx iżjed importanti mill-kriterji tat-twettiq jew tal-prezz?

72. Taħseb li l-possibilità li jiġu inklużi kriterji ambjentali jew soċjali fil-fażi tal-għoti hija mifhuma u użata? Fil-fehma tiegħek, din għandha tiġi stipulata fid-Direttiva?

73. Fil-fehma tiegħek, għandu jkun obbligatorju li tingħata kunsiderazzjoni lill-kostijiet. taċ-ċiklu tal-ħajja meta tkun qed tiġi determinata l-offerta l-iktar vantaġġuża

ekonomikament, speċjalment fil-każ ta' proġetti kbar? F'dan il-każ, taħseb li huwa neċessarju/xieraq li s-servizzi tal-Kummissjoni jiżviluppaw metodoloġija għall-ipprezzar taċ-ċiklu tal-ħajja?

*Impożizzjoni ta' klawsoli tal-eżekuzzjoni tal-kuntratti xierqa*

Skont ir-regoli attwali tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, il-klawsoli ta' twettiq tal-kuntratt għandhom ikunu marbuta mal-kompiti li huma neċessarji għall-produzzjoni u għall-provvista tal-oġġetti jew tas-servizzi mixtrija. Tali kundizzjonijiet relatati mal-eżekuzzjoni tal-kuntratt jistgħu jqisu kunsiderazzjonijiet oħra ta' politika, bħal kwistjonijiet soċjali u ambjentali[82]. Dan tal-aħħar jista' pereżempju jikkonsisti fir-rekwiżit li jitpattew l-emissjonijiet għall-provvisti speċifiċi mixtrija li jkollhom emissjoni sinifikanti tal-karbonju. Xi Stati Membri għandhom esperjenza meta jixtri servizzi tat-taksi jew servizzi oħra tat-trasport billi jeħtieġu li l-vetturi użati għal dawn is-servizzi jkunu vetturi tal-ogħla klassijiet ta' effiċjenza. Il-klawsoli tal-eżekuzzjoni tal-kuntratti jistgħu jintużaw ukoll biex jistimulaw l-innovazzjoni matul il-eżekuzzjoni tal-kuntratt, pereżempju billi jipprovdi inċentivi biex jiġu żviluppati ulterjorament il-prodotti jew is-servizzi matul il-eżekuzzjoni tal-kuntratt.

F'dan l-istadju, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jimponu ċerti obbligi fuq l-offerent rebbieħ li huma relatati mal-kisba ta' objettivi differenti ambjentali jew soċjali, u li ma jistgħux ikunu riflessi fl-istadji bikrin tal-proċedura tal-akkwist.

**Mistoqsijiet:**

74. Il-klawsoli tal-eżekuzzjoni tal-kuntratti huma l-aktar stadju xieraq tal-proċedura fejn għandhom jiġu inklużi l-kunsiderazzjonijiet soċjali relatati mal-impjieg u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema involuti fil-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Taqbel? Jekk le, jekk jogħġbok issuġġerixxi x'tista' tkun l-aħjar soluzzjoni alternattiva.

75. X'tip ta' klawsoli tal-eżekuzzjoni tal-kuntratti taħseb li jkunu partikolarment xierqa sabiex tingħata importanza lill-kunsiderazzjonijiet soċjali, ambjentali u tal-effiċjenza enerġetika?

76. Għandhom ċerti klawsoli ġenerali ta' twettiq tal-kuntratt, b'mod partikolari dawk relatati mal-impjieg u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema involuti fil-eżekuzzjoni tal-kuntratt, ikunu speċifikati fil-livell tal-UE?

*Verifika tar-rekwiżiti*

L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jispeċifikaw ir-rekwiżiti ambjentali jew soċjali meta jfasslu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew il-kriterji tal-għażla/tal-għoti jew meta jintroduċu l-klawsoli tal-eżekuzzjoni tal-kuntratti . F'tali każijiet, dawn normalment jippreparaw lista ta' dettalji (ċertifikazzjoni/dokumentazzjoni u/jew impenji speċifiċi) li jridu jiġu sottomessi mill-kandidati jew l-offerenti sabiex juru li huma kapaċi jissodisfaw ir-rekwiżiti ambjentali jew soċjali. Taħt ir-regoli attwali, l-iskemi ta' ċertifikazzjoni speċifiċi (eż. skemi ta' ċertifikazzjoni tal-foresti, ċertifikati soċjali, eċċ) jistgħu jiġu aċċettati bħala mezzi ta' prova potenzjali, iżda jistgħu jiġu aċċettati wkoll mezzi ekwivalenti. Problema ġenerali li tqum fl-akkwist pubbliku hija kif għandhom jiġu verifikati dawn ir-rekwiżiti fil-katina tal-provvisti.

[82] Ara l-Artikolu 26 tad-Direttiva 2004/18/KE.

Il-kwistjoni tal-verifika hija b'mod partikolari rilevanti fil-każijiet fejn parti tal-katina tal-provvista tinsab f'pajjiż terz.

Meta tkun qed teżamina t-talbiet għall-parteċipazzjoni u l-offerti, l-awtorità kontraenti għandha tivverifika jekk l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni mogħtija mill-kandidati jew mill-offerenti jikkonformawx mar-rekwiżiti. Jekk id-dettalji meħtieġa huma nieqsa, jew jekk l-informazzjoni pprovduta titqies mhux sodisfaċenti, il-kandidat jew l-offerent għandhom jiġu esklużi mill-proċedura.

**Mistoqsijiet:**

77. Taħseb li l-qafas tal-UE tal-akkwist pubbliku għandu jipprovdi għal soluzzjonijiet speċifiċi biex jittratta l-kwistjoni tal-verifika tar-rekwiżiti matul il-katina tal-provvista? Jekk iva, x'soluzzjonijiet tipproponi biex jittratta din il-kwistjoni?

78. Kif jistgħu l-awtoritajiet kontraenti jingħataw l-aħjar għajnuna biex jivverifikaw ir-rekwiżiti? Taħseb li l-iżvilupp ta' skemi u dokumentazzjoni ta' valutazzjoni tal-konformità "standardizzati", kif ukoll tikketti, għandhom jiffaċilitawhom xogħolhom? Meta jadottaw approċċ bħal dan, x'jista' jsir biex jiġu mminimizzati l-piżijiet amministrattivi?

*Konnessjoni mas-suġġett/ mal-eżekuzzjoni tal-kuntratt*

Kif indikat qabel, fil-qafas legali attwali tal-UE dwar l-akkwist pubbliku l-konnessjoni mas-suġġett tal-kuntratt hija kundizzjoni fundamentali li trid tingħata kunsiderazzjoni meta jiġu introdotti fil-proċess tal-akkwist pubbliku kwalunkwe kunsiderazzjonijiet relatati ma' politiki oħra. Dan huwa veru matul l-istadji suċċessivi tal-proċess tal-akkwist u għal aspetti differenti (speċifikazzjonijiet tekniċi, kriterji tal-għażla, kriterji tal-għoti). Fil-każ ta' klawsoli tat-eżekuzzjoni tal-kuntratti, dak li hu metħieġ huwa li jkun hemm konnessjoni mat-twettiq tal-kompiti neċessarji għall-produzzjoni/forniment tal-oġġetti/tas-servizzi li għalihom ikunu qed jiġu ssottomessi l-offerti għalihom.

Ir-rilassament ta' dan ir-rekwiżit jista' jippermetti lill-awtoritajiet pubbliċi jkomplu jsegwu l-objettivi ta' politika tal-Ewropa 2020 permezz tal-akkwist pubbliku. Fost affarijiet oħra, dan għandu jippermetti lill-awtoritajiet kontraenti jinfluwenzaw l-imġiba tal-impriżi irrispettivament mill-prodott jew servizz mixtri, pereżempju sabiex titħeġġeġ iżjed ir-responsabilità ambjentali jew tingħata attenzjoni akbar lir-responsabilità soċjali korporattiva. Dan jista' jkun strument b'saħħtu li jappoġġja l-objettivi ta' politika tal-Ewropa 2020.

Madankollu, meta titqies tali possibilità, l-għażliet ta' kompromess ma' konsiderazzjonijiet oħra ta' politika għandhom jiġu vvalutati b'attenzjoni. Il-konnessjoni mas-suġġett tal-kuntratt tiżgura li x-xiri fih innisfu jibqa' ċentrali għall-proċess li fih jintużaw il-flus tal-kontribwenti. Din hija garanzija importanti li tiżgura li l-awtoritajiet kontraenti jiksbu l-aħjar offerta possibbli bl-użu effiċjenti tal-flus pubbliċi. Kif spjegat hawn fuq, dan l-objettiv huwa enfasizzat ukoll fl-istrateġija tal-Ewropa 2020, li tenfasizza li l-politika dwar l-akkwist pubbliku għandha tiżgura l-użu l-aktar effiċjenti tal-fondi pubbliċi. Fl-istess ħin, din il-garanzija ta' xiri għall-aħjar prezz tiżgura miżura ta' konsistenza bejn il-politika tal-UE dwar l-akkwist pubbliku u r-regoli fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, għaliex tiżgura li l-ebda vantaġġ ekonomiku mhux dovut ma jingħata lill-operaturi ekonomiċi permezz tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi. Ir-rilassament tal-konnessjoni mas-suġġett tal-kuntratt għalhekk jista' jinvolvi riskju ta' allontanament tal-applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku

minn dik tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, u eventwalment din tista' tmur kontra l-objettiv ta' iżjed konverġenza bejn ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u r-regoli dwar l-akkwist pubbliku.

Il-konnessjoni mas-suġġett tista' wkoll tgħin tevita sitwazzjoni fejn ċerti operaturi ekonomiċi minn pajjiż partikolari jistgħu potenzjalment jiġu ffavoriti għad-detriment ta' dawk minn Stati Membri oħra. Filwaqt li dan huwa rilevanti b'mod partikolari għal ċerti tipi ta' kunsiderazzjonijiet (pereżempju, ċerti rekwiżiti soċjali) għaliex dawn aktar probabbli li jkunu parti mir-realtajiet nazzjonali, reġjonali jew anki lokali, huwa veru wkoll għal kunsiderazzjonijiet ta' politika oħra bħal kwistjonijiet ambjentali. Pereżempju, fil-każ tal-provvista ta' oġġetti, ir-rekwiżit li l-bini ta' uffiċċji użati mill-offerenti jkunu esklużivament imsaħħna bl-enerġija solari jista' jiffavorixxi impriżi minn Stati Membri b'kundizzjonijiet meteoroloġiċi aktar favorevoli għat-teknoloġija solari.

Il-konnessjoni bejn kunsiderazzjonijiet relatati mal-politika u s-suġġett tal-kuntratt hija maħsuba wkoll biex tiżgura ċ-ċertezza u l-prevedibilità għall-intrapriżi. Inkella, fin-nuqqas ta' tali konnessjoni (u ta' rekwiżiti armonizzati fil-livell tal-UE), l-operaturi ekonomiċi jistgħu jiġu mistoqsija jikkonformaw ma' rekwiżiti differenti (fir-rigward tal-perċentwal ta' nisa, in-numru ta' nies qgħada reklutati, il-faċilitajiet ta' kura tat-tfal disponibbli għall-impjegati, il-miżuri ambjentali u tal-immaniġjar tal-iskart, l-ekotikketti, eċċ.) għal kull akkwist u għal kull awtorità kontraenti.

L-issodisfar tar-rekwiżiti differenti imposti mill-awtoritajiet kontraenta jista' jkun b'mod partikolari diffiċli għall-SMEs, għaliex dawn mhux neċessarjament ikollhom ir-riżorsi ekonomiċi u umani neċessarji biex jissodisfaw varjetà vasta ta' rekwiżiti soċjali każ b'każ.

Fl-aħħar nett, ir-rekwiżiti li mhumiex relatati mal-prodott jew is-servizz mixtri jistgħu jmorru kontra l-objettiv tal-Ewropa 2020 ta' promozzjoni tal-innovazzjoni, għaliex il-kompetizzjoni bejn l-impriżi tista' ma sseħħx fuq il-bażi tal-iżvilupp tal-aħjar (possibbilment innovattiv) prodott jew servizz, iżda abbażi tal-politika korporattiva.

**Mistoqsijiet:**

79. Ċerti partijiet interessati jissuġġerixxu r-rilassament jew anki t-tneħħija tal-kundizzjoni li r-rekwiżiti imposti mill-awtorità kontraenti għandhom ikunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt (dan irendi possibbli li jkun meħtieġ, pereżempju, li l-offerenti jkollhom politika tal-impjieg ta' ugwaljanza bejn is-sessi fis-seħħ jew li jimpjegaw ċerta kwota ta' kategoriji speċifiċi ta' nies, bħal nies li qed ifittxu xogħol, persuni b'diżabilitajiet, eċċ.). Taqbel ma' dan is-suġġeriment? Fil-fehma tiegħek, x'ikunu l-vantaġġi jew l-iżvantaġġi tar-rilassament jew it-tneħħija tal-konnessjoni mas-suġġett?

80. Jekk il-konnessjoni mas-suġġett tiġi rilassata, liema mekkaniżmi korrettivi, jekk hemm, għandhom ikunu fis-seħħ sabiex jimmitigaw ir-riskji li tonħoloq diskriminazzjoni u li tiġi ristretta l-kompetizzjoni b'mod konsiderevoli?

81. Temmen li l-SMEs jista' jkollhom problemi biex jikkonformaw mar-rekwiżiti differenti? Jekk iva, kif għandha tiġi trattata din il-kwistjoni fil-fehma tiegħek?

82. Jekk temmen li l-konnessjoni mas-suġġett għandha tiġi rilassata jew eliminata, f'liema mill-istadji suċċessivi tal-proċess tal-akkwist għandu jseħħ dan?

| | |
|---|---|
| 82.1. | Taħseb li, meta jiġu ddefiniti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, hemm għalfejn jiġi rilassat ir-rekwiżit li l-ispeċifikazzjonijiet relatati mal-metodi tal-proċess u tal-produzzjoni għandhom ikunu konnessi mal-karatteristiċi tal-prodott, sabiex jinkludu l-elementi li mhumiex riflessi fil-karatteristiċi tal-prodott (bħal pereżempju – meta jkun qed jinxtara l-kafè – li l-fornitur jiġi mitlub iħallas primjum lill-produtturi biex jiġi investit f'attivitajiet li għandhom l-għan li jrawmu l-iżvilupp soċjoekonomiku tal-komunitajiet lokali)? |
| 82.2. | Taħseb li l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-akkwist pubbliku għandha tippermetti lill-awtoritajiet kontraenti japplikaw kriterji tal-għażla bbażati fuq il-karatteristiċi tal-impriżi li mhumiex marbuta mas-suġġett tal-kuntratt (eż. li jeħtieġu lill-offerenti jkollhom fis-seħħ politika tal-impjieg indaqs għas-sessi, jew politika ġenerali tal-impjieg li tuża ċerti kwoti ta' kategoriji speċifiċi ta' nies, bħal nies li qed ifittxu xogħol, persuni b'diżabilitajiet, eċċ.)? |
| 82.3. | Taħseb li din il-konnessjoni mas-suġġett tal-kuntratt għandha tiġi rilassata jew eliminata fl-istadju tal-għoti sabiex jitqiesu kunsiderazzjonijiet oħra ta' politika (eż. punti addizzjonali għal offerenti li jimpjegaw nies li qed ifittxu xogħol jew persuni b'diżabilitajiet)? |
| 82.3.1. | Il-kriterji tal-għoti minbarra l-orħos prezz /l-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament/ il-kriterji mhux marbuta mas-suġġett tal-kuntratt jistgħu jisseparaw l-applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku mir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, fis-sens li l-kuntratti mogħtija abbażi ta' kriterji oħra minbarra dawk ekonomiċi jista' jkun fihom għajnuniet mill-Istat, li huma potenzjalment problematiċi taħt ir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat. Taqbel ma' dan it-tħassib? Jekk iva, kif għandha tiġi indirizzata din il-kwistjoni? |
| 82.4. | Taħseb li l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-akkwist pubbliku għandha tippermetti lill-awtoritajiet kontraenti jimponu klawsoli tal-eżekuzzjoni tal-kuntratti li mhumiex strettament marbutin mal-forniment tal-oġġetti u s-servizzi konċernati (eż. li jeħtieġu lill-kuntrattur jistabilixxi servizzi ta' indukrar tat-tfal għall-impjegati tiegħu jew li jeħtieġhom jallokaw ċertu ammont tar-remunerazzjoni għal proġetti soċjali)? |

## 4.2. "X'għandu jinxtara" bħala appoġġ għall-objettivi ta' politika ta' Ewropa 2020

Mod ieħor ta' kif jinkisbu l-objettivi ta' politika permezz tal-akkwist pubbliku jista' jkun li jiġu imposti obbligi fuq l-awtoritajiet kontraenti fuq "x'għandu jinxtara". Pereżempju, dan jista' jsir billi jiġu imposti rekwiżiti jew kriterji obbligatorji li jirregolaw il-karatteristiċi tal-oġġetti jew is-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż. livelli massimi għall-użu tal-enerġija u riżorsi, sustanzi ta' ħsara ambjentali, livelli minimi ta' riċiklaġġ), jew alternattivament billi jiġu ssettjati miri (eż. 60 % tal-akkwist pubbliku għandhom ikunu favur l-ambjent)[83].

Il-leġiżlazzjoni reċenti Ewropea speċifika għas-settur fil-livell tal-UE:

---

[83] Pereżempju fil-qasam tal-akkwist pubbliku ekoloġiċi, ħafna Stati Membri, bħall-Pajjiżi l-Baxxi, il-Finlandja, is-Slovenja, l-Awstrija jew il-Belġju stabilixxew miri ambizzjużi ta' akkwist pubbliku ekoloġiċi fil-livell nazzjonali.

- introduċiet obbligi fuq l-awtoritajiet kontraenti li jeħtieġu fil-kuntratti pubbliċi tagħhom ċertu livell ta' effiċjenza enerġetika[84];

- introduċiet obbligi fuq l-awtoritajiet kontraenti biex jikkunsidraw impatti enerġetiċi jew impatti oħra ambjentali fid-deċiżjonijiet tagħhom fuq l-akkwist pubbliku[85];

- appellat lis-settur pubbliku biex ikollu rwol eżemplari fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika billi jadotta għadd minimu ta' miżuri ta' akkwist effiċjenti enerġetikament[86] u billi jippromwovi bini pubbliku riżorseffiċjenti (eż. bini b'konsum enerġetiku primarju baxx jew żero)[87].

- appellat lill-awtoritajiet kontraenti biex ifittxu li jakkwistaw biss tali prodotti li jkunu tal-ogħla klassi tal-effiċjenza enerġetika[88].

Fil-komunikazzjoni reċenti "Energy 2020 – A strategy for competitive, and sustainable and secure energy"[89] (Strateġija għal enerġija kompetittiva, sostenibbli u sigura), il-Kummissjoni qalet li l-kriterji enerġetiċi (rigward l-effiċjenza, ir-rinnovabbli u n-netwerking intelliġenti) għandhom jintużaw fl-akkwist pubbliku kollu tax-xogħolijiet, servizzi u provvisti.

Għall-prodotti, tista' tintuża b'mod aktar mifrux metodoloġija ta' monetizzazzjoni bħal dik żviluppata għad-Direttiva tal-Vetturi Nodfa[90]. Tassew, l-obbligu li jiġi inkluż il-kost operazzjonali tal-ħajja utli fid-deċiżjoni tax-xiri għall-prodotti u s-servizzi (bl-istess mod li diġà huwa meħtieġ għall-vetturi) jista' jiżgura kostijiet kumplessivament ibaxx. Madankollu dan ikun jeħtieġ li tiġi identifikata metodoloġija ġenerali li tkun applikabbli għall-prodotti kollha.

B'mod iżjed ġenerali, l-introduzzjoni ta' rekwiżiti obbligatorji fir-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku permezz ta' leġiżlazzjoni bbażata fuq atti delegati ġiet proposta bħala mezz ulterjuri għall-promozzjoni tal-innovazzjoni jew objettivi oħra ta' politika fl-istrateġija ta' Ewropa 2020[91].

Fir-rigward tal-inklużjoni soċjali, l-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020[92] ġdida tindika li l-Kummissjoni ser tesplora l-merti tal-adozzjoni ta' miżuri regolatorji biex tiġi

---

84 Ir-Regolament (KE) Nru 106/2008 (ĠU L39, 13.2.2008, p. 1) (l-hekk imsejjaħ Regolament tal-UE dwar l-Istilla tal-Enerġija).

85 Id-Direttiva 2009/33/KE dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

86 Id-Direttiva 2006/32/KE dwar effiċjenza fl-użu finali tal-enerġija u dwar servizzi ta' enerġija.

87 Id-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16), u d-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.06.2010, p. 13).

88 Id-Direttiva 2010/30/EU dwar l-indikazzjoni permezz ta' ttikkettar u l-informazzjoni standard tal-prodott dwar il-konsum tal-enerġija u riżorsi oħra minn prodotti marbutin mal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 6).

89 COM(2010)639.

90 Biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-obbligu, li jorigina minn din id-Direttiva, li jitqiesu l-kostijiet tal-ħajja utli, il-Portal Vetturi Nodfa ġie żviluppat mill-Kummissjoni, li jipprovdi l-informazzjoni kollha neċessarja għall-monetizzazzjoni tal-kost tal-ħajja utli trattata mid-Direttiva. http://www.cleanvehicle.eu/; http://ec.europa.eu/transport/urban/vehicles/directive/directive_en.htm.

91 Rapport minn Mario Monti lill-President tal-Kummissjoni Ewropea tad-9 ta' Mejju 2010, "Strateġija Ġdida għas-Suq Uniku", il-punt 3.4, p. 78.

92 COM(2010) 636.

żgurata l-aċċessibilità għall-prodotti u s-servizzi, inkluż miżuri biex jgħaġġlu l-użu fl-akkwist pubbliku.

L-impożizzjoni ta' tali obbligi jista' jkun strument effikaċi ħafna għall-kisba tal-objettivi ta' politika tal-Ewropa 2020, billi jrawwem l-adozzjoni mis-suq ta' oġġetti u servizzi ta' valur soċjetali għoli. Barra minn hekk, iċ-ċentralizzazzjoni tad-deċiżjonijiet fuq l-istrateġiji tax-xiri jistgħu jgħinu jevitaw il-frammentazzjoni tal-politiki tal-akkwist u jżidu l-prevedibilità, għall-benefiċċju tal-operaturi ekonomiċi. Pereżempju, fil-qasam tal-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku, approċċi diverġenti tal-Istati Membri dwar l-APE jistgħu jwasslu għal problemi għall-fornituri, speċjalment għall-SMEs, li għandhom jadattaw għal oqfsa differenti f'pajjiżi differenti, b'hekk jiġi kkumplikat l-iżvilupp u l-bejgħ ta' prodotti u servizzi ekoloġiċi.

Mill-banda l-oħra, tqajmu ċerti preokkupazzjonijiet dwar l-impożizzjoni ta' obbligi fuq x'għandu jinxtara.

Aspett wieħed importanti li għandu jingħata kunsiderazzjoni huwa r-riskju li l-introduzzjoni ta' tali obbligi jista' jwassal għal diskriminazzjoni jew ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni fis-swieq tal-akkwist, li possibbilment jista' jirriżulta f'anqas offerenti u fi prezzijiet ogħla, li jista' jkun problematiku fi żminijiet ta' diffikultajiet ekonomiċi u restrizzjonijiet baġitarji f'ħafna Stati Membri. Sabiex jiġi mmitigat dan ir-riskju, ir-rekwiżiti u l-kriterji imposti għandhom ikunu oġġettivi u nondiskriminatorji, u għandhom jintużaw biss meta hemm biżżejjed żvilupp tas-suq mal-Ewropa li jiżgura kompetizzjoni effettiva. Għandu wkoll jitqies li xi rekwiżiti għal ħarsien ambjentali ogħla tista' madankollu twassal għal iffrankar fil-perjodu medju jew twil f'termini ekonomiċi (eż. fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika).

Ċerti tipi ta' obbligi jistgħu jkollhom impatt ikbar fuq il-kompetizzjoni fi swieq tal-akkwist milli f'oħrajn.

- L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi f'termini ta' rekwiżiti ta' twettiq probabbli jkollhom effett anqas limitattiv fuq il-kompetizzjoni minn speċifikazzjonijiet dettaljati fuq il-karatteristiċi tekniċi tal-oġġetti li jridu jiġu mixtrija.
- Il-preskrizzjonijiet obbligatorji fuq il-karatteristiċi tekniċi tal-oġġetti li jridu jinxtraw inaqqsu konsiderevolment l-għażla u l-kompetizzjoni fis-swieq tal-akkwist, jew anki jeliminawhom kompletament, filwaqt li d-dispożizzjonijiet obbligatorji li jikkonċernaw id-deċiżjoni dwar liema mill-kriterji tal-għoti differenti għandhom jitqiesu (pereżempju l-effiċjenza enerġetika, l-ipprezzar taċ-ċiklu tal-ħajja, l-aċċessibilità) probbabilment ikollhom effetti anqas limitattivi fis-swieq tal-akkwist.

Effett ieħor tal-impożizzjonijiet ta' obbligi dwar "x'għandu jinxtara" fuq l-awtoritajiet kontraenti huwa li jitnaqqas l-lok ta' manuvrar li għandhom fil-proċeduri tal-akkwisti. Dan jista' jaffettwa l-kapaċità tagħhom li jiksbu oġġetti u servizzi li huma adattati perfettament biex jissodisfaw il-bżonnijiet speċifiċi tal-awtoritajiet kontraenti individwali. Dan ir-riskju jista' jiġi mmitigat billi jiġi stipulat l-obbligu f'livell adegwat.

Argument ieħor huwa li obbligi imposti ċentralment dwar x'għandu jinxtara jistgħu joħolqu piżijiet addizzjonali amministrattivi għall-awtoritajiet kontraenti u l-operaturi ekonomiċi, bħal żieda fil-volum tax-xogħol biex jivverifikaw li l-impriżi jissodisfaw ir-rekwiżiti. Edukazzjoni u taħriġ addizzjonali xierqa kif ukoll għodod dedikati[93] jistgħu jgħinu lill-awtoritajiet

---

[93] Bħall-Portal Vetturi Nodfa msemmi aktar kmieni.

kontraenti biex ilaħħqu b'mod effiċjenti mal-volum tax-xogħol. Barra minn hekk, rekwiżiti standardizzati fil-livell tal-UE, eż. biex jinxtraw prodotti tikkettjati mill-ogħla klassijiet ta' prestazzjoni, jistgħu jeliminaw il-ħtieġa li l-awtoritajiet kontraenti jkollhom għarfien tekniku speċifiku meta jfasslu l-ispeċifikazzjonijiet, b'hekk f'ċerti każijiet jiġi ssimplifikat il-kompitu li jitqiesu tali kriterji fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali.

Soluzzjoni anqas estensiva tkun li jingħataw inċentivi għall-akkwist ta' ċerti tipi ta' oġġetti jew servizzi, mingħajr ma dan jiġi impost. Tali inċentivi jistgħu jikkonsistu minn vantaġġi finanzjarji għall-awtoritajiet kontraenti li jakkwistaw oġġetti u servizzi favur l-ambjent, soċjalment inklużivi jew innovattivi, mekkaniżmi għall-iskambju tal-aħjar prassi bejn l-awtoritajiet kontraenti jew mekkaniżmi oħra ta' appoġġ għall-awtoritajiet kontraenti li jixtiequ jsegwu l-objettivi tal-Ewropa 2020 fl-akkwisti tagħhom.

**Mistoqsijiet:**

83. Taħseb li l-obbligi fil-livell tal-UE dwar "x'għandu jinxtara" huwa mod tajjeb biex jinkisbu objettivi oħra ta' politika? X'ikunu l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ewlenin ta' tali approċċ? Għal liema oqsma speċifiċi ta' prodotti jew servizzi jew għal liema politiki speċifiċi taħseb li l-obbligi dwar "x'għandu jinxtara" jkunu utli? Jekk jogħġbok agħti spjegazzjoni għall-għażla tiegħek. Jekk jogħġbok agħti eżempji ta' prattiki tal-akkwist tal-Istati Membri li jistgħu jiġu repplikati fil-livell tal-UE.

84. Taħseb li l-obbligi ulterjuri dwar "x'għandu jinxtara" għandhom jiġu stabiliti fil-livell tal-UE fil-leġiżlazzjoni speċifika għall-politika (ambjentali, tal-enerġija, soċjali, tal-aċċessibilità, eċċ) jew dawn għandhom jiġu imposti taħt il-leġiżlazzjoni ġenerali tal-UE dwar l-akkwist pubbliku?

85. Taħseb li l-obbligi dwar "x'għandu jinxtara" għandhom ikunu imposti fil-livell nazzjonali? Taħseb li tali obbligi nazzjonali jistgħu jwasslu għal frammentazzjoni potenzjali tas-suq intern? Jekk iva, x'inhu l-mod l-aktar xieraq biex jiġi mmitigat dan ir-riskju?

86. Taħseb li l-obbligi dwar x'għandu jinxtara għandhom minflok jistabilixxu obbligi għall-awtoritajiet kontraenti fir-rigward tal-livell ta' adozzjoni (eż. ta' APE), il-karatteristiċi tal-oġġetti/tas-servizzi/tax-xogħlijiet li għandhom jixtru jew kriterji speċifiċi li għandhom jitqiesu bħala wieħed minn għadd ta' elementi ta' tal-offerti?

86.1. X'lok jifdal għall-manuvrar mill-awtoritajiet kontraenti meta jkunu qed jieħdu deċiżjonijiet fuq ix-xiri?

86.2. Ir-rekwiżiti obbligatorji għandhom jistabilixxu il-livell minimu biss sabiex l-awtoritajiet kontraenti individwali jkunu jistgħu jistabilixxu rekwiżiti iżjed ambizzjużi?

87. Fil-fehma tiegħek, x'ikun l-aħjar strument biex jiġi trattat l-iżvilupp teknoloġiku f'termini tat-teknoloġija l-iktar avvanzata (pereżempju, li entità tiġi mitluba timmonitorja liema teknoloġija żviluppat sal-istadju l-aktar avvanzjat, jew li l-awtoritajiet kontraenti jkunu mitluba jikkunsidraw it-teknoloġija l-iktar avvanzata bħala waħda mill-kriterji tal-għoti, jew kwalunkwe mezzi oħra)?

88. L-introduzzjoni ta' kriterji obbligatorji jew miri obbligatorji dwar x'għandu jinxtara ma għandhiex twassal għall-eliminazzjoni tal-kompetizzjoni fis-swieq tal-akkwist.

| | | |
|---|---|---|
| | Kif tista' tingħata kunsiderazzjoni lill-għan li ma tiġix eliminata l-kompetizzjoni meta jkunu qed jiġu stabiliti dawk il-kriterji jew miri? |
| 89. | Taħseb li l-impożizzjoni ta' obbligi fuq "x'għandu jinxtara" tista' żżid il-piż amministrattiv, b'mod partikolari għan-negozji żgħar? Jekk iva, kif jista' jiġi mmitigat dan ir-riskju? X'tip ta' miżuri ta' implimentazzjoni u/jew ta' gwida għandhom jakkompanjaw tali obbligi? |
| 90. | Jekk inti m'intix favur l-obbligi dwar "x'għandu jinxtara", jidhirlek li hemm xi strument ieħor (eż. xi rakkomandazzjonijiet jew inċentivi oħra) xieraq? |

## 4.3. Innovazzjoni

L-Ewropa għandha potenzjal kbir li mhux sfruttat biex tixpruna l-innovazzjoni permezz tal-akkwist pubbliku u fl-istess waqt tinkuraġġixxi l-kompetizzjoni transfruntiera, tippromwovi ekonomija b'użu baxx tal-karbonju u tikseb l-aqwa valur għall-flus għall-awtoritajiet pubbliċi. L-akkwist pubbliku ta' prodotti u servizzi innovattivi huwa kruċjali biex tittejjeb il-kwalità u l-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi fi żmien ta' limitazzjonijiet baġitarji.

Id-Direttivi attwali tal-UE dwar l-akkwist pubbliku jadottaw approċċ flessibbli li jippermetti lill-awtoritajiet kontraenti jużaw offerti orjentati lejn l-innovazzjoni, li jistgħu jinkoraġġixxu lill-industrija ssib soluzzjonijiet avvanzati ġodda.

Il-kompetizzjonijiet ta' disinn[94] jippermettu lill-awtoritajiet kontraenti jiksbu pjanijiet jew disinni fl-oqsma bħall-arkitettura, l-inġinerija jew l-ipproċessar tad-dejta: taħt tali proċedura l-parteċipanti huma mitluba jipproponu proġetti barra mit-termini ta' referenza stretti; għalhekk huma ħielsa li jippreżentaw ideat innovattivi li jistgħu jintużaw fi proċedura tal-akkwist futura.

Fil-każ ta' kuntratti partikolarment kumplessi, fejn l-awtoritajiet kontraenti jaħsbu li l-użu tal-proċedura miftuħa jew ristretta ma tippermettix l-għoti tal-kuntratt, id-Direttiva tipprovdi għal proċedura oħra, id-djalogu kompetittiv[95]. F'din il-proċedura l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jimpenjaw ruħhom fi djalogu mal-kandikati biex jidentifikaw u jiddefinixxu l-mezzi l-aktar xierqa biex jissodisfaw il-bżonnijiet tal-awtorità kontraenti. Il-parteċipanti huma meħtieġa jipproponu ideat u soluzzjonijiet li jiġu diskussi mal-awtoritajiet kontraenti.

L-għan tar-regoli attwali tal-UE dwar l-akkwist pubbliku huwa li jiġu protetti soluzzjonijiet innovattivi, anki jekk dawn ma jkunux inkorporati fid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Is-soluzzjonijiet proposti u informazzjoni oħra kunfidenzjali ma jistgħux jiġu kkomunikati mill-awtoritajiet kontraenti lill-parteċipanti l-oħra mingħajr il-qbil tal-offerent[96].

Madankollu, il-qtugħ selettiv fid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew ta' soluzzjonijiet innovattivi fihom infushom iqajjem kwistjoni ta' tħassib, b'mod partikolari fir-rigward tad-

---

94 Ara l-Artikoli 66 sa 74 tad-Direttiva 2004/18/KE.

95 Ara l-Artikolu 29 tad-Direttiva 2004/18/KE u l-premessa 31 tad-Direttiva 2004/18/KE. Mhemmx dispost djalogu kompetittiv fid-Direttiva 2004/17/KE. Madankollu, xejn ma jipprevjeni awtorità kontraenti li għażlet proċedura negozjata bis-sejħa minn qabel għall-kompetizzjoni milli tistipula fl-ispeċifikazzjonijiet li l-proċedura se tkun dik stabilita fid-Direttiva 2004/18/KE għad-djalogu kompetittiv.

96 L-Artikolu 29(3) tad-Direttiva 2004/18/KE. Tali garanzija hija regola ulterjuri miżjuda mal-klawsola ta' kunfidenzjalità tal-Artikolu 6 ta' dik id-Direttiva.

djalogu kompettiv: jekk parteċipant jiddivulga l-karatteristiċi uniċi tas-soluzzjoni tiegħu, dawn jistgħu jsiru magħrufa lill-kandidati l-oħra. Filwaqt li r-regoli attwali jeħtieġu li tali informazzjoni trid tinżamm kunfidenzjali, l-awtorità kontraenti madankollu ssib ruħha bejn l-obbligu li tipproteġi l-informazzjoni kunfidenzjali u l-bżonn li tiddivulga tali informazzjoni sabiex tidentifika soluzzjonijiet li huma l-aktar xierqa għall-issodisfar tal-bżonnijiet tagħha. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jkollhom it-tentazzjoni li jpoġġu pressjoni fuq l-offerenti biex jaqblu mad-divulgazzjoni. Madankolu, il-fatt li l-aħjar soluzzjoni (dik magħżula mill-awtorità kontraenti) hija inevitabbilment ippreżentata lill-parteċipanti kollha, li mbagħad jiġu mistiedna jissottomettu l-offerti tagħhom abbażi ta' din is-soluzzjoni, jista' jkun diżinċentiv għall-parteċipanti biex jipproponu soluzzjonijiet innovattivi ħafna, għaliex ma jkunux ċerti jekk humiex se jiġu "premjati" talli vvintaw din is-soluzzjoni bl-għoti tal-kuntratt attwali.

Meta jkunu qed jippreparaw is-sejħiet għall-offerti, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jiddeċiedu wkoll jissottomettu varjanti. F'tali każ, jistgħu jiġu offruti oġġetti jew servizzi li ma jikkorrispondux ma' dawk identifikati mill-awtorità kontraenti, iżda li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi tekniċi li hemm fid-dokumenti tas-sejħa għall-offerti. L-opportunità li jissottomettu offerti li jvarjaw mill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabiliti inizjalment mill-awtoritajiet kontraenti tinkoraġġixxi lill-operaturi ekonomiċi jipproponu servizzi jew prodotti iżjed innovattivi. Dan jista' jistimula riċerka f'teknoloġiji ġodda u jippermetti lill-utenti jieħdu vantaġġ mill-proċess tekniku.

Mod importanti ieħor biex tiġi stimulata l-innovazzjoni hija li l-awtoritajiet kontraenti jitolbu l-iżvilupp ta' prodotti jew servizzi li għadhom mhux disponibbli fis-suq. Taħt il-qafas legali attwali, dan jista' jsir permezz ta' dak li hu magħruf bħala "akkwist prekummerċjali"[97], li jikkonsisti mill-akkwist ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ġodda[98], bil-għan tax-xiri potenzjali tal-prodott jew servizz finali permezz ta' proċedura normali ta' akkwist pubbliku fi stadju iktar tard. Dan l-approċċ jippermetti lill-awtoritajiet pubbliċi jaqsmu r-riskji u l-benefiċċji tad-disinn, il-ħolqien ta' prototipi u l-ittestjar ta' volum limitat ta' prodotti u servizzi ġodda mal-fornituri, mingħajr l-involviment ta' għajnuna mill-Istat.

L-akkwist prekummerċjali jista' jgħin lill-awtoritajiet kontraenti jagħmlu titjib radikali tal-kwalità u l-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi, bil-ħolqien ta' swieq mexxejja u l-iskattar tal-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ġodda rivoluzzjonarji li jistgħu jindirizzaw l-isfidi tas-settur pubbliku li għalihom għad mhemmx prodotti jew servizzi lesti disponibbli fis-suq.

Minkejja dawn il-possibilitajiet differenti biex tisseddaq l-innovazzjoni permezz tal-akkwist pubbliku, il-partijiet interessati jsostnu li fl-Ewropa vera ftit akkwist pubbliku huwa mmirat għall-innovazzjoni. Dan jista' jkun minħabba firxa ta' fatturi bħal: inċentivi żbaljati li jiffavorixxu soluzzjonijiet b'riskji baxxi; nuqqas ta' għarfien u kapaċitajiet dwar l-akkwist b'suċċess ta' teknoloġiji ġodda u innovazzjonijiet; l-ebda rabta bejn l-akkwist pubbliku u l-objettivi ta' politika u nuqqas ta' approċċ strateġiku. Għaldaqstant, b'risposta għal ħtieġa identifikata għal gwida, jeħtieġ dibattitu dwar kif l-applikazzjoni tar-regoli tal-akkwist

[97] Għal gwida ulterjuri ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u d-dokument ta' ħidma tal-personal assoċjat 'L-akkwist pubbliku pre-kummerċjali: Inrawmu l-innovazzjoni biex niżguraw servizzi pubbliċi sostenibbli u ta' kwalità għolja fl-Ewropa' - COM(2007) 799 u SEC (2007) 1668. Għal iżjed informazzjoni dwar l-aħħar żviluppi u aħbarijiet dwar l-akkwist prekummerċjali: http://cordis.europa.eu/fp7/ict/pcp/home_en.html

[98] Akkwist mhux kopert mid-Direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku permezz tal-Artikolu 16 (f) tad-Direttiva 2004/18/KE.

pubbliku u miżuri oħra possibbli jistgħu jgħinu lill-awtoritajiet kontraenti jseddqu l-innovazzjoni. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-kejl tal-prestazzjoni, minħabba li dan għandu rwol kruċjali fl-evalwazzjoni tal-effett tal-akkwist pubbliku fuq l-innovazzjoni, it-titjib tal-prestazzjoni u l-ilħuq tal-għan fattwali tal-innovazzjoni.

**Mistoqsijiet:**

91. Taħseb li hemm bżonn aktar promozzjoni u stimolu għall-innovazzjoni permezz tal-akkwist pubbliku? Liema inċentivi/miżuri jappoġġaw u jgħaġġlu l-akkwist tal-innovazzjoni mill-korpi fis-settur pubbliku?

92. Taħseb li d-djalogu kompetittiv jippermetti biżżejjed protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u tas-soluzzjonijiet innovattivi, sabiex jiżgura li l-offerenti ma jiġux imċaħħda mill-benefiċċji tal-ideat innovattivi tagħhom?

93. Taħseb li proċeduri oħra jissodisfaw aħjar it-tisħiħ tal-innovazzjoni permezz tal-protezzjoni ta' soluzzjonijiet oriġinali? Jekk iva, x'tip ta' proċeduri huma l-iktar xierqa?

94. Fil-fehma tiegħek, l-approċċ tal-akkwist prekummerċjali, li jinvolvi l-akkwist ta' servizzi ta' R&Ż mill-awtoritajiet kontraenti għall-iżvilupp tal-prodotti li għadhom mhux fis-suq, huwa adattat għall-istimulazzjoni tal-innovazzjoni? Hemm bżonn għal iżjed kondiviżjoni tal-aħjar prassi u/jew issettjar ta' parametri referenzjarji għall-prattiki tal-akkwist tar-R&Ż użati mal-Istati Membri sabiex jiġi ffaċilitat l-użu iżjed vast tal-akkwist prekummerċjali? Jista' jkun hemm modi oħra, mhux espliċitament koperti fil-qafas legali attwali, li bihom l-awtorijiet kontraenti jistgħu jitolbu l-iżvilupp ta' prodotti jew servizzi li għadhom mhux disponibbli fis-suq? Taf b'xi modi speċifiċi li bihom l-awtorijiet kontraenti jistgħu jinkoraġġixxu lill-SMEs u lin-negozji li għadhom jibdew jipparteċipaw fl-akkwist prekummerċjali?

95. Huma meħtieġa miżuri oħra biex titrawwem il-kapaċità tal-innovazzjoni tal-SMEs? Jekk iva, x'tip ta' miżuri speċifiċi tissuġġerixxi?

96. X'tip ta' miżuri ta' prestazzjoni tissuġġerixxi biex jiġi mmonitorjat il-progress u l-impatt tal-akkwist pubbliku innovattiv? X'dejta tkun meħtieġa għal dawn il-miżuri ta' prestazzjoni u kif tista' tinġabar mingħajr ma jinħoloq piż addizzjonali fuq l-awtoritajiet kontraenti u / jew l-operaturi ekonomiċi?

### 4.4. Servizzi soċjali

Is-servizzi soċjali huma elenkati fl-Anness II B tad-Direttiva 2004/18/KE. Għalhekk, kif spjegat hawn fuq, il-kuntratti għas-servizzi soċjali b'valur 'il fuq mil-livelli limitu għall-applikazzjoni tad-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku huma soġġetti biss għal ftit regoli speċifiċi tad-Direttivi (dawk li jikkonċernaw speċifikazzjonijiet tekniċi u l-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-proċedura tal-akkwist) u għall-prinċipji bażiċi tal-liġi tal-UE, bħan-nondiskriminazzjoni u t-trasparenza[99]. Kif spjegat hawn fuq, il-kuntratti taħt il-livelli limitu

[99] Is-servizzi soċjali huma fost is-servizzi elenkati fl-Anness II B tad-Direttiva 2004/18/KE, li għalihom japplikaw biss regoli limitati ta' dik id-Direttiva (għad-distinzjoni bejn is-servizzi elenkati fl-Anness II A u s-servizzi elenkati fl-Anness II B, ara l-Artikoli 20 u 21 ta' dik id-Direttiva).

biss soġġetti għall-prinċipji bażiċi tal-liġi tal-UE – bħan-nondiskriminazzjoni u t-trasparenza – jekk jippreżentaw interess transfruntier.

Għalhekk, meta jesternalizzaw is-servizzi soċjali permezz ta’ kuntratt ta’ servizz pubbliku, l-awtoritajiet pubbliċi diġà jgawdu biżżejjed libertà fir-rigward tal-proċeduri li jridu jsegwu. Barra minn hekk, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jintroduċu rekwiżiti dwar, b’mod partikolari, il-kwalità, il-komprensività u l-kontinwità tas-servizz konċernat, kif ukoll rekwiżiti li jirreferu għall-involviment u l-parteċipazzjoni tal-utenti fil-provvista tas-servizzi u l-evalwazzjoni u l-iżgurar li l-fornituri tas-servizzi jiffamiljarizzaw ruħhom mal-kuntest lokali meta jwettqu s-servizz[100].

Madankollu, ċerti partijiet interessati jsostnu li l-adattamenti tar-regoli attwali huma meħtieġa sabiex tingħata kunsiderazzjoni aħjar tal-ispeċifiċitajiet tas-servizzi soċjali. Hemm b’mod partikolari talbiet għal livelli limitu ogħla għal tali servizzi. Għandu jiġi nnotat, fil-każ tas-servizzi soċjali, li żieda tal-livelli limitu applikabbli ma tirriżultax f’restrizzjoni tal-kopertura u talbiet potenzjali ta’ kumpens taħt il-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi u ftehimiet oħra internazzjonali, għaliex is-servizzi-B mhumiex koperti minn dawn l-istrumenti.

**Mistoqsijiet:**

97. Taħseb li l-karatteristiċi speċifiċi tas-servizzi soċjali għandhom jingħataw aktar kunsiderazzjoni fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-akkwist pubbliku? Jekk iva, dan kif għandu jsir?

97.1. Temmen li ċerti aspetti li jikkonċernaw l-akkwist ta’ servizzi soċjali għandhom ikunu regolati aktar fil-livell tal-UE bil-għan li jinkiseb titjib fil-kwalità ta’ dawn is-servizzi? B’mod partikolari:

97.1.1. Id-Direttivi għandhom jipprojbixxu l-kriterju tal-orħos prezz għall-għoti tal-kuntratti / jillimitaw l-użu tal-kriterju tal-prezz / jillimitaw il-piż li l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jagħtu lill-prezz / jintroduċu possibilità terza flimkien mal-orħos prezz u l-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament?

97.1.2. Id-Direttivi għandhom jippermettu l-possibilità li l-kuntratti li jinvolvu s-servizzi soċjali jiġu riżervati għal organizzazzjonijiet mingħajr skop ta’ profitti/ għandu jkun hemm privileġġi oħra għal tali organizzazzjonijiet fil-kuntest tal-għoti tal-kuntratti tas-servizzi soċjali?

97.1.3. Ir-rilassament tal-kriterji tal-għoti jew ir-riservazzjoni tal-kuntratti għal ċerti tipi ta’ organizzazzjonijiet jista' jippreġudika l-abilità tal-proċeduri tal-akkwist biex jiżguraw akkwiżizzjoni ta’ tali servizzi "bl-anqas kost għall-komunità" u għalhekk iġorr ir-riskju li l-kuntratti riżultanti jkunu jinvolvu għajnuna mill-Istat. Taqbel ma’ dawn il-preokkupazzjonijiet?

---

[100] Gwida speċifika dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku għas-servizzi soċjali filwaqt li ma ntnesietx id-diskrezzjoni wiesgħa li l-awtoritajiet pubbliċi jgawdu f'dan il-qasam ġiet ipprovduta fil-"Gwida dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat, l-akkwist pubbliku u s-suq intern lis-servizzi ta’ interess ekonomiku ġenerali u b’mod partikolari, lis-servizzi soċjali ta’ interess ġenerali" (SEC(2010)1545) li taġġorna d-Dokument ta’ Ħidma tal-Personal tal-Kummissjoni, Frequently Asked Questions concerning the application of public procurement rules to social services of general interest (Mistoqsijiet Rikorrenti dwar l-appikazzjoni tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku lis-servizzi soċjali ta’ interess ġenerali), SEC(2007) 1514, 20.11.2007.

| | |
|---|---|
| 97.2. | Temmen li aspetti oħra tal-akkwist tas-servizzi soċjali għandhom ikunu anqas regolati (pereżempju permezz ta' livelli limitu ogħla jew regoli tat-tip de minimis għal tali servizzi)? X'inhi l-ġustifikazzjoni għal tali trattament speċjali tas-servizzi soċjali? |

## 5. ŻGURAR TA' PROĊEDURI TAJBA

Ir-riskji finanzjarji involuti u l-interazzjoni mill-qrib bejn is-setturi pubbliċi u privati jagħmlu l-akkwist pubbliku qasam riskjuż għal prattiki tan-negozju mhux tajbin, bħall-kunflitt tal-interessi, il-favoritiżmu u l-korruzjoni. Fl-istess linja ta' ħsieb, il-programm ta' Stokkolma[101] jsemmi l-akkwist pubbliku bħala qasam ta' attenzjoni speċjali fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

Mekkaniżmi effikaċi għall-prevenzjoni ta' prattiki tan-negozju ħżiena fl-akkwist pubbliku mhux biss huma meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta fuq bażi ugwali u għall-garanzija tal-użu effiċjenti tal-flus tal-kontribwenti, iżda dawn jistgħu jagħmlu wkoll kontribuzzjoni konsiderevoli lejn is-suċċess tal-ġlieda ġenerali kontra r-reati ekonomiċi.

Ir-rekwiżiti stabiliti fid-Direttivi dwar it-trasparenza tal-proċedura sabiex jiggarantixxu trattament ugwali tal-offerenti kollha diġà qed jimminimizzaw ir-riskji ta' prattiki tan-negozju ħżiena. Madankollu, id-Direttivi attwali ma jinkludux regoli iżjed speċifiċi għall-prevenzjoni u s-sanzjonar tal-kunflitti tal-interessi, u għandhom ftit regoli speċifiċi li jippenalizzaw il-favoritiżmu u l-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku. Dawn il-kwistjonijiet huma indirizzati b'mod iżjed partikolari fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, iżda l-livell ta' salvagwardji speċifiċi offruti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali jvarjaw ħafna bejn l-Istati Membri.

Iż-żieda tal-garanziji proċedurali kontra prattiki ħżiena fil-livell tal-UE tista' ttejjeb l-istandard komuni Ewropew ta' protezzjoni kontra tali prattiki, iżżid is-sens ta' ġustizzja ġenerali tal-proċeduri u tagħmel il-proċessi tal-akkwist anqas vulnerabbli għall-frodi u l-korruzzjoni. Madankollu, tali garanziji addizzjonali ħafna drabi jinvolvu piżijiet amministrattivi addizzjonali għall-akkwirenti u l-impriżi, u l-valur miżjud tagħhom fil-ġlieda kontra prattiki tan-negozju ħżiena għandu jiġi peżat b'attenzjoni kontra impatti potenzjalment negattivi fuq l-objettivi ġenerali ta' simplifikazzjoni tal-proċeduri.

### 5.1. Prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess

Il-kunċett tal-kunflitti ta' interess jikkaratterizza sitwazzjoni fejn persuni involuti fid-deċiżjoni tal-għoti tal-kuntratt ikollhom obbligi professjonali jew personali jew interessi personali jew finanzjarji li jikkompetu li jistgħu jagħmluha diffiċli għalihom li jissodisfaw id-doveri tagħhom b'mod ġust u imparzjali, jew fejn persuna tkun f'pożizzjoni li tinfluwenza l-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-awtorità kontraenti sabiex tavvanza l-interessi tagħha. Tali kunflitt ta' interess mhux neċessarjament iwassal għal korruzzjoni, iżda jista' jwassal għal imġiba korrotta. L-identifikazzjoni u s-soluzzjoni tal-kunflitti ta' interess għalhekk huma importanti għall-prevenzjoni tal-frodi. Għandu jkun enfasizzat li kunflitt ta' interess jikkostitwixxi, oġġettivament u minnu nnifsu, irregolarità serja irrispettivament mill-intenzjonijiet tal-partijiet konċernati u jekk humiex qed jaġixxu in bona fede jew le[102].

101 Dokument tal-Kunsill 17024/09 adottat mill-Kunsill Ewropew fl-10/11 ta' Diċembru 2009.

102 Ara s-sentenza tal-15 ta' Ġunju 1999 fil-Kawża T-277/97 Ismeri Europa Srl vs Il-Qorti tal-Awdituri, il-punt 123, dwar ir-regoli tal-akkwist mill-istituzzjonijiet tal-UE.

Għandu jkun hemm dibattitu dwar jekk humiex meħtieġa regoli bażiċi fil-livell tal-UE, bħal definizzjoni komuni ta' sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess inaċċettabbli u ċerti salvagwardji għall-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' tali sitwazzjonijiet[103]. Dawn is-salvagwardji jistgħu jinkludu l-ħtieġa ta' dikjarazzjonijiet ta' assenza ta' kunflitt ta' interess kif ukoll ċertu livell ta' trasparenza u responsabilità tal-uffiċjali tal-akkwist fir-rigward tas-sitwazzjoni personali tagħhom, naturalment b'konfirmità sħiħa mar-regoli u l-istandards dwar il-protezzjoni tad-dejta. Pereżempju, ir-regoli tal-UE jagħmlu obbligatorju d-divulgazzjoni tal-ismijiet tal-membri tal-kumitat ta' evalwazzjoni lil korp ta' kontroll, jew li jiġi introdott rekwiżit għall-awtorità kontraenti li tivverifika li ma jkunx hemm kunflitti ta' interess meta jkun qed jiġi stabilit il-kumitat ta' evalwazzjoni.

**Mistoqsijiet:**

98. Inti favur l-introduzzjoni ta' definizzjoni tal-UE ta' kunflitt ta' interess fl-akkwist pubbliku? Liema attivitajiet/sitwazzjonijiet li jinvolvu riskju potenzjali għandhom ikunu koperti (relazzjonijiet personali, interessi tan-negozju bħal ishma azzjonarji, inkompatibilitajiet ma' attivitajiet esterni / eċċ.)?

99. Taħseb li hemm bżonn ta' salvagwardji għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u s-soluzzjoni b'mod effikaċi ta' sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess fil-livell tal-UE? Jekk iva, x'tip ta' salvagwardji jidhirlek li huma utli?

## 5.2. Ġlieda kontra l-favoritiżmu u l-korruzzjoni

Is-swieq tal-akkwist, u speċjalment proġetti kbar ta' xogħlijiet, ħafna drabi huma meqjusin bħala mira li trendi sew għal tixħim potenzjali. Għandu jiġi enfasizzat ukoll li l-integrità tal-proċess hija perikolata mhux biss fil-każ ta' korruzzjoni, li huwa pjuttost ovvju, iżda wkoll b'mod iżjed ġenerali fil-każijiet kollha ta' favoritiżmu anki jekk dawn mhux neċessarjament jinvolvu mġiba korrotta, eż. favoritiżmu muri lejn kanditat lokali. Ix-xenarji ta' korruzzjoni l-aktar komuni li jistgħu jseħħu fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku huma l-hekk imsejħa "buqxiex" (jiġifieri ħlas ta' tixħima bħala kumpens għall-uffiċjal li influwenza l-proċess tal-akkwist), il-manipulazzjoni tad-dokumenti tas-sejħa għall-offerti biex jiffavorixxu offerent speċifiku, u l-użu ta' kumpaniji ta' kopertura/intermedji li jkopru l-attivitajiet illegali tal-uffiċjal korrott.

Ir-regoli dwar l-akkwist ta' ħafna Stati Membri fihom mekkaniżmi maħsuba speċifikament biex jipprevjenu u jiġġieldu l-korruzzjoni u l-favoritiżmu. Bl-istess mod bħal fil-każ tal-kwistjoni tal-kunflitti ta' interess, għandha ssir analiżi dwar jekk ċerti salvagwardji speċifiċi għandhomx jiġu integrati fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, sakemm ma jinħolqux piżijiet amministrattivi sproporzjonati. Madankollu, għandu jiġi mfakkar li mhux biss il-korruzzjoni hija kwistjoni sensittiva ħafna għall-Istati Membri, iżda wkoll li l-problemi fattwali f'dan il-qasam kif ukoll is-soluzzjonijiet potenzjali jiddependu fuq il-kulturi nazzjonali amministrattivi u tan-negozju – li jvarjaw ħafna. Konsegwentement, jista' jkun diffiċli li jinstabu soluzzjonijiet kumplessivi tajbin għal kulħadd biex jiġu stabiliti fil-livell tal-UE.

---

103 Ara, pereżempju, ir-regoli stipulati għall-akkwisti mill-istituzzjonijiet tal-UE: l-Artikolu 52 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, u l-każistika rilevanti, notevolment is-sentenzi tad-9 ta' Lulju 2002 fil-Kawża T-21/01 Zavvos vs Il-Kummissjoni, u tas-17 ta' Marzu 2005 fil-Kawża T-160/03 AFCon Management Consultants vs Il-Kummissjoni.

Ħafna drabi jiġi propost li l-korruzjoni fl-akkwist pubbliku għandha tiġi ttrattata billi jiżdied il-livell ta' trasparenza konċernat, b'mod partikolari, id-deċiżjonijiet meħudin mill-uffiċjali tal-akkwist matul il-proċedura. Dan għandu jippermetti lill-kandidati u possibbilment lill-pubbliku ġenerali biex jiskrutinizza d-deċiżjonijiet tal-uffiċjali pubbliċi u b'hekk jaġixxi bħala strument effiċjenti kontra l-korruzzjoni. Tali żieda fit-trasparenza tista', pereżempju, tiġi introdotta għall-ftuħ tal-offerti jew għall-pubblikazzjoni obbligatorja tar-rapporti li jiddokumentaw il-proċess tal-akkwist. Il-piż amministrattiv addizzjonali ta' tali miżura jkun pjuttost limitat, għaliex l-awtoritajiet kontraenti diġà huma obbligati jippreparaw dawn ir-rapporti[104]. Fl-istess mod, il-pubblikazzjoni tal-kuntratti konklużi (bil-preparazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva) tista' twassal għal skrutinju demokratiku aħjar tad-deċiżjonijiet ta' akkwist.

Jista' jkun previst ukoll l-iżvilupp ta' għodod speċifiċi, bħal sistemi ta' notifika ta' frodi bbażati fuq freephone jew l-Internet biex jinkoraġġixxu lill-parteċipanti jew persuni oħra jipprovdu informazzjoni dwar kwalunkwe azzjoni abbużiva jew irregolarità. L-avviż tal-kuntratt, is-sit tal-internet tal-awtorità kontraenti u mezzi oħra ta' pubblikazzjoni jistgħu jinkludu referenzi għal tali sistema li permezz tagħha l-awtorità kontraenti jew l-awtorità superviżorja tista' tirċievi informazzjoni minn sorsi anonimi jew identifikati.

L-użu tal-prattiki bħala strumenti eżistenti li jtejbu l-immaniġjar tajjeb u trasparenti taċ-ċiklu kollu tal-akkwist għandu jitħeġġeġ. F'dan il-kuntest l-iżvilupp ta' listi ta' indikaturi bil-bnadar ħomor jista' jkun utli, minkejja l-limitazzjonijiet magħrufa[105]. Il-promozzjoni ta' regoli ċari dwar ir-rapportar tar-rekwiżiti u dwar il-protezzjoni tal-gażżajja jista' jkun utli għall-infurzar ta' prattiki ta' rapportar iżjed effiċjenti. L-użu ta' osservaturi esterni (eż. esperti ta' governanza, NGOs, eċċ) jista' jżid il-valur tal-għodod tal-kontroll intern fil-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-kuntratturi, kif ukoll jgħin jiskopri u jirrapporta każijiet suspettużi.

L-użu tal-mekkaniżmi eżistenti ta' evalwazzjoni għall-monitoraġġ tal-konformità mal-istrumenti rilevanti internazzjonali li jinkludu dispożizzjonijiet dwar il-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku jista' jitqies ukoll[106].

Fl-aħħar, il-limitazzjoni tad-diskrezzjoni tal-awtoritajiet kontraenti għal ċerti aspetti tista' trendi aktar diffiċli l-istabiliment ta' deċiżjonijiet dwar il-prattika li mhumiex ġustifikati fuq raġunijiet oġġettivi u għalhekk tipprevjeni l-favoritiżmu (pereżempju, billi tillimita d-diskrezzjoni tal-awtoritajiet kontraenti għar-revoka tal-proċeduri). Madankollu, tali miżuri ma għandhomx ifixklu l-ispazju ta' manuvrar li l-awtoritajiet kontraenti jeħtieġu sabiex jixtru oġġetti u servizzi adattati għall-bżonnijiet speċifiċi tagħhom.

**Mistoqsijiet:**

100. Taqbel li s-swieq tal-akkwist huma esposti għal riskju ta' korruzjoni u favoritiżmu? Taħseb li hija meħtieġa azzjoni tal-UE f'dan il-qasam jew din għandha titħalla f'idejn l-Istati Membri biss?

101. Fil-fehma tiegħek, x'inhuma r-riskji kruċjali għall-integrità ta' kull wieħed mill-istadji differenti tal-proċess tal-akkwist pubbliku (id-definizzjoni tas-suġġett, il-

104 L-Artikolu 43 tad-Direttiva 2004/18/KE.

105 Karta ta' Riċerka fil-Politika tal-Bank Dinji nru. 5243, tad-29 ta' Marzu 2010.

106 Notevolment il-Konvenzjoni tal-OECD dwar il-Ġlieda kontra t-Tixħim tal-Uffiċjali Pubbliċi Barranin fit-Transazzjonijiet Kummerċjali Internazzjonali u l-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni.

preparazzjoni tas-sejħa għall-offerti, l-istadju tal-għażla, l-istadju tal-għoti, il-eżekuzzjoni tal-kuntratt)?

102. Liema mir-riskji identifikati għandhom, fl-opinjoni tiegħek, jiġu indirizzati bl-introduzzjoni ta' regoli iżjed speċifiċi/addizzjonali fid-Direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, u kif (liema regoli/salvagwardji)?

103. Xi strumenti addizzjonali jistgħu jiġu stipulati bid-Direttivi biex jittrattaw il-kriminalità organizzata fl-akkwist pubbliku? Inti favur, pereżempju, l-istabiliment ta' kontroll ex ante fuq is-sottokuntrattar?

### 5.3. Esklużjoni ta' offerenti "ħżiena"

L-esklużjoni ta' offerenti li huma ħatja ta' korruzzjoni u, b'mod iżjed ġenerali, imġiba ħażina professjonali ("esklużjoni") hija arma b'saħħitha biex tikkastiga – kif ukoll sa ċertu punt evitata – imġiba tan-negozju ħażina. L-Artikolu 45 tad-Direttiva 2004/18/KE diġà jistabilixxi obbligu biex jiġu esklużi offerenti li nstabu ħatja ta' ċerti reati elenkati (notevolment il-korruzjoni), kif ukoll il-possibilità li jiġu esklużi offerenti għal numru ta' prattiki oħra tan-negozju mhux tajbin (inkluża "imġiba ħażina gravi professjonali").

Madankollu, numru ta' kwistjonijiet relatati mal-ambitu, l-interpretazzjoni, it-traspożizzjoni u l-applikazzjoni prattika ta' din id-dispożizzjoni jibqgħu miftuħin, u l-Istati Membri u l-awtoritajiet kontraenti talbu kjarifika ulterjuri.

Għandu jiġi eżaminat b'mod partikolari jekk ir-raġunijiet għall-esklużjoni fl-Artikolu 45 humiex xierqa, ċari biżżejjed (notevolment ir-raġuni tal-esklużjoni ta' "imġiba ħażina professjonali"), humiex eżawrjenti biżżejjed, jew jekk għandhomx jiġu introdotti raġunijiet għall-esklużjoni ulterjuri. L-awtoritajiet kontraenti jidhru wkoll li qed jiffaċċjaw diffikultajiet prattiċi meta jipprovaw jiksbu l-informazzjoni kollha rilevanti dwar is-sitwazzjoni personali tal-offerenti u tal-kandidati stabiliti fi Stati Membri oħra u l-eliġibilità tagħhom skont il-liġi nazzjonali tagħhom.

Barra minn hekk, l-ambitu għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali fuq raġunijiet ta' esklużjoni probabbilment jeħtieġ li jiġi ċċarat. Il-provvediment għal Stati Membri biex jintroduċu raġunijiet addizzjonali għall-esklużjoni fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom jista' jippermettilhom jittrattaw problemi speċifiċi ta' imġiba tan-negozju ħażina marbuta mal-kuntest nazzjonali b'mod iżjed effikaċi. Mill-banda l-oħra, ir-raġunijiet speċifiċi nazzjonali għall-esklużjoni dejjem jinvolvu riskju ta' diskriminazzjoni kontra l-offerenti barranin u jistgħu jipperikolaw il-prinċipju ta' kundizzjonijiet ugwali fl-Ewropa.

Kwistjoni importanti li d-Direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku ma jittrattawx hija dwar dawk li huma magħrufa bħala miżuri ta' "awtoregolazzjoni", jiġifieri miżuri meħudin mill-operatur ekonomiku interessat biex jirrimedja sitwazzjoni negattiva li tkun qed taffettwa l-eliġibilità tiegħu/tagħha. L-effikaċa tagħhom tiddependi fuq l-aċċettazzjoni tagħhom mill-Istati Membri. Il-kwistjoni ta' "miżuri ta' awtoregolazzjoni" toriġina mill-bżonn li jkun hemm bilanċ bejn l-implimentazzjoni tar-raġunijiet għall-esklużjoni u r-rispett għall-proporzjonalità u t-trattament ugwali. Il-konsiderazzjoni ta' miżuri ta' awtoregolazzjoni tista' tgħin lill-awtoritajiet kontraenti jwettqu valutazzjoni oġġettiva u aħjar tas-sitwazzjoni tal-kandidat jew tal-offerent sabiex jiddeċiedu dwar l-esklużjoni tiegħu mill-proċedura tal-akkwist.

L-Artikolu 45 jippermetti lill-Istati Membri jikkunsidraw il-miżuri ta' awtoregolazzjoni safejn tali miżuri juru li t-tħassib dwar l-onestà professjonali, is-solvenza u l-affidabilità tal-kandidat

jew tal-offerent ġie eliminat. Madankollu, mhemmx regoli uniformi dwar l-"awtoregolazzjoni", anki jekk il-miżuri meħudin mill-operatur ekonomiku biex tissolva s-sitwazzjoni tal-esklużjoni jingħataw kunsiderazzjoni xorta waħda mill-awtoritajiet kontraenti f'ċerti Stati Membri.

Barra minn hekk, tqum il-kwistjoni dwar jekk l-UE għandhiex timponi espliċitament sanzjonijiet għat-tentattivi li jipperikolaw it-trasparenza u l-imparzjalità tal-proċedura tal-akkwist (eż. kandidati jew offerenti li jipprovaw jiksbu aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali jew li jinfluwenza b'mod mhux mistħoqq l-attività tal-awtorità kontraenti, bħall-fażijiet tal-għażla u tal-għoti). Tali sanzjonijiet jistgħu jikkonsistu, pereżempju, mit-tiċħid tal-kandidatura jew tal-offerta, sakemm id-deċiżjoni tiġi ssostanzjata kif dovut.

Ċerti forom serji ta' imġiba illegali, bħall-korruzzjoni jew kunflitti ta' interess mhux dikjarati deliberatament, għandhom ukoll jiġu penalizzati b'mod iżjed sever, eż. permezz ta' sanzjonijiet kriminali. L-Istati Membri diġà huma meħtieġa jiddisponu sanzjonijiet kriminali fil-każ ta' korruzzjoni tal-uffiċjali tagħhom. L-adegwatezza li jiġu disposti standards minimi b'rabta mas-sanzjonijiet trid tiġi vvalutata fid-dawl tad-dimensjoni tar-reat u tal-prinċipji tan-neċessità, is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità[107].

**Mistoqsijiet:**

104. Taħseb li l-Artikolu 45 tad-Direttiva 2004/18/KEE dwar l-esklużjoni tal-offerenti huwa strument utli għas-sanzjonar tal-imġiba tan-negozju ħażina? X'titjib għal dan il-mekkaniżmu u/jew mekkaniżi alternattivi tipproponi?

105. Kif tista' tissaħħaħ il-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet kontraenti fil-kisba tal-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni personali tal-kandidati u tal-offerenti?

106. Taħseb li l-kwistjoni tal-"miżuri ta' awtoregolazzjoni" għandha tiġi indirizzata espressament fl-Artikolu 45 jew għandha tiġi rregolata biss fil-livell nazzjonali?

107. Deċiżjoni raġonata li tiġi miċħuda offerta jew applikazzjoni hija sanzjoni xierqa sabiex tittejjeb l-osservanza tal-prinċipju ta' trattament ugwali?

108. Taħseb li fid-dawl tat-Trattat ta' Lisbona, standards minimi għas-sanzjonijiet kriminali għandhom jiġu żviluppati fil-livell tal-UE, f'ċirkostanzi partikolari, bħall-korruzzjoni jew kunflitti ta' interessi misturin?

## 5.4. Evitar ta' żvantaġġi inġusti

Fl-aħħar, jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn, fl-assenza ta' kwalunkwe sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess jew ta' prattiki tan-negozji ħżiena, il-ġustizzja tal-proċedura tista' tiġi pperikolata peress li ċerti offerenti jkunu f'sitwazzjoni vantaġġuża. Pereżempju, l-involviment preċedenti tal-kandidat jew tal-offerent f'attivitajiet preparatorji marbuta mal-iżvilupp tas-servizz li jrid jiġi akkwistat (bħal riċerka u/jew disinn) jista' jagħti vantaġġi konsiderevoli lill-offerent f'termini ta' informazzjoni priviliġġata u għalhekk jista' jwassal għal preokkupazzjonijiet dwar l-osservanza tal-prinċipju ta' trattament ugwali[108].

---

107 Dwar il-kompetenza tad-dritt kriminali funzjonali tal-UE, ara l-Kawża C-440/05, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, para 66.

108 Ara l-Kawżi Konġunti C-21/03 u C-34/03, Fabricom.

Il-kwistjoni hawnhekk hija safejn il-vantaġġi jistgħu jkunu kkumpensati mingħajr ma jkun hemm diskriminazzjoni kontra l-offerent involut. Li sempliċement jiġu esklużi l-offerenti li pparteċipaw fil-preparazzjoni tal-proġett probabbli tkun reazzjoni sproporzjonata, u tista' ma tkunx fattibbli fil-prattika, speċjalment meta jkun hemm ftit kompetituri kwalifikati fis-suq konċernat. Kumpens sinifikanti jista' jikkonsisti, pereżempju, f'obbligu ta' divulgazzjoni lill-offerenti kompetituri kollha ta' kwalunkwe informazzjoni privileġġata li l-offerent vantaġġat jista' jkun kiseb minn assoċjazzjoni preċedenti mal-proġett.

Kwistjoni aktar delikata hija l-problema tal-vantaġġi naturali tal-offerenti diġà involuti, li huma aktar diffiċli biex jiġu identifikati sew u kumpensati. Għal darb'oħra, d-divulgazzjoni obbligatorja ta' ċerta informazzjoni privileġġata tista' tkun xierqa sabiex jiġu mmitigati r-riskji ta' diskriminazzjoni, sakemm l-informazzjoni li tkun kummerċjalment sensittiva tiġi protetta b'mod xieraq.

**Mistoqsijiet:**

109. Għandu jkun hemm regoli speċifiċi fil-livell tal-UE biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-vantaġġi ta' ċerti offerenti minħabba l-assoċjazzjoni preċedenti tagħhom mad-disinn tal-proġett li jkun s-suġġett tal-offerti? X'salvagwardji tipproponi?

110. Taħseb li l-problema tal-vantaġġi possibbli tal-offerenti diġà involuti teħtieġ tiġi indirizzata fil-livell tal-UE u, jekk iva, kif?

## 6. AĊĊESS GĦAL FORNITURI TA' PAJJIŻI TERZI GĦAS-SUQ TAL-UE

L-impenji internazzjonali meħuda mill-UE fil-qasam tal-akkwist huma riflessi fid-dispożizzjonijiet differenti fid-Direttivi.

Il-Premessa 7 tad-Direttiva 2004/18/KE u l-Premessa 14 tad-Direttiva 2004/17/KE jirreferu espressament għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE, li approvat Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi tal-ODK. Din tgħid li "l-arranġamenti li għandhom jiġu mħaddna għal dawk li jagħmlu l-offerti[l-offerenti] u l-prodotti mal-istati terzi firmatarji huma dawk definiti bil-Ftehim". Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet relatati mal-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi huma riflessi fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2004/18/KE u fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2004/17/KE. Bħala riżultat, l-operaturi ekonomiċi li ġejjin minn pajjiżi firmatarji tal-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi għandhom igawdu l-istess trattament bħal operaturi ekonomiċi Ewropej taħt il-kundizzjonijiet stabiliti fil-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi, b'mod partikolari l-Appendiċi 1 tal-UE li jinkludi l-impenji kollha tal-UE taħt il-Ftehim.

Barra minn hekk, fl-oqsma fejn l-UE ma impenjatx ruħha internazzjonalment, l-Artikolu 58 tad-Direttiva 2004/17/KE jintroduċi preferenza Komunitarja fl-akkwist tal-oġġetti, u l-Artikolu 59 tal-istess Direttiva jippermetti l-possibilità ta' restrizzjoni ta' aċċess għas-suq tal-akkwist tal-utilitajiet tal-UE.

Reċentement, ħafna partijiet interessati ġibdu l-attenzjoni dwar il-fatt li s-suq tal-akkwist tal-UE huwa iżjed miftuħ mis-swieq tal-akkwist tas-sħab tagħna internazzjonali. Bħala riżultat, il-kumpaniji tal-UE mhux dejjem jikkompetu fuq livell ugwali ma' kumpaniji barranin. Barra minn hekk, din is-sitwazzjoni għandha effett negattiv fuq il-pożizzjoni ta' negozjar tal-UE fin-negozjati internazzjonali għal aċċess akbar għas-swieq. Għalhekk huwa neċessarju li ssir riflessjoni dwar il-politika tal-UE dwar l-akkwist pubbliku fil-konfront ta' pajjiżi terzi u dwar l-użu tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq u dwar it-titjib possibbli.

Dan huwa relatat mad-dibatitu kontinwu dwar il-modi possibbli għat-tisħiħ tal-ingranaġġ tal-UE fin-negozjati internazzjonali bil-għan li jiġi żgurat aċċess iżjed bilanċjat u reċiproku għas-swieq tal-akkwist tal-UE u barranin. Il-Kummissjoni bħalissa qed twettaq valutazzjoni tal-impatt li teżamina l-alternattivi varji possibbli ta' politika, imsejsa fuq l-implimentazzjoni tal-impenji internazzjonali tagħna bħall-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi, kif ukoll b'rabta mal-pajjiżi terzi li magħhom l-UE għad ma għandhiex ftehimiet bħal dawn.

**Mistoqsijiet:**

111. X'inhuma l-esperjenzi tiegħek u/jew il-fehmiet tiegħek dwar il-mekkaniżmi stabiliti fl-Artikoli 58 u 59 tad-Direttiva 2004/17/KE?

111.1. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom bżonn jittejbu iżjed? Jekk iva, kif? Jista' jkun xieraq li jitwessa' l-ambitu ta' dawn id-dispożizzjonijiet lil hinn mill-qasam tal-akkwist tal-utilitajiet?

112. X'mekkaniżmi oħra tipproponi biex tinkiseb simetrija mtejba fl-aċċess għas-swieq tal-akkwist?

***

Din il-Ktiba Ħadra titratta l-kwistjonijiet li ġew identifikati mill-Kummissjoni bħala aspetti importanti ta' riforma futura tal-politika tal-UE dwar l-akkwist pubbliku. Jista' jkun hemm suġġetti prinċipali oħra li mhumiex indirizzati fil-Ktiba Ħadra imsemmija hawn fuq. Barra minn hekk, ikun interessanti li nisimgħu mill-partijiet interessati liema mis-suġġetti msemmija jqisu l-aktar importanti u liema kwistjonijiet jidhru li huma l-anqas rilevanti għal riforma futura. Għalhekk, il-partijiet kollha huma mistiedna jwieġbu għall-mistoqsijiet hawn taħt.

**Mistoqsijiet:**

113. Hemm xi kwistjonijiet oħra li taħseb li għandhom jiġu indirizzati f'riforma futura tad-Direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku? Liema kwistjonijiet huma dawn, x'inhuma – fil-fehma tiegħek – il-problemi li għandhom jiġu indirizzati u x'jistgħu jkunu s-soluzzjonijiet għal dawn il-problemi?

114. Jekk jogħġbok ikklassifika l-importanza tal-kwistjonijiet varji msemmija f'din il-Ktiba Ħadra u kwistjonijiet oħra li jidhirlek importanti. Kieku kellek tagħżel tliet kwistjonijiet ta' prijorità biex jiġu trattati l-ewwel, liema tagħżel? Jekk jogħġbok agħti spjegazzjoni għall-għażla tiegħek.

***

Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet interessati kollha jissottometti l-kontributi tagħhom qabel it-18 ta' April 2011, preferibbilment bil-posta elettronika u f'format Word lil MARKT-CONSULT-PP-REFORM@ec.europa.eu.

Dawn il-kontribuzzjonijiet mhemmx bżonn ikopru l-kwistjonijiet kollha mqajma f'dan id-dokument. Dawn jistgħu jkunu limitati għal kwistjonijiet ta' interess partikolari għalik. Jekk jogħġbok indika b'mod ċar l-aspetti li magħhom huma relatati l-kontributi tiegħek.

Il-kontributi li jaslu, flimkien mal-identità tal-kontributur, ser jiġu ppubblikati fuq l-Internet, sakemm il-kontributur ma joġġezzjonax għall-pubblikazzjoni tad-dejta personali abbażi li tali

pubblikazzjoni tista' tippreġudika l-interess leġittimu tiegħu. F'dak il-każ il-kontribut jista' jiġi ppubblikat f'forma anonima. Inkella l-kontribut la jiġi ppubblikat u lanqas, fil-prinċipju, il-kontenut tiegħu ma jiġi kkunsidrat.